32004L0026

L 225/3 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 25.6.2004

# ID-DIRETTIVA 2004/26/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-21 ta' April 2004

## li temenda d-Direttiva 97/68/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardjaw il-miżuri kontra l-emissjoni pollutanti gassużi u partikolati mill-magni tal-kombustjoni nterna li għandhom ikunu mmuntati f'makkinarju ambulanti li mhux tat-triq

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment Artikolu 95 tiegħu.

Wara li kunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Jaġixxu bi qbil mal-proċedura stabbilita f'Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Id-Direttiva 97/68/KE ([3]) timplementa żewġ stadji tal-valuri tal-limiti ta' l-emissjoni għal magna bit-tkebbis tal-kompressjoni u titlob lill-Kummissjoni li tipproponi għal aktar tnaqqis, billi jkunu meqjusa d-disponabbiltà globali tat-teknika għall-kontroll ta' l-emissjonijiet li jniġġsu l-arja minn magni tat-tkebbis tal-kompressjoni u s-sitwazzjoni tal-kwalità ta' l-arja.

(2) Il-programm *auto-oil* ikkonkluda li aktar miżuri jeħtieġu li jittieħdu għat-titjib tal-ġejjini tal-kwalità ta' l-arja tal-Komunità, speċjalment f'dak li jirrigwardja l-formazzjoni ta' l-ożonju u l-emissjoni tal-materja tal-partikolati.

(3) It-teknoloġija avanzata għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet mill-magni tat-tkebbis bil-kompressjoni għal vetturi ta' fuq it-toroq hija diġa disponibbli sa ċertu limitu u tali teknoloġija għandha, fuq medda wiesgħa, tkun applikata fis-settur li m'għandux x'jaqsam mat-toroq.

(4) Għad hemm xi inċertezzi li jirrigwardjaw l-effettività ta' l-ispiża ta' l-użu ta' l-apparat ta' wara t-trattament sabiex ikunu mnaqqsa l-emissjonijiet tal-materja tal-partikolati (PM) u l-ossidini tan-nitroġenu (Nox). Reviżjoni teknika għandha tkun imwettqa qabel il-31 ta' Diċembru 2007 u, meta xieraq, l-eżenzjonijiet jew dati mtawlin għad-dħul fis-seħħ għandhom ikunu konsidrati.

(5) Proċedura tat-test transjenti hija meħtieġa sabiex tkopri l-kondizzjonijiet operazzjonali wżati għal dan it-tip ta' makkinarju matul il-kondizzjonijiet attwali tax-xogħol. It-test għandu għalhekk jinkludi, fil-proporzjoni xieraq, l-emissjonijiet minn magna li ma tkunx għadha saħnet.

(6) Permezz tal-għażla ta' kif jinzerta tal-kondizzjonijiet tat-tagħbija fi ħdan medda operattiva definita, l-valuri tal-limitu m'għandhomx ikunu misbuqa b'aktar minn persentaġġ xieraq.

(7) Aktar minn hekk, l-użu ta' apparati tal-kontroll u l-istrateġiji tal-kontroll ta' l-emissjoni mhux razzjonali għandhom ikunu miżmuma.

(8) Il-pakkett propost tal-valuri tal-limiti għandu jkunu imqarreb, kemm jista jkun possibbli fuq l-iżviluppi fl-Istati Uniti bħala li joffri lill-manifatturi tas-suq globali għall-kunċett tal-magni tagħhom.

(9) In-normi ta' l-emissjonijiet għandhom ikunu applikati dwar l-applikazzjonijiet għall-ferroviji u l-kanali interni sabiex jgħinu fit-tħeġġiġ ta' moduli tat-trasport li jkunu affidabbli ma' l-ambjent.

(10) Meta l-makkinarji ambulanti mhux-tat-triq ikunu konformi ma valuri limitanti tal-ġejjin aktar kmieni milli mil-limitu taż-żmien, għandu jkun possibbli li jkun indikat li dan ikun il-każ.

([1]) ĠU C 220, 16.9.2003, p. 16.
([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Ottubru 2003 (għadu mhux pubblikat fil-Gurnal Ufficjali). Decizjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2004 (għadha mhix pubblikata fil-Gurnal Ufficjali).
([3]) ĠU L 59, 27.2.1998, p.1 Direttiva kif l-aħħar emendata minn Direttiva 2002/88/KE (ĠU L 35, 11.2.2003, p.28).

(11) Minħabba t-teknoloġija meħieġa sabiex tilħaq l-Istadju III B u IV, il-limiti għal PM u l-emissjonijiet Nox, il-kontenut tal-kubrit fil-karburanti għandu jkun imnaqqas mil-livelli preżenti f'ħafna mill-Istati Membri. Karburant ta' referenza li jirrefletti s-sitwazzjoni tas-suq tal-karburanti għandu jkun definit.

(12) L-imġieba ta' l-emissjonijiet matul il-ħajja utili sħiħa tal-magna hija importanti. Ħtiġiet tad-durabilità għandhom ikunu introdotti sabiex ikun evitat it-tħassir ta' l-imġieba ta' l-emissjoni.

(13) Huwa meħtieġ li jkunu introdotti arranġamenti speċjali għall-manifatturi ta' l-apparat sabiex ikollhom iż-żmien li jiddisinjaw il-prodotti tagħhom u li jkunu jistgħu jitrattaw ma serja żgħira tal-produzzjoni.

(14) Ladarba l-objettiva ta' din id-Direttiva, f'dan il-kaz li ttejjeb is-sitwazzjoni futura tal-kwalità ta' l-arja, ma tistax tintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri ladarba l-limitazzjonijiet meħtieġa ta' l-emissjoni li jikkonċernaw il-prodotti għandhom ikunu regolati fil-livell tal-Komunità, l-Komunità tista tadotta miżuri, bi qbil mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit f'Artikolu 5 tat-Trattat. Bi qbil mal-prinċipji ta' proporzjonalità, kif stabbiliti f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx 'il hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(15) Direttiva 97/68/KE għandha għalhekk tkun emendata kif xieraq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Direttiva 97/68/KE hija emendata kif ġej:

1. Dawn l-inċiżi li ġejjin huma miżjuda ma' Artikolu 2:

"— 'barkun tal-kanali interni' ifisser dgħajsa ntiża għall-użu fuq il-kanali interni li jkollha tul ta' 20 metru jew aktar u li jkollha volum ta' 100 $m^3$ jew aktar skond il-formula definita fl-Anness I, is-Sezzjoni 2, il-punt 2.8a, jew il-laneċ ta' l-irmonk jew dawk li jimbuttaw li kienu ġew mibnija sabiex jiġbru jew jimbottaw jew li jkaxkru inkella li jaslu maġenb dgħajjes ta' 20 metru jew aktar,

Did-definizzjoni ma tinkludix:

— dgħajjes intiżi għat-trasport tal-passiġġieri li jġorru mhux aktar minn 12 il-persuna b'żieda ma l-ekwipaġġ,

— dgħajjes tad-divertiment ta' tul li mhux anqas minn 24 metru (kif definit f'Artikolu 1(2) tad-Direttiva 94/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw dgħajjes tad-divertiment (*),

— dgħajjes li jipprovdu servizz għall-awtoritajiet tas-superviżjoni,

— dgħajjes tat-tifi tan-nar,

— dgħajjes navali,

— dgħajjes tas-sajd li huma fir-reġistru tad-dgħajjes tas-sajd tal-Komunità,

— dgħajjes li joħroġu f'ibħra miftuħa, inklużi ta' l-irmonk li joħorġu f'ibħa miftuħa u laneċ li jimbottaw li joperaw jew li huma ibbażati f'ilmijiet tal-marea jew temporanjament fuq kanali interni, basta li dawn ikollhom ċertifikat validu tan-navigazzjoni u tas-sigurtà kif definit fl-Anness I, is-Sezzjoni 2, il-punt 2.8b,

— 'Manifattur ta' l-apparat oriġinali (OEM)' għandha tfisser manifattur ta' tip ta' magna ambulanti mhux-tat-triq,

— 'Skema tal-flessibbiltà' għandha tfisser il-proċedura li tip-permetti manifatturi tal-magni biex jippreżentaw fis-suq, matul perjodu bejn żewġ stadji suċċessivi tal-valuri tal-limiti, numru limitat ta' magni, li għandhom ikunu stal-lati fuq makkinarju ambulanti mhux-tat-triq, li jkunu kon-formi biss ma' l-istadju preċedenti tal-limiti tal-valuri ta' l-emissjoni.

(*) ĠU L 164, 30.6.1994, p.15. Direttiva kif l-aħhar emendata minn Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1)."

2. Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) Dan it-test li ġej huwa miżjud fit-tmiem tal-paragrafu 2:

"L-Anness VIII għandu jkun emendat skond il-proċedura referuta f'Artikolu 15.";

(b) Il-paragrafu li ġej huwa miżjud:

"6. Magni tat-tkebbis bil-kompressjoni għall-użu apparti milli tal-propulsjoni tal-lokomotivi, trammijiet, u dgħajjes tal-kanali interni jistgħu jitqiegħdu fis-suq permezz ta' skema flessibbli bi qbil mal-proċedura referuta fl-Anness XIII b'żieda mal-paragrafi 1 sa 5.";

3. F'Artikolu 6, dan il-paragrafu li ġej huwa miżjud:

"5. Magni tat-tkebbis bil-kompressjoni preżentati fis-suq permezz ta' 'skema flessibbli' għandhom ikollhom tikketta b'konformità ma' l-Anness XIII.";

4. L-Artikolu li ġej huwa miżjud wara Artikolu 7:

"*Artikolu 7a*

**Dgħajjes tal-kanali nterni**

1. Id-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu applikabbli għall-magna li jridu jkunu stallati fid-dgħajjes tal-kanali interni. Il-paragrafi 2 u 3 m'għandhomx ikunu applikabbli sakemm l-ekwivalenza bejn il-ħtiġiet stabbiliti b'din id-Direttiva u dawk stabbiliti fil-*framework* tal-Konvenzjoni Mannheim għan-Navigazzjoni tax-Xmara Rhine tkun rikonoxxuta mill-Kummissjoni Centrali tan-Navigazzjoni fuq ix-Xmara Rhine (minn hawn 'il quddiem: CCNR) u l-Kummissjonji tkun infur-mata dwar dan.

2. Sat-30 ta' Ġunju 2007, l-Istati Membri ma jistgħux jiċħdu t-tqegħid fis-suq tal-magni li jilħqu l-ħtiġiet stabbiliti mis-CCNR stadju I, li l-valuri tal-limiti ta' l-emissjonijiet tagħhom huma stabbiliti fl-Anness XIV.

3. Sa mill-1 ta' Lulju 2007 u sad-dħul fis-seħħ ta' aktar settijiet ta' valuri ta' limitu li jkunu jirriżultaw minn aktar emendi ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri ma jistgħux jiċħdu t-tqegħid fis-suq tal-magni li jilħqu l-ħtiġiet stabbiliti bic-CCNR, stadju II, li l-valuti tal-limiti ta' l-emissjonijiet tagħhom huma stabbiliti fl-Anness XV.

4. Bi qbil mal-proċedura referuta f'Artikolu 15, l-Anness VII għandu jkun adattat għall-integrazzjoni ta' informazzjoni addizzjonali u speċifika li tista' tkun meħtieġa f'dak li jirrigwardja ċ-ċertifika ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' magna stallata fuq dgħajjes tal-kanali nterni.

5. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, għal dak li jikkonċerna d-dgħajjes tal-kanali interni, kwalunkwe magna awżiljarja b'qawwa ta' aktar minn 650 kW għandha tkun suġġetta għall-istess ħtiġiet bħal magni tal-propulsjoni.";

5. Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) It-Titolu huwa mibdul bi "Tqegħid fis-suq".

(b) Paragrafu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri ma jistgħux jiċħdu t-tqegħid fis-suq ta' magni; sew jekk diġa stallati u anki jekk le, f'makkinarju, li jilħaq il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva."

(c) Il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal wara paragrafu 2:

"2a. L-Istati Membri m'għandhomx joħorġu ċ-ċertifikat tal-Komunità għan-Navigazzjoni fil-Kanali Interni stabbilit bid-Direttiva tal-Kunsill 82/714/KE ta' l-4 ta' Ottunru 1982 li tistabbilixxi l-ħtiġiet tekniċi għad-dgħajjes tal-kanali interni (*) għal kwalunkwe dgħajsa li l-magni tagħha ma jkunux jilħqu l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva.

---

(*) ĠU L 301, 28.10.1982, p.1. Direttiva kif emendate bl-Att ta' Accessjoni ta' l-2003";

6. Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-frażi introduttorja ta' paragrafu 3 hija mibdula b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jiċħdu li jaghtu l-approvazzjoni għal tip ta' magna jew familja ta' magni u li joħrġu d-dokumenti kif deskritti fl-Anness VII, u għandhom jiċħdu li jaghtu xi approvazzjoni ta' tip ieħor għal makkinarju ambulanti mhux tat-triq, li fih il-magna, li tkun għadha mhux fis-suq, tkun immuntata.";

(b) Il-paragrafi li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara paragrafu 3:

"3a. APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-MAGNI TA' L-ISTADJU IIIA (MAGNI TAL-KATEGORIJI H, I, J u K)

L-Istati Membri għandhom jiċħdu li jaghtu l-approvazzjoni tat-tip għal tip ta' magna jew familja ta' magni u li joħrġu d-dokumenti kif deskritti fl-Anness VII, u għandhom jiċħdu li jaghtu xi approvazzjoni ta' tip ieħor għal makkinarju ambulanti mhux tat-triq, li fih il-magna, li tkun għadha mhux fis-suq, tkun immuntata:

— H: wara t-30 ta' Ġunju 2005 għal magni – apparti magni ta' veloċità kostanti – ta' potenza: 130 kW < P < 560 kW,

— I: wara l-31 ta' Diċembru 2005 għal magni – apparti magni ta' veloċità kostanti – ta' potenza: 75 kW < P < 130 kW,

— J: wara l-31 ta' Diċembru 2006 għal magni – apparti magni ta' veloċà kostanti – ta' potenza: 37 kW < P < 75 kW,

— K: wara l-31 ta' Diċembri 2005 għal magni – apparti magni ta' veloċità kostanti – ta' potenza: 19 kW < P < 37 kW,

fejn il-magna tonqos milli tilħaq il-ħtiġiet speċifikati f'din id-Direttiva u meta l-emissjonijiet tal-partikolati u gassusi ta' tniġġis mill-magna ma jkunux konformi mal-limiti tal-valuri kif stabbiliti fit-tabella fis-sezzjoni 4.1.2.4 ta' l-Anness I.

3b. APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-MAGNI TAL-VELOCITÀ KOSTANTI TA' L-ISTADJU IIIA (MAGNI TAL-KATEGORIJI H, I, J u K)

L-Istati Membri għandhom jiċħdu li jaghtu l-approvazzjoni għal tip ta' magna jew familja ta' magni u li joħrġu d-dokumenti kif deskritti fl-Anness VII, u għandhom jiċħdu li jaghtu xi approvazzjoni ta' tip ieħor għal makkinarju ambulanti mhux tat-triq, li fih il-magna, li tkun għadha mhux fis-suq, tkun immuntata:

— Magni ta' veloċità kostanti tip H: wara l-31 ta' Diċembru 2009 għal magni ta' potenza: 130 kW < P < 560 kW,

— Magni ta' veloċità kostanti tip I: wara l-31 ta' Diċembru 2009 għal magni ta' potenza: 75 kW < P < 130 kW,

— Magni ta' veloċità kostanti tip J: wara l-31 ta' Diċembru 2010 għal magni ta' potenza: 37 kW < P < 75 kW,

— Magni ta' veloċità kostanti tip K: wara l-31 ta' Diċembru 2009 għal magni ta' potenza: 19 kW < P < 37 kW,

fejn il-magna tonqos milli tilħaq il-ħtiġiet speċifikati f'din id-Direttiva u meta l-emissjonijiet tal-partikolati u gassusi ta' tniġġiz mill-magna ma jkunux konformi mal-limiti tal-valuri kif stabbiliti fit-tabella fis-sezzjoni 4.1.2.4 ta' l-Anness I.

3c. APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-MAGNI TA' L-ISTADJU IIIB (MAGNI TAL-KATEGORIJI L, M, N u P)

L-Istati Membri għandhom jiċħdu li jagħtu l-approvazzjoni għal tip ta' magna jew familja ta' magni u li joħrġu d-dokumenti kif deskritti fl-Anness VII, u għandhom jiċħdu li jagħtu xi approvazzjoni ta' tip ieħor għal makkinarju ambulanti mhux tat-triq, li fih il-magna, li tkun għadha mhux fis-suq, tkun immuntata:

— L: wara l-31 ta' Diċembru 2009 għal magni – apparti magni ta' veloċità kostanti – ta' potenza: 130 kW < P < 560 kW,

— M: wara l-31 ta' Diċembru 2010 għal magni – apparti magni ta' veloċità kostanti – ta' potenza: 75 kW < P < 130 kW,

— N: wara l-31 ta' Diċembru 2010 għal magni – apparti magni ta' veloċità kostanti – ta' potenza: 56 kW < P < 75 kW,

— P: wara l-31 ta' Diċembru 2011 għal magni – apparti magni ta' veloċità kostanti – ta' potenza: 37 kW < P < 56 kW,

fejn il-magna tonqos milli tilħaq il-ħtiġiet speċifikati f'din id-Direttiva u meta l-emissjonijiet tal-partikolati u gassusi ta' tniġġiz mill-magna ma jkunux konformi mal-limiti tal-valuri kif stabbiliti fit-tabella fis-sezzjoni 4.1.2.5 ta' l-Anness I.

3d. APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-MAGNI TA' L-ISTADJU IV (MAGNI TAL-KATEGORIJI Q u R)

L-Istati Membri għandhom jiċħdu li jagħtu l-approvazzjoni għal tip ta' magna jew familja ta' magni u li joħrġu d-dokumenti kif deskritti fl-Anness VII, u għandhom jiċħdu li jagħtu xi approvazzjoni ta' tip ieħor għal makkinarju ambulanti mhux tat-triq, li fih il-magna, li tkun għadha mhux fis-suq, tkun immuntata:

— Q: wara l-31 ta' Diċembru 2012 għal magni – apparti magni ta' veloċità kostanti – ta' potenza: 130 kW < P < 560 kW,

— R: wara t-30 ta' Settembru 2013 għal magni – apparti magni ta' veloċità kostanti – ta' potenza: 56 kW < P < 130 kW,

fejn il-magna tonqos milli tilħaq il-ħtiġiet speċifikati f'din id-Direttiva u meta l-emissjonijiet tal-partikolati u gassusi ta' tniġġiz mill-magna ma jkunux konformi mal-limiti tal-valuri kif stabbiliti fit-tabella fis-sezzjoni 4.1.2.6 ta' l-Anness I.

3e. APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-MAGNI TAL-PROPULSJONI TA' L-ISTADJU III A UŻATI FID-DGĦAJJES TAL-KANALI INTERNI (MAGNI TAL-KATEGORIJA V)

L-Istati membri għandhom jiċħdu li jagħtu l-approvazzjoni għat-tipi ta' magni jew familji ta' magni li ġejjin u li joħorġu d-dokument deskritt fl-Anness VII:

— V1:1: wara l-31 ta' Diċembru 2005 għal magni mil-potenza ta', jew aktar minn 37 kW u volum ta' spazzatura ta' anqas minn 0,9 litri kull ċilindru,

— V1:2: wara t-30 ta' Ġunju 2005 għal magni bil-volum ta' spazzatura ta', jew aktar minn 0,9 imma anqas minn 1,2 kull ċilindru,

— V1:3: wara t-30 ta' Ġunju 2005 għal magni bil-volum ta' spazzatura ta', jew aktar minn 1,2 imma anqas minn 2,5 kull ċilindru, u magna bil-potenza ta': 37 kW < P < 75 kW,

— V1:4: wara l-31 ta' Diċembru 2006 għal magni bil-volum ta' spazzatura ta, jew aktar minn 2,5 imma anqas minn 5 kull ċilindru,

— V2: wara l-31 ta' Diċembru 2007 għal magni bil-volum ta' spazzatura ta, jew aktar minn 5 litri kull ċilindru,

fejn il-magna tonqos milli tilħaq il-ħtiġiet speċifikati f'din id-Direttiva u meta l-emissjonijiet tal-partikolati u gassusi ta' tniġġis mill-magna ma jkunux konformi mal-limiti tal-valuri kif stabbiliti fit-tabella fis-sezzjoni 4.1.2.4 ta' l-Anness I.

3f. APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-MAGNI TAL-PROPULSJONI TA' L-ISTADJU III A UŻATI FIL-VAGUNI TA' FUQ IL-LINJI

L-Istati membri għandhom jiċħdu li jagħtu l-approvazzjoni għat-tipi ta' magni jew familji ta' magni li ġejjin u li joħorġu d-dokument deskritt fl-Anness VII:

— RC A: wara t-30 ta' Ġunju 2005 għal magni bil-potenza ta' aktar minn 130 kW

fejn il-magna tonqos milli tilħaq il-ħtiġiet speċifikati f'din id-Direttiva u meta l-emissjonijiet tal-partikolati u gassusi ta' tniġġiz mill-magna ma jkunux konformi mal-limiti tal-valuri kif stabbiliti fit-tabella fis-sezzjoni 4.1.2.4 ta' l-Anness I.

3g. APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-MAGNI TAL-PROPULSJONI TA' L-ISTADJU III B UŻATI FIL-VAGUNI TA' FUQ IL-LINJI

L-Istati membri għandhom jiċħdu li jagħtu l-approvazzjoni għat-tipi ta' magni jew familji ta' magni li ġejjin u li joħorġu d-dokument deskritt fl-Anness VII:

— RC B: wara l-31 ta' Diċembru 2010 għal magni bil-potenza ta' aktar minn 130 kW

jekk il-magna tonqos milli tilħaq il-ħtiġiet speċifikati f'din id-Direttiva u meta l-emissjonijiet tal-partikolati u gassusi ta' tniġġiz mill-magna ma jkunux konformi mal-limiti tal-valuri kif stabbiliti fit-tabella fis-sezzjoni 4.1.2.5 ta' l-Anness I.

3h. APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-MAGNI TAL-PROPULSJONI TA' L-ISTADJU III A UŻATI FIL-LOKOMOTIVI

L-Istati membri għandhom jiċħdu li jagħtu l-approvazzjoni għat-tipi ta' magni jew familji ta' magni li ġejjin u li joħorġu d-dokument deskritt fl-Anness VII:

— RL A: wara l-31 ta' Diċembru 2005 għal magni ta' potenza: 130 kW < P < 560 kW

— RH A: wara l-31 ta' Diċembru 2007 għal magni ta' potenza: 560 kW < P

fejn il-magna tonqos milli tilħaq il-ħtiġiet speċifikati f'din id-Direttiva u meta l-emissjonijiet tal-partikolati u l-gassijiet tat-tniġġiż mil-magna ma jkunux konformi mal-valuri tal-limiti kif stabbiliti fit-tabella tas-sezzjoni 4.1.2.4 ta' l-Anness I. Id-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu m'għandhomx ikunu applikabbli għal tipi u l-familji ta' magni referuti meta kuntratt ikun seħħ bejn ix-xerrej tal-magna qabel …… ([1]) u dment li l-magna tkun imqiegħda fis-suq mhux aktar tard minn sentejn mid-data applikabbli għall-kategorija relevanti tal-lokomotivi.

3i. APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-MAGNI TAL-PROPULSJONI TA' L-ISTADJU III B UŻATI FIL-LOKOMOTIVI

L-Istati membri għandhom jiċħdu li jagħtu l-approvazzjoni għat-tipi ta' magni jew familji ta' magni li ġejjin u li joħorġu d-dokument deskritt fl-Anness VII:

— R B: wara l-31 ta' Diċembru 2010 għal magni bil-potenza ta' aktar minn 130 kW

meta l-magna tonqos milli tilħaq il-ħtiġiet speċifikati f'din id-Direttiva u meta l-emissjonijiet tal-partikolati u l-gassijiet tat-tniġġiż mill-magna ma jkunux konformi mal-valuri tal-limiti kif stabbiliti fit-tabella tas-sezzjoni 4.1.2.5 ta' l-Anness I. Id-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu m'għandhomx ikunu applikabbli għal tipi u l-familji ta' magni referuti meta kuntratt ikun seħħ bejn ix-xerrej tal-magna qabel …… ([2]) u basta li l-magna tkun imqiegħda fis-suq mhux aktar tard minn sentejn mid-data applikabbli għall-kategorija relevanti tal-lokomotivi.

([1]) Data tad-dhul fis-sehh ta din id-direttiva
([2]) Data tad-dhul fis-sehh ta din id-direttiva";

(c) It-titolu tal-paragrafu 4 huwa mibdul b'dan li ġej:

"TQEGĦID FIS-SUQ: DATI TAL-PRODUZZJONI TAL-MAGNI"

(d) Il-paragrafu li ġej huwa miżjud:

"4a. Mingħajr preġudizzjoni għal Artikolu 7a u Artikolu 9(3g) u (3h), wara d-dati referuti hemmhekk, bl-eċċezzjoni tal-makkinarju u l-magni intiżi għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi, l-Istati Membri għandhom jippermettu t-tqegħid fis-suq ta' magni, sewwa jekk diġa immuntati fil-makkinarju u anki jekk le, izda bil-kundizzjoni li jilħqu l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva, u jekk kemm-il darba l-magna tkun approvata b'konformità ma waħda mill-kategoriji definiti fil-paragrafi 2 u 3.

Stadju III A, apparti milli magni ta' veloċità kostanti

— kategorija H: 31 ta' Diċembru 2005

— kategorija I: 31 ta' Diċembru 2006

— kategorija J: 31 ta' Diċembru 2007

— kategorija K: 31 ta' Diċembru 2006

Stadju III A magni tad-dgħajjes tal-kanali interni

— kategorija V1:I: 31 ta' Diċembru 2006

— kategorija V1:2: 31 ta' Diċembru 2006

— kategorija V1:3: 31 ta' Diċembru 2006

— kategorija V1:4: 31 ta' Diċembru 2008

— kategorija V2: 31 ta' Diċembru 2008

Stadju III A magni ta' veloċità kostanti

— kategorija H: 31 ta' Diċembru 2010

— kategorija I: 31 ta' Diċembru 2010

— kategorija J: 31 ta' Diċembru 2011

— kategorija K: 31 ta' Diċembru 2010

Stadju III A magni ta' vaguni ta' fuq il-linji

— kategorija RC A: 31 ta' Diċembru 2005

Stadju III A magni tal-lokomotivi

— kategorija RL A: 31 ta' Diċembru 2006

— kategorija RH A: 31 ta' Diċembru 2008

Stadju III B, apparti milli l-magni ta' veloċità kostanti

— kategorija L: 31 ta' Diċembru 2010

— kategorija M: 31 ta' Diċembru 2011

— kategorija N: 31 ta' Diċembru 2011

— kategorija P: 31 ta' Diċembru 2012

Stadju III B magni ta' vaguni ta' fuq il-linji

— kategorija RC B: 31 ta' Diċembru 2011

Stadju III B magni tal-lokomotivi

— kategorija R B: 31 ta' Diċembru 2011

Stadju IV, apparti milli magni ta' veloċità kostanti

— kategorija Q: 31 ta' Diċembru 2013

— kategorija R: 30 ta' Settembru 2014

Għal kull kategorija, il-ħtiġiet ta' hawn fuq għandhom ikunu posposti b'sentejn fir-rigward ta' magni bid-data tal-produzzjoni qabel dik ta' l-imsemmija data.

Il-permess mogħti għal stadju wieħed tal-valuri tal-limiti ta' l-emissjonijiet għandu jkun itterminat b'effett mill-implementazzjoni mandatorja ta' l-istadju segwenti tal-valuri tal-limiti.";

(e) il-paragrafu li ġej huwa miżjud:

"4b. Tikkettjar li jindika konformità bikrija man-normi ta' l-istadji IIIA, IIIB, u IV

Għal tipi ta' magni jew familji ta' magni li jilħqu l-limiti ta' valuri stabbiliti fit-tabella fis-sezzjoni 4.1.2.4, 4.1.2.5 u 4.1.2.6 ta' l-Anness I, qabel id-dati stabbiliti fil-punt 4 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jippermettu l-ittikkettjar speċjali u l-*marketing* biex juru li t-tagħmir ikkonċernat ikun jilħaq il-limiti tal-valuri meħtieġa qabel id-dati stabbiliti.";

7. Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) Paragrafi 1 u 1a huma mibdula b'dan li ġej:

"1. Il-ħtiġiet ta' Artikolu 8(1) u (2), Artikolu 9(4) u Artikolu 9a(5) m'għandhomx ikunu applikabbli għall-:

— magni użati mill-forzi armati,

— magni eżentati bi qbil mal-paragrafi 1a u 2,

— magni għall-użu f'makkinarju intiż primarjament għall-varar u rkupru tad-dgħajjes tas-salvataġġ,

— magni għall-użu f'makkinarju intiż primarjament għall-varar u rkupru tad-dgħajjes tas-salvataġġ varati minfuq ix-xatt,

1a. Mingħajr pregudizzju għal Artikolu 7a u għal Artikolu 9(3g) u (3h), magni għall-iskambju, apparti milli l-magni tal-propulsjoni għall-vaguni ta' fuq il-linji, l-lokomotivi u d-dgħajjes tal-kanali interni, għandhom ikunu konformi mal-valuri tal-limiti li l-magna ta' l-iskambju għandha tilħaq meta oriġinarjament tigi mqiegħda fis-suq.

It-test 'MAGNA TA' SKAMBJU' għandu jkun miktub fuq it-tikketta tal-magna jew jgi inkluz fil-manwal tad-detentur.";

(b) Il-paragrafi li ġejjin huma miżjuda:

"5. Il-magni jistgħu ikunu imqiegħda fis-suq permezz ta' 'skema flessibbli' bi qbil mad-disposizzjoni fl-Anness XIII.

6. Paragrafu 2 m'għandux ikun applikabbli għall-magni tal-propulsjoni li jkunu immuntati fid-dgħajjes tal-kanali interni.

7. L-Istati Membri għandhom jippermettu t-tqegħid fis-suq tal-magni, kif definit taht A(i) u A(ii) ta' Anness I, permezz ta' 'skema flessibbli' bi qbil mad-disposizzjonijiet fl-Anness XIII.";

8. L-Annessi ghandhom ikunu emendati kif ġej:

(a) Annessi I, III, V, VII u XII huma emendati bi qbil ma Anness I ta' din id-Direttiva;

(b) Anness VI huwa mibdul b'Anness II ta' din id-Direttiva;

(c) Anness XIII ġdid kif stabbilit f'Anness III ta' din id-Direttiva huwa miżjud;

(d) Anness XIV ġdid kif stabbilit f'Anness IV ta' din id-Direttiva huwa miżjud;

(e) Anness XV ġdid kif stabbilit f'Anness IV ta' din id-Direttiva huwa miżjud;

u l-lista ta' Anessi eżistenti hija emendata kif meħtieġ.

*Artikolu 2*

Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2007:

(a) tistudja mill-ġdid l-estimi ta' l-inventarju ta' l-emissjoni mhix tat-triq u speċifikament teżamina l-potenzjal tat-trans-verifiki u l-fatturi tal-korrezzjoni;

(b) tikkonsidra t-teknoloġija disponibbli, inklużi l-benefiċċji ta' l-ispiża, bil-għan li tikkonferma valuri tal-limiti ta' l-Istadju III B u IV u l-evalwazzjoni tal-ħtieġa possibbli għal flessibbiltà addizzjonali, eżenzjonijiet jew dati ta' introduzzjoni aktar tard għal ċerti tipi ta' apparat waqt li tittiehed konsiderazzjoni ta' magni immuntati fil-makkinarju ambulanti mhux tat-triq użati f'apparati staġjonali;

(c) tevalwa l-applikazzjoni taċ-ċikli tat-testijiet għall-magni fil-vaguni ta' fuq il-linji u lokomotivi u, fil-każ ta' magni f'lokomotivi, l-ispiża u l-beneficcji ta' aktar tnaqqis fil-valuri tal-limiti ta' l-emissjonijiet in-vista ta' l-applikazzjoni tat-teknoloġija ta' wara t-trattament NOx;

(d) tikkonsidra l-ħtieġa li tintroduċi aktar valuri ta' limiti għal magni li għandhom ikunu wżati mid-dgħajjes tal-kanali interni billi jkun meqjus, partikolarment, l-affidibbiltà teknika u ekonomika, tal-għażjiet sekondarji ta' tnaqqis f'din l-applikazzjoni;

(e) tikkonsidra l-ħtieġa li tintroduċi valuri tal-limiti ta' l-emissjonijiet għal magni ta' anqas minn 19 kW u ta' aktar minn 560 kE;

(f) tikkonsidra d-disponibbiltà tal-karburanti meħtieġa mit-teknoloġiji użati sabiex jilħqu l-livelli tan-normi ta' l-Istadju IIIB u IV;

(g) tikkonsidra l-kondizzjonijiet ta' l-operat tal-magni li permezz tagħhom il-percentwali massimi possibbli li bihom il-valuri tal-limiti ta' l-emissjoni stabbiliti fis-Sezzjonijiet 4.1.2.5 u 4.1.2.6 ta' l-Anness I jistgħu jkunu misbuqa u tippreżenta proposti dwar it-teknikalità applikabbli sabiex tadatta d-Direttiva bi qbil mal-proċedura referuta f'Artikolu 15 tad-Direttiva 97/68/KE;

(h) tistudja l-ħtieġa għal sistema ta' "konformità fl-użu" u teżamina l-għażliet possibbli għall-implementazzjoni tagħhom;

(i) tikkonsidra r-regoli dettaljati sabiex tipprevjeni t-"twarrib taċ-ċiklu" inkella sitwazzjoni fejn ic-ciklu jithalla jghaddi;

u tippreżenta, meta xieraq, proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 3*

1. L-Istati Membru għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrativi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sal-20 ta' Mejju 2005. Għandhom jgħarrfu bihom minnufih lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-disposizzjonijiet ewlenin tal-liġijiet nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

L-Istati membri għandhom jiddeterminaw is-sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-disposizzjonijiet nazzjonali adottati bis-saħħa ta' din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha għall-implementazzjoni tagħhom. Is-sanzjonijiet determinati għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u disswasivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-disposizzjonijiet lill-Kummissjoni sal-20 ta' Mejju 2005, u għandhom jinnotifikaw xi modifiki sussegwenti tagħhom malajr kemm jista jkun possibbli.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 6*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulha fi Strasbourg, il-21 ta' April 2004.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| P. COX | D. ROCHE |

*ANNESS I*

1. ANNESS 1 GHANDU JKUN EMENDAT KIF GEJ:

1. SEZZJONI 1 GHANDHA TKUN EMENDATA KIF GEJ:

(a) Punt A jigi mibdul b'dan li ġej:

"A. intiżi u adatti, li jiċċaqalqu, jew jkunu mċaqalqa, bi jew mingħajr triq, u bi

(i) magna C.I. li jkollha potenza netta b'konformità mas-sezzjoni 2.4. jiġiefieri aktar minn jew ugwali għal 19 kW imma mhux aktar minn 560 kW u li hija operata permezz ta' veloċità intermittenti pjuttost milli veloċità kostanti; jew

(ii) magna C.I. li jkollha potenza netta b'konformità mas-sezzjoni 2.4. jiġifieri aktar minn jew ugwali għal 19 kW imma mhux aktar minn 560 kW u li hija operata b'veloċità kostanti. Il-limiti huma applikabbli biss mill-31 ta' Diċembru 2006; jew

(iii) magni S.I. bil-petrol li jkollha potenza netta b'konformità mas-sezzjoni 2.4. ta' mhux aktar minn 19 kW; jew

(iv) magni iddisinjati għal propulsjoni ta' vaguni fuq il-linji, li huma bil-propulsjoni proprja taghhom għal fuq il-linji speċifikament iddisinjati għal ġarr ta' merkanżija u/jew passiġġieri; jew

(v) magni iddisinjati għall-propulsjoni ta' lokomotivi li huma unità bil-propulsjoni proprja tagħha ta' apparat ta' fuq il-linji iddisinjati li jimxu jew li jmexxu vaguni li huma disinjati għall-ġarr tal-merkanzija, passiġġieri u apparat ieħor, imma li huma nfushom ma humiex iddisinjati jew intiżi għall-ġarr tal-merkanzija, passiġġieri (apparti minn dawk li joperaw il-lokomotiva) jew apparat ieħor. Kwalunkwe magna awżiljarja jew magna intiża li tforni potenza lill-apparat iddisinjat għat-twettieq tal-manutenzjoni jew xogħol tal-kostruzzjoni li jopera minn fuq il-linji li mhux klassifikat taħt dan il-paragrafu imma taħt A(i).";

(b) il-punt B huwa mibdul b'dan li ġej:

"B. Vapuri, apparti milli dawk id-dgħajjes intiżi għall-użu fuq il-kanali interni."

(c) Punt C jigi mħassar.

2. Sezzjoni 2 tigi emendata kif ġej:

(a) Dan li ġej huwa miżjud:

"2.8a: *volum ta' 100 $m^3$ jew aktar* fir-rigward ta' dgħajsa intiża għall-użu fuq il-kanali interni tfisser li l-volum tagħha, ikkalkolat skond il-formula LxBxT, b 'L' ikun it-tul massimu tal-buq, eskluż it-tmun u l-pupress, bil-'B' ikun il-wisa' massima tal-buq f'metri, imkejla mit-tarf estern tal-kisja tal-buq (esklużi r-roti bil-pali, it-tavluni ta' mal-moll, etc.) u b 'T' ikun id-distinza vertikali bejn il-punt iffurmat l-aktar fil-baxx tal-buk jew tal-prim tad-dgħajsa u t-tul massimu tal-linja ta' ma wiċċ l-ilma.

2.8b: ċertifikat validu tan-navigazzjoni jew tas-sigurtà għandu jfisser:

(a) ċertifikat li jagħti prova tal-konformità mal-Konvenzjoni Internazzjoni tal-1974 dwar is-Sigurtà u l-Ħajja fuq il-Baħar (SOLAS), kif emendata, jew ekwivalenti, jew

(b) ċertifikat li jagħti prova tal-konformità mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Linji tat-Tagħbija, kif emendata, jew ekwivalenti, u ċertifikat IOPP li jagħti prova tal-konformità mal-Konvenzjoni Internazzjoni tal-1973 għall-Prevenzjoni tat-Tniġġiz mill-Vapuri (MARPOL), kif emendata.

2.8c: *Apparat tal-falliment* għandu jfisser appart li jkejjel, iħoss u jkollu reazzjoni għall-varjabbi operattivi għall-iskop li jattiva, jimmodula, idewwem jew iwaqqaf l-attivazzjoni ta' l-operat ta' kwalunkwe komponent jew funzjoni tas-sistema tal-kontroll ta' l-emissjoni hekk li l-effettività tas-sistema tal-kontroll tkun imnaqqsa f'ċerti kondizzjonijiet li jiltaqgħu magħhom matul l-użu normali ta' makkinarju ambulanti mhux-tat-triq sakemm l-użu ta' tali apparat ikun sostanzjalment inkluż fl-applikar tal-proċedura tat-test taċ-ċertifikazzjoni ta' l-emissjoni.

2.8d: *Strateġija ta' kontroll mhix razzjonali* għandha tfisser kwalunkwe strateġija jew miżura li, meta l-makkinarju ambulanti mhux-tat-triq ikun jopera fil-kondizzjonijiet normali ta' l-użu, tnaqqas l-effettività tas-sistema tal-kontroll ta' l-emissjoni lejn livell aktar baxx milli mistenni fl-applikar tal-proċedura tat-test taċ-ċertifikazzjoni ta' l-emissjoni."

(b) Is-sezzjoni li ġejja hija miżjuda:

"2.17. *Iċ-ċiklu tat-test* għandu jfisser sekwenza ta' punti tat-test, kull wieħed b'veloċità u *torque* definiti, li għandhom ikunu segwiti mill-magna fi stat ta' kontinwità (it-test NRSC) jew tal-kondizzjonijiet operattivi transitorji (it-test NRTC);"

(c) Is-Sezzjoni attwali 2.17 trid tkun innumerata mill-ġdid 2.18 u mibdula b'dan li ġej:

"2.18. **Simboli u abbrevjazzjonijiet**

2.18.1. Simboli għall-parametri tat-test

| Simbolu | Taqsima | Terminu Bil-Malti |
|---|---|---|
| $A/F_{st}$ | - | Relattività stojkjometrika arja/karburanti |
| $A_P$ | $m^2$ | Żona transversjali taż-żona tas-sonda tal- kampjunar |
| $A_T$ | $m^2$ | Żona transversjali taż-żona tal-pajp ta' l-*exhaust*. |
| $A_{ver}$ | | Valuri tal-medja peżata għal: |
| | $m^3/h$ | — nixxija tal-volum |
| | kg/h | — nixxija tal-massa |
| C1 | - | Idrokarbonju ekwivalenti għall-Karbonju 1 |
| $C_d$ | - | SSV Koeffiċjent tar-rilaxx tal-SSV |
| Conc | ppm Vol% | Konċentrazzjoni (bis-suffiss tal-komponent nominanti) |
| $Conc_c$ | ppm Vol% | Konċentrazzjoni ta'l-isfond ikkoreġut |
| $Conc_d$ | ppm Vol% | Konċentrazzjoni tat-tniġġis imkejla fl-arja tat-trattib |
| $Conc_e$ | ppm Vol% | Konċentrazzjoni tat-tniġġiz imkejla fil-gass tat-trattib ta' l-*exhaust* |
| d | m | Diametru |
| DF | - | Fattur tat-trattib |
| $f_a$ | - | Fattur atmosferiku tal-laboratorju |
| $G_{AIRD}$ | kg/h | Rata tan-nixxija tad-dħul tal-massa ta' l-arja fuq bażi xotta |
| $G_{AIRW}$ | kg/h | Rata tan-nixxija tad-dħul tal-massa ta' l-arja fuq bażi niedja |
| $G_{DILW}$ | kg/h | Rata tan-nixxija tal-massa ta' l-arja tat-trattib fuq bażi niedja |
| $G_{EDFW}$ | kg/h | Rata tan-nixxija tal-gass ekwivalenti mrattab ta' l-*exhaust* fuq bażi niedja |
| $G_{EXHW}$ | kg/h | Rata tan-nixxija tal-gass ta' l-*exhaust* fuq bażi niedja |
| $G_{FUEL}$ | kg/h | Rata tan-nixxija tal-massa tal-karburant |
| $G_{SE}$ | kg/h | Rata tan-nixxija tal-massa ta' l-*exhaust* tal-kampjun |
| $G_T$ | $cm^3/min$ | Rata tan-nixxija tal-gass ta' l-intraċċar |
| $G_{TOTW}$ | kg/h | Rata tan-nixxija tal-massa tal-gass ta' l-*exhaust* fuq bażi niedja |
| $H_a$ | g/kg | Umdità assoluta ta' l-arja tad-dħul |
| $H_d$ | g/kg | Umdità assoluta ta' l-arja tat-trattib |
| $H_{REF}$ | g/kg | Valur ta' referenza ta' umidità assoluta (10,71 g/kg) |
| i | - | Sottoskrit li juri modula individwali (għal test NRSC) jew għal valur istantanju (għal test NRTC) |
| $K_H$ | - | Fattur tal-korrezzjoni ta' l-umdità għal $NO_x$ |
| $K_p$ | - | Fattur tal-korrezzjoni ta' l-umdità għall-partikolati |
| $K_V$ | - | Funzjoni tal-kalibrazzjoni CFV |
| $K_{W, a}$ | - | Fattur tal-korrezzjoni xott għal niedi għad-dħul ta' l-arja |

| Simbolu | Taqsima | Terminu Bil-Malti |
|---|---|---|
| $K_{W, d}$ | - | Fattur tal-korrezzjoni xott għan-niedi ta' l-arja tat-trattib |
| $K_{W, e}$ | - | Fattur tal-korrezzjoni xott għan-niedi tal-gass ta' l-*exhaust* imrattab |
| $K_{W, r}$ | - | Fattur tal-korrezzjoni xott għan-niedi tal-gass mhux ittrattat ta' l- *exhaust* |
| L | % | Persentaġġ tat-*torque* relatat mat-*torque* massimu għall-veloċità tat-test |
| $M_d$ | mg | Massa tal-kampjun ta' l-arja tat-trattib miġbura |
| $M_{DIL}$ | kg | Massa tal-kampjun ta' *filters* l-arja tat-trattib mgħoddija mill-filtri tal-kampjun tal-partikolati |
| $M_{EDFW}$ | kg | Massa ta' l-ekwivalent ta' l-*exhaust* imrattab matul iċ-ċiklu |
| $M_{EXHW}$ | kg | Nixxija totali tal-massa ta' l-*exhaust* matul iċ-ċiklu |
| $M_f$ | mg | Massa tal-kampjun tal-partikulat miġbur |
| $M_{f, p}$ | mg | Massa tal-kampjun tal-partikulat miġbur fuq filtru primarju |
| $M_{f, b}$ | mg | Massa tal-kampjun tal-partikulat miġbur fuq filtru bħala sostenn |
| $M_{gas}$ | g | Massa totali tat-tniġġis matul iċ-ċikli |
| $M_{PT}$ | g | Massa totali tal-partikolat matul iċ-ċiklu |
| $M_{SAM}$ | kg | Massa tal-kampjun ta' l-*exhaust* imrattab mgħoddi mill-filtri tal-kampjunar tal-partikolati |
| $M_{SE}$ | kg | Massa tal-kampjun ta' l-*exhaust* matul iċ-ċiklu |
| $M_{SEC}$ | kg | Massa ta' l-arja sekondarja mrattba |
| $M_{TOT}$ | kg | Total tal-massa ta' l-*exhaust* imrattab darbtejn matul iċ-ċiklu |
| $M_{TOTW}$ | kg | Total tal-massa tal-gass imrattab ta' l-*exhaust* mgħoddi mill-mina tat-trattib matul iċ-ċiklu tal-bażi umida |
| $M_{TOTW, I}$ | kg | Massa istantanja ta' l-*exhaust* imrattab li jgħaddi mill-mina tat-trattib tal-bażi umida |
| massa | g/h | Sottoskritt li jiddenota *flow* (r-rata) tan-nixxija mill-massa ta' l-emissjonijiet |
| $N_P$ | - | Totali tad-dawrien tal-PDP matul iċ-ċiklu |
| $n_{ref}$ | $min^{-1}$ | Referenza tat-test veloċità tal-magna għat-test NRTC |
| $n^{sp}$ | $s^{-2}$ | Derivattiv tal-veloċità tal-magna |
| P | kW | Potenza, *brake* mhux korreġut |
| $p_1$ | kPa | Potenza, ibbrejkjar mhux ikkorreġut |
| $P_A$ | kPa | Pressjoni assoluta |
| $P_a$ | kPa | Pressjoni tal-fwar mid-dħul ta' l-arja fil-magna (ISO 3046: $ps_y$= PSY test ambjentali) |

| Simbolu | Taqsima | Terminu Bil-Malti |
|---|---|---|
| $P_{AE}$ | kW | Potenza totali iddikjarata kif assorbita mill-magni awżiljarji għat-test li ma humiex meħtieġa minn para. 2.4. ta' dan l-Anness |
| $P_B$ | kPa | Total tal-pressjoni atmosferika (ISO 3046: $P_x$= PX Pressjoni totali tas-Sit ambjentali $P_y$= PY Pressjoni totali tat-Test ambjentali) |
| $P_d$ | kPa | Pressa tal-fwar saturat ta' l-arja mrattba |
| $P_M$ | kW | Potenza massima fil-veloċità tat-test fil-kondizzjonijiet tat-test (ara Anness VII, Appendiċi 1) |
| $P_m$ | kW | Potenza mkejla fuq il-bank tat-test |
| $p_s$ | kPa | Pressa ta' l-Atmosfera xotta |
| q | - | Relattivita tat-trattib |
| $Q_s$ | $m^3/s$ | Volum CVS tar-rata tan-nixxija |
| r | - | Relattività tal-gerżuma għad-dħul assolut, pressa statika |
| r | | Relattività taż-żona trans-sezzjonali tas-sonda iżokinetika u tat-tubu ta' l-*exhaust* |
| $R_a$ | % | Umdità relattiva tad-dħul ta' l-arja |
| $R_d$ | % | Umdità relattiva ta' l-arja tat-trattib |
| Re | - | Numru Reynolds |
| $R_f$ | - | Fattur tar-reazzjoni FID |
| T | K | Temperatura assoluta |
| t | s | Ħin tal-kljel |
| $T_a$ | K | Temperatura assoluta tad-dħul ta' l-arja |
| $T_D$ | K | Temperatura assoluta tal-punt tan-nida |
| $T_{ref}$ | K | Temperatura (298 K) b'referenza ta' l-arja tal-kombustjoni: (298 K) |
| $T_{sp}$ | N.m | *Torque* mitluba miċ-ċiklu transitorju |
| $t_{10}$ | s | Ħin bejn il-pass tad-dħul u 10 % tal-qari finali |
| $t_{50}$ | s | Ħin bejn il-pass tad-dħul u 50 % tal-qari finali |
| $t_{90}$ | s | Ħin bejn il-pass tad-dħul u 90 % tal-qari finali |
| $\Delta t_i$ | s | Interval taż-żmien għal nixxija CFV istantanja |
| $V_0$ | $m^3/rev$ | Volum tar-rata tan-nixxija PDP f'kondizzjonijiet attwali |
| $W_{act}$ | kWh | Ċiklu attwali ta' ħidma tal-NRTC |
| WF | - | Fattur tal-peżar |
| $WF_E$ | - | Fattur effettiv tal-peżar |
| $X_0$ | $m^3/rev$ | Funzjoni tal-kalibrazzjoni tar-rata tal-volum tan-nixxija PDP |
| $\Theta_D$ | $kg.m^2$ | Inerzja rotanti tad-dinamometru tal-kurrent-*eddy* |
| ß | - | Relattività tad-diametru tal-gerżuma SSV, mad-diametru intern tat-tubu tad-dħul |
| λ | - | Relattività relattiva A/F arja/karburant, A/F diviża bil-A/F stojkjometrika |
| $\rho_{EXH}$ | $kg/m^3$ | Densità tal-gass ta' l-*exhaust* |

2.18.2. Simboli għall-komponenti kimiċi

| | |
|---|---|
| $CH_4$ | Metan |
| $C_3H_8$ | Propan |
| $C_2H_6$ | Etan |
| CO | Monossidu tal-karbonju |
| $CO_2$ | Diossidu tal-karbonju |
| DOP | Di-oktilftalat |
| $H_2O$ | Ilma |
| HC | Idrokarburi |
| $NO_x$ | Ossidi tan-nitroġenu |
| NO | Ossidu nitriku |
| $NO_2$ | Diossidu tan-nitroġenu |
| $O_2$ | Ossiġenu |
| PT | Partikolati |
| PTFE | *Polytetrafluoroethylene* |

2.18.3. Abbrevjazzjonijiet

| | |
|---|---|
| CFV | *Critical flow Venturi* (Venturi ta' nixxija kritika) |
| CLD | *Chemiluminescent detector* (sejbien tal-kemiluminexxenti) |
| CI | *Compression ignition* (tkebbis bil-kompressjoni, |
| FID | *Flame ionisation detector* Sejbien tal-jonizzazzjoni tal-fjamma) |
| FS | *Full scale* (Medda sħiħa) |
| HCLD | *Heated chemiluminescent detector* (Sejbien tal-kemiluminexxenti msaħħan) |
| HFID | *Heated flame ionisation detector* (Sejbien tal-jonizzazzjoni tal-fjamma msaħħna) |
| NDIR | *Non-dispersive infrared analyser* (Analizzatur infra-aħmar mhux dispersiva) |
| NG | *Natural gas* (Gass naturali) |
| NRSC | *Non-road steady cycle* (Ċiklu kostanti mhux tat-triq) |
| NRTC | *Non-road transient cycle* (Ċiklu transitorju mhux tat-triq) |
| PDP | *Positive displacement pump* (Pompa ta' spjazzament pożittiv) |
| SI | *Spark ignition* (Tkebbis bix-xrar) |
| SSV | *Subsonic Venturi* (Venturi subsoniki)" |

3. Is-Sezzjoni 3 għandha tkun emendata kif gej:(a) Is-sezzjoni li jmiss għandha tiddaħħal:

"3.1.4. tikkettjar b'konformità ma l-Anness XIII, jekk il-magna tkun imqiegħda fis-suq permezz tad-disposizzjonijiet ta l-iskema flessibbli."

4. Is-Sezzjoni 4 hija emendata kif ġej:

(a) Fit-tmiem tas-sezzjoni 4.1.1. dan li ġej irid ikun miżjud:

"Il-magni kollha li jesporġu l-gassijiet ta' l-*exhaust* imħallta ma l-ilma għandhom ikunu mgħammra b'konnessjoni mas-sistema ta' l-*exhaust* tal-magna li tkun lokalizzata *downstream* mill-magna u qabel xi punt li fih l-*exhaust* ikollu kuntatt ma l-ilma (jew xi medja oħra tat-tberrid/għerik) għal twaħħil temporanju ma l-apparat tal-kampjunar ta' l-emissjonijiet gassużi jew tal-partikolati. Huwa importanti li l-lokalità ta' din il-konnessjoni tippermetti kampjun rappreżentattiv imħallat sewwa minn ta' l-*exhaust*. Din il-konnessjoni għandha jkollha kamin fl-intern b'kamini normali tal-pajpijiet ta' daqs mhux akbar minn pulzier u nofs, u għandha tkun magħluqa b'soddieda meta ma tkunx użata (konnessjonijiet ekwivalenti huma permissibbli)."

(b) Is-sezzjoni li ġejja trid tkun miżjuda:

"4.1.2.4. L-emissjonijiet tal-monissidu tal-karbonju, l-emissjonijiet tas-somma ta' l-idrokarburi u l-ossidi tan-nitroġenu u l-emissjonijiet tal-partikolati m'għandhomx, għall-istadju III A, jeċċedu l-ammonti murija fit-tabella ta' hawn taħt:

Magni għal użu f'applikazzjonijiet oħra milli tal-propulsjoni tad-dgħajjes ta' fuq il-kanali interni, lokomotivi u vaguni ta' fuq il-linji:

| Kategorija: Potenza netta (P) (kW) | Monossidu tal-karbonju (CO) (g/kWh) | Somma ta' l-idrokarburi u ossidi tan-nitroġenu ($HC+NO_x$) (g/kWh) | Partikolati (PT) (g/kWh) |
|---|---|---|---|
| H: 130 kW ≤ P ≤ 560 kW | 3,5 | 4,0 | 0,2 |
| I: 75 kW ≤ P < 130 kW | 5,0 | 4,0 | 0,3 |
| J: 37 kW ≤ P < 75 kW | 5,0 | 4,7 | 0,4 |
| K: 19 kW ≤ P < 37 kW | 5,5 | 7,5 | 0,6 |

Magni għall-propulzjoni tad-dgħajjes ta' fuq il-kanali interni

| Kategorija: volum miknus/potenza netta (SV/P) (litri kull ċilindru/kW) | Monossidu tal-karbonju (CO) (g/kWh) | Somma ta' l-idrokarburi u ossidi tan-nitroġenu ($HC+NO_x$) (g/kWh) | Partikolati (PT) (g/kWh) |
|---|---|---|---|
| VI: 1 SV < 0,9 u P < 37 kW | 5,0 | 7,5 | 0,40 |
| V1:2 0,9 ≤ SV < 1,2 | 5,0 | 7,2 | 0,30 |
| V1:3 1,2 ≤ SV < 2,5 | 5,0 | 7,2 | 0,20 |
| V1:4 2,5 ≤ SV < 5 | 5,0 | 7,2 | 0,20 |
| V2:1 5 ≤ SV < 15 | 5,0 | 7,8 | 0,27 |
| V2:2 15 ≤ SV < 20 u P < 3 300 kW | 5,0 | 8,7 | 0,50 |
| V2:3 15 ≤ SV < 20 u P < 3 300 kW | 5,0 | 9,8 | 0,50 |
| V2:4 20 ≤ SV < 25 | 5,0 | 9,8 | 0,50 |
| V2:5 25 ≤ SV < 30 | 5,0 | 11,0 | 0,50 |

Magni għall-propulzjoni ta' lokomotivi

| Kategorija: Potenza netta (P) (kW) | Monossidu tal-karbonju (CO) (g/kWh) | Somma ta' l-idrokarburi u ossidi tan-nitroġenu ($HC+NO_x$) (g/kWh) | | Partikolati (PT) (g/kWh) |
|---|---|---|---|---|
| RL A: 130 kW ≤ P ≤ 560 kW | 3,5 | 4,0 | | 0,2 |
| | Monossidu tal-karbonju (CO) (g/kWh) | Idrokarburi (HC) (g/kWh) | Ossidi tan-nitroġenu ($NO_x$) (g/kWh) | Partikolati (PT) (g/kWh) |
| RH A: P > 560 kW | 3,5 | 0,5 | 6,0 | 0,2 |
| RH A magni bi P > 2 000 kW u SV > 5 l/ċilindru | 3,5 | 0,4 | 7,4 | 0,2 |

Magni għall-propulzjoni ta' vaguni ta' fuq il-linji

| Kategorija: potenza netta (P) (kW) | Monossidu tal-karbonju (CO) (g/kWh) | Somma ta' l-idrokarburi u l-ossidi tan-nitroġenu ($HC+NO_x$) (g/kWh) | Partikolati (PT) (g/kWh) |
|---|---|---|---|
| RC A: 130 kW < P | 3,5 | 4,0 | 0,20" |

(c) Is-sezzjoni li ġejja hija miżjuda:

"4.1.2.5. L-emissjonijiet tal-monissidu tal-karbonju, l-emissjonijiet ta' l-idrokarburi u l-ossidi tan-nitroġenu (jew tas-somma tagħhom, meta relevanti) u l-emissjonijiet tal-partikolati m'għandhomx, għall-istadju III B jeċċedu l-ammonti murija fit-tabella ta' hawn taħt:

Magni għall-użu f'applikazzjonijiet oħrajn milli tal-propulzjoni tal-lokomotivi, vaguni ta' fuq il-linji u tad-dgħajjes ta' fuq il-kanali interni

| Kategorija: potenza netta (P) (kW) | Monossidu tal-karbonju (CO) (g/kWh) | Idrokarburi (HC) (g/kWh) | Ossidi tan-nitroġenu ($No_x$) (g/kWh) | Partikolati (PT) (g/kWh) |
|---|---|---|---|---|
| L: 130 kW < P < 560 kW | 3,5 | 0,19 | 2,0 | 0,025 |
| M: 75 kW < P < 130 kW | 5,0 | 0,19 | 3,3 | 0,025 |
| N: 56 kW ≤ P < 75 kW | 5,0 | 0,19 | 3,3 | 0,025 |
| | | Somma ta' l-idrokarburi u l-ossidi tan-nitroġenu ($HC+NO_x$) (g/kWh) | | |
| P: 37 kW ≤ P < 56 kW | 5,0 | 4,7 | | 0,025 |

Magni għall-propulsjoni ta' vaguni ta' fuq il-linji

| Kategorija: potenza netta (P) (kW) | Monossidu tal-karbonju (CO) (g/kWh) | Idrokarburi (HC) (g/kWh) | Ossidi tan-nitroġenu ($No_x$) (g/kWh) | Partikolati (PT) (g/kWh) |
|---|---|---|---|---|
| RC B: 130 kW < P | 3,5 | 0,19 | 2,0 | 0,025 |

Magni għall-propulsjoni ta' lokomotivi

| Kategorija: potenza netta (P) (kW) | Monossidu tal-karbonju (CO) (g/kWh) | Somma ta' l-idrokarburi u ossidi tan-nitroġenu ($HC+NO_x$) (g/kWh) | Partikolati (PT) (g/kWh) |
|---|---|---|---|
| RC B: 130 kW < P | 3,5 | 4,0 | 0,025" |

(d) is-sezzjoni li ġejja hija miżjuda wara s-sezzjoni ġdida 4.1.2.5:

"4.1.2.6. L-emissjonijiet tal-monissidu tal-karbonju, l-emissjonijiet ta' l-idrokarburi u l-ossidi tan-nitroġenu (jew tas-somma tagħhom, meta relevanti) u l-emissjonijiet tal-partikolati għandhom, għall-istadju IV m'għandhomx jeċċedu l-ammonti murija fit-tabella ta' hawn taħt:

Magni għall-użu f'applikazzjonijiet oħrajn milli tal-propulzjoni tal-lokomotivi, vaguni ta' fuq il-linji u tad-dgħajjes ta' fuq il-kanali nterni

| Kategorija: Potenza netta (P) (kW) | Monossidu tal-karbonju (CO) (g/kWh) | Idrokarburi (HC) (g/kWh) | Ossidi tan-nitroġenu ($No_x$) (g/kWh) | Partikolati (PT) (g/kWh) |
|---|---|---|---|---|
| Q: 130 kW ≤ P ≤ 560 kW | 3,5 | 0,19 | 0,4 | 0,025 |
| R: 56 kW ≤ P < 130 kW | 5,0 | 0,19 | 0,4 | 0,025" |

(e) Is-sezzjoni li ġejja hija miżjuda:

"4.1.2.7. Il-valuri tal-limiti fis-sezzjonijiet 4.1.2.4, 4.1.2.5 u 4.1.2.6, għandhom jinkludu d-deterjorazzjoni kalkolata b'konformità ma l-Anness III, l-Appendiċi 5.

Fil-każ tal-valuri tal-limiti tan-normi li jinsabu fis-sezzjonijiet 4.1.2.5. u 4.1.2.6, permezz tal-għażla kollha kif jinzerta tal-kondizzjonijiet tat-tgħabija, li tappartjeni għal żona definita tal-kontroll u bl-eċċezzjoni tal-kondizzjonijiet ta' magna speċifika li ma humiex suġġetti għal tali disposizzjoni, l-kampjun ta' l-emissjonijiet matul it-tul ta' żmien hekk żgħir daqs 30 s m'għandux ikun misbuq b'aktar minn 100 % tal-valuri tal-limiti tat-tabelli ta' hawn fuq. Iż-żona tal-kontroll li dwarha l-perċentwali li m'għandhomx ikunu misbuqa jridu ikunu applikabbli u l-kondizzjonijiet operanti tal-magni eskluzi għandhom ikunu definiti b'konformità mal-proċedura referuta f'Artikolu 15."

(f) Is-sezzjoni 4.1.2.4., hija innumerata mill-ġdid għal 4.1.2.8.

2. ANNESS III GHANDU JKUN EMENDAT KIF GEJ:

1. Is-Sezzjoni 1 ghandha tkun emendata kif ġej:

(a) Dan li ġej irid jigi miżjud mas-sezzjoni 1.1.:

"Żewġ ċikli tat-test huma deskritti li għandhom ikunu applikati b'konformità mad-disposizzjonijiet ta' l-Anness I, is-Sezzjoni 1:

— il-NRSC (ċiklu kontinwu mhux tat-triq) li għandu jkun użat għall-istadji I, II u IIIA għal magni ta' veloċità kostanti kif ukoll għall-istadji IIIB u IV fil-każ ta' tniġġiz gassus,

— il-NRTC (ċiklu transitorju mhux tat-triq) li għandu jkun użat għall-kejl ta' l-emissjonijiet tal-partikolati għall-istadji IIIB u IV u għall-magni kollha hlief għall-magni b'veloċità kostanti. B'għażla mill-manifattur dan it-test jista jkun użat ukoll għall-istadju IIIA u għal tniġġiz gassus fl-istadji IIIB u IV,

— għal magni intiżi li jkunu wżati fuq dgħajjes tal-kanali interni, l-proċedura tat-test ISO kif speċifikata b' ISO 8178-4:2002 (E) u IMO MARPOL 73/78, Anness VI (Kodiċi $NO_x$) għandha tkun użata,

— għal magni intiżi għall-propulsjoni ta' vaguni ta' fuq il-linji, NRSC għandha tkun użata għall-kejl ta' tniġġiz gassus u tal-partikolati għall-istadju III A u għall-istadju III B,

— għal magni intiżi għall-propulsjoni ta' lokomotivi, NRSC għandha tkun użata għall-kejl ta' tniġġiz gassus u tal-partikolati għall-istadju III A u għall-istadju III B,";

(b) Is-sezzjoni li ġejja hija miżjuda:

"1.3. Prinċipju tal-kejl:

L-emissjonijiet ta' l-*exhaust* tal-magna li għandhom ikunu mkejla jinkludi l-komponenti gassusi (monossidu tal-karbonju, idrokarburi totali u ossidi tan-nitroġenu), u l-partikolati. B'żieda ma' dan, id-diossidu tal-karbonju huwa ta' spiss użat bħala gass tal-intraċċar għad-determinazzjoni tar-relattività tat-trattib kemm parzjoni u wkoll tan-nixxija shiħa tas-sistemi tat-trattib. Il-prattika tajba ta' l-inġinerija tirrakkomanda l-kejl ġenerali tad-diossidu tal-karbonju bħala għodda eċċellenti għas-sejbien tal-problemi tal-kejl matul il-ġirja tat-test.

1.3.1. Test NRSC:

Matul is-sekwenza preskritta tal-kondizzjonijiet operattivi, bil-magni diġa msaħħna, l-ammonti aktar għolja mill-emissjonijiet ta' l-*exhaust* għandhom ikunu eżaminati kontinwament billi jinġabar kampjun mill-gass ta' l-*exhaust* li ma jkunx ittrattat. Iċ-ċiklu tat-test jikkonsisti minn numru ta' moduli tal-veloċità u tat-*torque* (tagħbijiet), li jkopru medda operattiva tipika tal-magni diesel. Matul kull modula, l-konċentrazzjoni ta'kull tniġġis gassus, in-nixxija ta' l-*exhaust* u l-potenza fornuta għandhom ikunu determinati, u l-valuri mkejla jkunu peżati. Il-kampjun tal-partikolati għandu jkun imrattab b'arja ambjentali ikkondizzjonata. Kampjun wieħed li jkopri l-proċedura intiera tat-test għandu jkun meħud u miġbur fuq filtri xierqa.

B'mod alternattiv, il-kampjun għandu jitqiegħed fuq filtri separati, wieħed għal kull modula, u r-riżultati taċ-ċiklu-peżat ikkalkolati.

Il-grammi ta' kull tniġġiz emiss matul kull kilowatt-siegħa għandu jkun ikkalkolat kif deskritt fl-Appendiċi 3 ta' dan l-Anness.

1.3.2. Test NRTC

Iċ-ċiklu tat-test transitorju preskritt, ibbażżat mill-qrib fuq il-kondizzjonijiet operattivi tal-magni diesel immuntati fuq makkinarju mhux tat-triq, jinżamm darbtejn:

— L-ewwel darba (startjar fil-kiesaħ) wara li l-magna tkun assorbiet it-temperatura tal-kamra u l-likwidu tat-tkessieħ tal-magna u t-temperaturi taż-żejt, sistemi ta' wara t-trattament u l-apparati tal-kontrol tal-magni awżiljarji kollha. Huma stabilizzati bejn 20 u 30 °C.

— It-tieni darba (startjar fis-sħun) wara għoxrin minuta li tkun akkwistata s-sħana, li tibda immedjetament wara t-twettieq taċ-ċiklu ta' l-istartjar fil-kiesaħ.

Matul din is-sekwenza tat-test, it-tniġġiz imsemmi hawn fuq għandu jkun eżaminat. Bl-użu tat-*torque* tal-magna u sinjali dwar il-veloċità mid-dinamometru tal-magna, l-potenza għandha tkun integrata fir-rigward tal-ħin taċ-ċiklu, li jirriżulta mix-xogħol prodott mill-magna matul iċ-ċiklu. Il-konċentrazzjonijiet tal-komponenti gassusi għandhom ikunu determinati matul iċ-ċiklu, jew fil-gass mhux ittrattat ta' l-*exhaust* jew bl-integrazzjoni tas-sinjal ta' l-analizzatur b'konformità ma' l-Appendiċi 3 ta' dan l-Anness, inkella fil-gass imrattab ta' l-*exhaust* tas-sistema tat-trattib ta' nixxija sħiħa CVS bl-integrazzjoni jew bil-kampjunar bil-borża b'konformità ma l-Appendiċi 3 ta' dan l-Anness. Għal partikolati, kampjun proporzjonali għandu jkun miġbur mill-gass imrattab ta' l-*exhaust* fuq filtru speċjali jew bit-trattib tan-nixxija parzjali inkella bit-trattib tan-nixxija intiera. Jiddependi mill-metodu użat, il-gass ta' l-*exhaust*, imrattab jew mhux imrattab tar-rata tan-nixxija għandu jkun determinat matul iċ-ċiklu għall-kalkolu tal-valur tal-massa ta' l-emissjoni tat-tniġġiz. Il-valuri tal-massa ta' l-emissjoni għandhom ikunu relatati ma l-operat tal-magna sabiex jagħti l-grammi għal kull tniġġiz emiss għal kull kilowatt fis-siegħa.

Emissjonijiet (g/kWh) għandhom ikunu imkejla matul iċ-ċikli tal-istartjar kemm kesħin u anki sħan. Emissjonijiet peżati komposti għandhom ikunu kalkolati bil-peżar tar-riżultati ta'l-istartjar fil-kiesaħ b'10 % u tar-riżultati ta'l-istartjar fis-sħun bi 90 %. Riżultati komposti peżati għandhom jilħqu n-normi.

Qabel l-introduzzjoni tas-sekwenza tat-test kompost kiesaħ/sħun, is-simboli (l-Anness I, is-sezzjoni 2.18) is-sekwenza tat-test (l-Anness III) u l-ekwazzjonijiet tal-kalkolu (l-Anness III, l-Appendiċi III) għandhom ikunu modifikati bi qbil mal-proċedura referuta f'Artikolu 15."

2. Is-Sezzjoni 2 hija emendata kif ġej:

(a) Is-sezzjoni 2.2.3. hija mibdula b'dan li ġej:

"2.2.3. Magni intiżi bit-tberrid bl-arja

It-temperatura tad-dħul ta' l-arja għandha tkun irreġistrata u, fir-rata tal-veloċità dikjarata u b'tagħbija sħiħa, għaandha tkun fil-medda ta' ± 5 K tat-temperatura massima tad-dħul ta' l-arja kif speċifikata mill-manifattur. It-temperatura tal-medja tat-tberrid għandha tkun mill-anqas 293 K (20 °C).

Jekk sistema tal-bank tat-testijiet jew minfaħ estern ikun użat, it-temperatura tad-dħul ta' l-arja għandha tkun fil-medda ta' ± 5 K tat-temperatura massima tad-dħul ta' l-arja kif speċifikata mill-manifattur fil-veloċità tal-potenza massima dikjarata u b'tagħbija sħiħa. It-temperatura tal-likwidu tat-tberrid u r-rata tan-nixxija tat-tberrid fl-iskambju tat-tberrid ta' l-arja fil-punt kif stabbilit hawn fuq m'għandhiex tkun mibdula waqt it-test kollu kemm hu. Il-volum tat-tberrid ta' l-arja tad-dħul għandu jkun ibbażat fuq il-prattika tajba ta' l-inġinerija u l-applikazzjonijiet tipiċi tal-vettura/makkinarju.

B'mod volontarju, l-issettjar ta' l-arja tat-tberrid fid-dħul jista jseħħ skond il-SAE J 1937 kif ippublikat f'Jannar 1995.";

(b) it-test fis-sezzjoni 2.3. huwa mibdul b'dan li ġej:

"Il-magna tat-test għandha tkun mgħammra b'sistema tad-dħul ta' l-arja li tippreżenta restrizzjoni fid-dħul ta' l-arja fi ħdan ± 300 Pa tal-valur speċifikat mill-manifattur għall-apparat tat-tindif ta' l-arja nadifa fil-magna li topera fil-kondizzjonijiet kif speċifikat mill-manifattur, li jirriżultaw f'nixxija massima ta' l-arja. Ir-restrizzjonijiet għandhom ikunu regolati fil-veloċità ratata u t-tagħbija sħiħa. Sistema tat-test ta' fuq il-bank tista tkun użata, basta li din tkun dupplikazzjoni tal-kondizzjonijiet operattivi attwali tal-magna."

(c) it-test fis-sezzjoni 2.4. Sistema ta' l-*exhaust* tal-magna huwa mibdul b'dan li ġej:

"Il-magna tat-test għandha tkun mgħammra b'sistema ta' l-*exhaust* bi pressjoni negattiva ta' l-*exhaust* fi ħdan ± 650 Pa tal-valur speċifikat mill-manifattur fil-kondizzjonijiet operattivi tal-magna li jirriżultaw mill-potenza massima kif iddikjarata.

Jekk il-magna hija mgħammra b'apparat tat-trattament ta' wara l-*exhaust*, it-tubu ta' l-*exhaust* għandu jkollu l-istess diametru kif misjub waqt l-użu għal mill-anqas erba diametri tat-tubi *upstream* lejn id-dħul fil-bidu tas-sezzjoni ta' l-espanzjoni li jkun fiha l-apparat tat-trattament ta' wara. Id-distanza mill-ħanek tal-*manifold* ta' l-*exhaust* jew fid-dħul tat-*turbocharger* ta' l-apparat tat-trattament ta' wara ta' l-*exhaust* għandu jkun l-istess bħal fil-konfigerazzjoni tal-magna jew fid-distanza tal-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur. Il-pressjoni b'lura ta' l-*exhaust* jew ir-restrizzjoni għandha tkun segwita bl-istess kriterja bħal ta hawn fuq, u tista tkun irregolata b'valvola. Il-kontenitur ta' tat-trattament ta' wara jista jkun imneħħi matul il-provi finta u matut l-immappjar tal-magna, u mibdul b'kontenitur ekwivalenti li jkollu sostenn inattiv tal-katalist.";

(d) Is-sezzjoni 2.8 hija mħassra.

3. Is-Sezzjoni 3 hija emendata kif ġej:

(a) It-titoli tas-sezzjoni 3 huwa mibdul b'dan li ġej:

"3. TĦADDIM BI PROVA (TEST NRSC)"

(b) Is-sezzjoni li ġejja għandha tkun miżjuda:

"3.1. Determinazzjoni tar-regolar dinamometriku

Il-bażi tal-kejl speċifiku ta' l-emissjonijiet huwa l-potenza tal-*brake* mhix ikkorreġuta skond ISO 14396: 2002.

Certi awżiljarji, li huma meħtieġa biss għall-operat tal-magna u li jistgħu jkunu immuntati fuq il-magna, għandhom ikunu mneħħija wat it-test. Din il-lista, mhix kompluta, li ġejja, hija mogħtija bħala eżempju:

— Brejk ta' l-arja kumpressata

— Kompressur tal-potenza tal-i*steering*

— Kompressur ta' l-arja kondizzjonata

— Pompi għall-attwaturi idrawliċi.

Meta l-awżiljarji ma jkunux ġew imneħħija, l-potenza assorbita minnhom fil-veloċitajiet tal-prova għandha tkun determinata sabiex ikunu kalkolati l-issettjar tad-dinamometru, apparti milli għal magni meta tali awżiljarji jkunu jiffurmaw parti integrali mill-magna (e.g. fannijiet għat-tberrid ta' magna mberda bl-arja).

L-issettjar tar-restrizzjonijiet fid-dħul u l-pressjoni b'lura fit-tubu ta' l-*exhaust* għandha tkun aġġustata mal-limiti massimi tal-manifattur, skond is-sezzjonijiet 2.3. u 2.4.

Il-valuri massimi tat-torque fil-veloċitajiet speċifikati tat-test għandhom ikunu determinati bl-esperimentazzjoni sabiex ikunu kalkolati l-valuri tat-*torque* għall-moduli speċifikati tat-test. Għall-magni li m'humiex iddisinjati li joperaw matul medda tal-kurva tat-*torque* b'tagħbija massima, t-torque *massima* fil-velocitajiet tat-test għandhom ikunu dikjarati mill-manifattur.

L-issettjar tal-magna għal kull modula tat-test għandu jkun ikkalkolat bl-użu tal-formula:

$$S = \left(\left(P_M + P_{AE}\right) \times \frac{L}{100}\right) - P_{AE}$$

Jekk ir-relattività,

$$\frac{P_{AE}}{P_M} \geq 0{,}03$$

il-valur ta' $P_{AE}$ jista jkun verifikat mill-awtorità teknika li tagħti l-approvazzjoni tat-tip.";

(c) Is-sezzjonijiet preżenti 3.1 sa 3.3 huma numerati mill-ġdid 3.2 sa 3.4;

(d) Is-Sezzjoni preżenti 3.4 hija innumerata mill-ġdid 3.5 u mibdula b'dan li ġej:

"3.5. Aġġustament tar-relattività tat-trattib

Is-sistema tal-kampjunar tal-partikolati għandha tkun mibdija u taħdem fuq *bypass* għal metodu b'filtru singolu (voluntarja għall-metodu bil-filtru multiplu). Il-livell ta' l-isfond tal-partikolati ta' l-arja tat-trattib jista jkun determinat bit-tnixxija ta' l-arja tat-trattib matul il-filtri tal-partikolati. Jekk tkun użata l-arja tat-trattib mill-filtri, kejl wieħed jista' jsir fi kwalunkwe waqt qabel ma, matul, u wara t-test. Jekk l-arja tat-trattib ma tkunx iffiltrata, l-kejl għandu jsir fuq kampjun wieħed miġbur mat-tul tat-test.

L-arja tat-trattib għandha tkun issettjata sabiex takkwista t-temperatura tal-qiċċ tal-filtru bejn 315 K (42 °C) u 325 K (52 °C) f'kull modula. It-total tar-relattività tat-trattib m'għandhiex tkun anqas minn erba'.

*NOTA:* Għal proċedura ta' stat-kontinwu, t-temperatura tal-filtru tista tinżamm fi, jew anqas minn, it-temperatura massima ta' 325 K (52 °C) minflok li tirrispetta l-medda tat-temperatura ta' 42 °C sa 52 °C.

Għal metodi ta' filtru singolu jew multiplu, r-rata tan-nixxija tal-massa tal-kampjun matul il-filtru għandha tinżamm fi proporzjon kostanti tar-rata tan-nixxija tal-massa ta' l-*exhaust* imrattab għal dawk is-sistemi ta' nixxija sħiħa, għall-moduli kollha. Din ir-relattività tal-massa għandha tkun fil-medda ta' ± 5 % fir-rigward tal-medja tal-valur tal-modula, apparti milli għall-ewwel 10 sekondi ta' kull modula għas-sistemi mingħajr il-kapaċità ta' *bypass*. Għal sistemi ta' trattib b'nixxija parzjali bil-metodu ta' filtru wieħed, ir-rata tan-nixxija tal-massa matul il-filtru għandha tkun fil-medda ta' ± 5 % fir-rigward tal-medja tal-valur tal-modula, apparti milli għall-ewwel 10 sekondi ta' kull modula għas-sistemi mingħajr il-kapaċità ta' *bypass*.

Għal sistemi kontrollati b'konċentrazzjonijiet $CO_2$ jew $No_x$, il-kontenut $CO_2$ jew $No_x$ ta' l-arja mrattba għandu jkun imkejjel fil-bidu u fit-tmiem ta' kull test. L-isfond ta' qabel u wara t-test tal-kejl tal-konċentrazzjonijiet $CO_2$ jew $No_x$ ta' l-arja tat-trattib għandu jkun fi ħdan 100 ppm jew 5 ppm ta' xulxin, rispettivament.

Meta jsir użu mis-sistema ta' l-analiżi tal-gass imrattab ta' l-*exhaust*, il-konċentrazzjonijiet relevanti fl-isfond għandhom ikunu determinati bil-kampjunar ta' l-arja mrattba ġewwa borża tal-kampjunar matul is-sekwenza kollha tat-test.

Konċentrazzjonijiet kontinwi fl-isfond (mhux tal-borża) jistgħu ikunu miġbura f'minimu ta' tlett punti, fil-bidu, fit-tmiem, u f'punt qrib in-nofs taċ-ċiklu u meħuda bħala medja. Skond it-talba tal-manifattur il-kejl ta' l-isfond jista' jitħalla barra.";

(e) Sezzjonijiet preżenti 3.5 sa 3.6 huma numerati mill-ġdid 3.6 sa 3.7;

(f) Is-sezzjonijiet preżenti 3.6.1. għandhom ikunu mibdula b'dan li ġej:

"3.7.1. Specifiki ta' l-apparat skond is-Sezzjoni IA ta' l-Anness I:

3.7.1.1. Speċifikazzjoni A.

Għal magni koperti bis-Sezzjoni 1 A(i) u (iv) ta' l-Anness I, iċ-ċiklu ta' 8-moduli li ġej ([1]) għandu jkun segwit bl-operat tad-dinamometru fuq il-magna tal-prova:

| Nru tal-Modula | Veloċità tal-magna | Tagħbija | Fattur tal-peżar |
|---|---|---|---|
| 1 | Ratata | 100 | 0,15 |
| 2 | Ratata | 75 | 0,15 |
| 3 | Ratata | 50 | 0,15 |
| 4 | Ratata | 10 | 0,10 |
| 5 | Intermedja | 100 | 0,10 |
| 6 | Intermedja | 75 | 0,10 |
| 7 | Intermedja | 50 | 0,10 |
| 8 | Taħdem bil-mod | — | 0,15 |

3.7.1.2. Speċifikazzjoni B.

Għall-magni koperti bis-Sezzjoni 1A(ii) ta' l-Anness I, iċ-ċiklu ta' 5-moduli li ġej (2) għandu jkun segwit bl-operat tad-dinamometru fuq il-magna tal-prova:

| Nru tal-Modula | Veloċità tal-magna | Tagħbija | Fattur tal-Peżar |
|---|---|---|---|
| 1 | Ratata | 100 | 0,05 |
| 2 | Ratata | 75 | 0,25 |
| 3 | Ratata | 50 | 0,30 |
| 4 | Ratata | 25 | 0,30 |
| 5 | Ratata | 10 | 0,10 |

Il-figuri tat-tagħbija huma l-valuri perċentwali tat-*torque* li tikkorrispondi għar-ratar tal-potenza primarja definita bħala l-potenza massima disponibbli matul sekwenza ta' potenza varjabbli, li tista' tkun operata għal numru ta' siegħat mingħajr limitu matul is-sena, bejn l-intervalli mistqarra tal-manutenzjoni u skond il-kondizzjonijiet ambjentali mistqarra, bil-manutenzjoni tkun imwettqa kif preskritt mill-manifattur.

3.7.1.3. Speċifikazzjoni C.

Għal magni tal-propulsjoni (3) intiżi li jkunu wżati fuq dgħajjes tal-kanali interni, l-proċedura tat-test ISO kif speċifikata bi ISO 81784-4:2002 (E) u IMO MARPOL 73/78, l-Anness VI (Kodiċi $NO_x$) għandha tkun użata.

Magni tal-propulsjoni li joperaw f'kurva ta'l-iskrun b'angolu-fiss għandhom ikunu testjati fuq dinamometru bl-użu taċ-ċiklu bi stat-kontinwu ta' 4-moduli (4) kif ġej, żviluppati sabiex jirrappreżentaw l-operat fl-użu tal-magni *diesel* kummerċjali marittimi:

| Nru tal-Modula | Veloċità tal-magna | Tagħbija | Fattur tal-peżar |
|---|---|---|---|
| 1 | 100 % (Ratata) | 100 | 0,20 |
| 2 | 91 % | 75 | 0,50 |
| 3 | 80 % | 50 | 0,15 |
| 4 | 63 % | 25 | 0,15 |

Għal magni tal-propulsjoni b'veloċità fissa għal fuq il-kanali interni bl-angolu ta'l-iskrun fiss jew bi skrejjen marnuta b'mod elettriku, għandhom ikunu testjati bl-użu tad-dinamometru taċ-ċiklu bi stat-kontinwu ta' 4-moduli (5) kif ġej, karatterizzati bl-istess tagħbija u l-fatturi tal-peżar bħaċ-ċiklu ta' hawn fuq, imma bil-magna operata f'kull modula tal-veloċità ratata:

| Nru tal-Modula | Veloċità tal-magna | Tagħbija | Fattur tal-peżar |
|---|---|---|---|
| 1 | Ratata | 100 | 0,20 |
| 2 | Ratata | 75 | 0,50 |
| 3 | Ratata | 50 | 0,15 |
| 4 | Ratata | 25 | 0,15 |

3.7.1.4. Speċifikazzjoni D.

Għall-magni koperti bis-Sezzjoni 1A(v) ta' l-Anness I, iċ-ċiklu ta' 3-moduli li ġej ([6]) għandu jkun segwit bl-operat tad-dinamometru fuq il-magna tal-prova:

| Nru tal-Modula | Veloċità tal-magna | Tagħbija | Fattur tal-peżar |
|---|---|---|---|
| 1 | Ratata | 100 | 0,25 |
| 2 | Intermedja | 50 | 0,15 |
| 3 | Taħdem bil-mod | — | 0,60 |

([1]) Nota 1 tigi emendata kif gej: B'mod identiku mac-ciklu C1 kif deskritt f'Paragrafu 8.3.1.1 tal-kriterju l-ISO8178-4:2002 (E).
([2]) Nota 2 tigi emendata kif gej: B'mod identiku mac-ciklu D2 kif deskritt f'Paragrafu 8.4.1 tal-kriterju ISO8178-4: 2002 (E).
([3]) Magni awziljari ta' velocita kostanti ghandhom ikunu certifikati ghac-ciklu tas-servizz ISO D2, jigifieri c-ciklu 5-*mode* ta'stat fiss specifikat f'Sezzjoni 3.7.1.2, waqt li magni awziljari ta velocita varjabbli jridu jkunu certifikati ghac-ciklu tas-servizz ISO CI, jigifieri c-ciklu tal-8-*mode* ta' stat fiss specifikat f'Sezzjoni 3.7.1.1.
([4]) B'mod identiku mac-ciklu E3 kif imfisser f'sezzjonijiet 8.5.1, 8.5.2 u 8.5.3 tal-kriterju ISO8178-4:2002 (E). L-erba *modes* jinsabu fuq kurva medja ta' skrun bazat fuq kejl li qed jintuza.
([5]) B'mod identiku mac-ciklu E2 kif imfisser f'Sezzjonijiet 8.5.1, 8.5.2 u 8.5.3 tal-kriterju ISO8178-4:2002 (E).
([6]) Identiku maċ-ċiklu F ta' ISO 8178-4: 2002(E) *standard*."

(g) Is-sezzjoni preżenti 3.7.3. hija mibdula b'dan li ġej:

"Is-sekwenza tat-test għandha tkun mistqarra. It-test għandu jkun imwettaq fl-ordni tan-numru tal-moduli kif stabbilit hawn fuq għaċ-ċikli tat-testijiet.

Matul kull modula ta' ċiklu ta' test partikolari wara l-perjodu transitorju inizjali, l-veloċità speċifikata għandha tinżamm fi ħdan ± 1 % tal-veloċità ratata jew ± 3 min-1, liema minnhom hija l-akbar, apparti milli għal meta tkun taħdem bil-mod ħafna li għandu jkun fil-limitu tat-tolleranzi dikjarati mill-manifattur. It-*torque* speċifikat għandu jinżamm hekk li l-medja waqt il-perjou li matulu l-kejl ikunu jittieħdu jkunu fi ħdan ± 2 % tat-*torque* massima tal-veloċità tat-test.

Għal kull punt tal-kejl, ħin massimu ta' 10 minuti huwa meħtieġ. Jekk għall-ittestjar ta' magna, ħinijiet ta' kampjunar itwal huma meħtieġa għar-raġuni sabiex tkun akkwistata massa suffiċjenti tal-partikolati fuq il-filtru tal-kejl, il-modula tat-test tal-perjodu tista'tkun estiża kif meħtieġ.

It-tul tal-modula għandu jkun irreġistrat u inkluż fir-rapport.

Il-valuri tal-konċentrazzjonijiet ta' l-emissjonijiet gassusi ta' l-*exhaust* għandhom ikunu mkejla u reġistrati matul l-aħħar tlett minuti tal-modula.

Il-kampjunar tal-partikolati u l-kejl ta' l-emissjonijiet gassusi m'għandhomx jibdew qabel ma l-magna tkun stabilizzata, kif definit mill-manifattur, sakemm dan ikun seħħ u t-twettieq tagħhom għandhom ikunu ko-inċidenti.

It-temperatura tal-karburant għandha tkun imkejla fid-dħul tal-pompa ta' l-injezzjoni tal-karburant jew kif speċifikat mill-manifattur, u l-lokazzjoni tal-kejl tkun irreġistrata.";

(h) Is-sezzjoni preżenti 3.7 hija numerata mill-ġdid 3.8.

4. Is-sezzjoni li ġejja hija miżjuda:

"4. TEST TA' PROVA (TEST NRTC)

4.1. Introduzzjoni

Iċ-ċiklu transjenti mhux-tat-triq (NRTC) huwa elenkat fl-Anness III, l-Appendiċi 4 bħala sekwenza ta' sekonda b'sekonda tal-veloċità normalizzata u l-valuri tat-*torque* applikabbli għall-magni tad-diesel kollha koperti b'din id-Direttiva. Sabiex ikun imwettaq it-test fuq ċellola tat-test tal-magna, l-valuri normalizzati għandhom ikunu konvertiti għall-valuri attwali tal-magna individwali tal-prova, bażati fuq il-kurva ta'l-immappjar tal-magna. Din il-konverżjoni hija referuta bħala denormalizzazzjoni, u ċ-ċiklu tat-test żviluppat huwa referut bħala ċ-ċiklu ta' referenza tal-magna li trid tkun ittestjata. B'dawn il-valuri ta' referenza tal-veloċità u *torque*, iċ-ċiklu għandu jkun operat fuq iċ-ċellola tat-test, u l-valuri tal-veloċità u *torque* kif akkwistati għandhom ikunu reġistrati. Sabiex tkun validata l-prova tat-test, analiżi b'rigressjoni bejn il-veloċità u t-*torque* ta' referenzea u l-akkwist għandha tkun imwettqa malli t-test ikun twettaq kollu.

4.1.1. L-użu ta' apparati tal-falliment jew ta' kontroll irrazzjonali jew ta' strateġiji tal-kontroll ta' l-emissjonijiet irrazzjonali, għandhom ikunu pubblikati.

4.2. Proċedura ta'l-immappjar tal-magna

Meta jkun ġenerat il-NRTC fuq iċ-ċellola tat-test, il-magna għandha tkun immappjata qabel ma jseħħ iċ-ċiklu tat-test sabiex ikun determinat il-veloċità vs il-kurva tat-*torque*.

4.2.1. Determinazzjoni ta' l-immappjar mal-medda tal-veloċità

Il-veloċitajiet minimi u massimi ta' l-immappjar huma definiti kif ġej:

Veloċita minima ta' l-immappjar = veloċità ta' l-istennija

Veloċità massima ta' l-immappjar = $n_{hi}$ × 1,02 jew il-veloċità meta t-*torque* massima tat-tagħbija sħiħa taqa' għal żero, liema minnhom ikun l-anqas (meta $n_{hi}$ hija l-għola veloċità, definita bħala l-ogħla veloċità tal-magna meta 70 % tal-potenza ratata tkun fornuta).

4.2.2. Kurva għall-immappjar tal-magna

Il-magna għandha tkun imsaħħna sal-potenza massima sabiex ikunu stabbiliti l-parametri tal-magna skond ir-rakkommandazzjonijiet tal-manifattur u l-prattika tajba ta'l-inġinerija. Meta l-magna tkun stabilizzata l-immappjar tal-magna għandu jkun imwettaq skond il-proċeduri li ġejjin.

4.2.2.1. Mappa transjenti

(a) Il-magna għandha tkun mingħajr tagħbija u operata bil-veloċità ta' l-istennija.

(b) Il-magna għandha tkun operata fuq tagħbija sħiħa tal-pompa ta' l-injezzjoni u b'veloċità massimma ta' l-immappjar.

(c) Il-veloċità tal-magna għandha tkun miżjuda għal rata medja ta' 8 ± 1 $min^{-1}/s$ mill-veloċità minima għal dik massima ta' l-immappjar. Il-punti tal-veloċità tal-magna u tat-*torque* għandhom ikunu reġistrati fir-rata tal-kampjun ta' mill-anqas punt wieħed kull sekonda.

4.2.2.2. Mappa tal-pass

(a) Il-magna għandha tkun mingħajr tagħbija u operata bil-veloċità ta' l-istennija.

(b) Il-magna għandha tkun operata fuq tagħbija sħiħa tal-pompa ta' l-injezzjoni u b'veloċità massima ta' l-immappjar.

(c) Waqt li tinżamm tagħbija sħiħa, l-veloċità minima ta' l-immappjar għandha tinżamm għal mill-anqas 15 s, u l-medja tat-*torque* matul l-aħħar 5 s għandha tkun irreġistrata. Il-kurva tat-*torque* massima mill-veloċità minimu għal dik massima ta' l-immappjar għandha tkun determinata f'mhux aktar minn 100 ± 20/min żidiet fil-veloċità. Kull punt tat-test għandu jinżżamm għal mill-anqas 15 s, u l-medja tat-*torque* matul l-aħħar 5 s għandha tkun reġistrata.

4.2.3. L-immappjar tal-kurva tal-ġenerazzjoni

Il-punti tal-ġbir kollha skond is-sezzjoni 4.2.2. għandhom ikunu konnessi bl-użu ta' l-interpolazzjoni lineari bejn il-punti. Il-kurva tat-*torque* riżultanti hija l-kurva ta' l-immappjar u għandha tkun użata sabiex tikkonverti l-valuri normalizzati tat-*torque* ta'l-iskeda tad-dinamometru tal-magna ta' l-Anness IV lejn valuri attwali tat-*torque* taċ-ċiklu tat-test, kif deskritt fi-sezzjoni 4.3.3.

4.2.4. Immappjar alternattiv

Jekk manifattur jemmen li t-tekniċi ta' l-immappjar ta' hawn fuq huma neqsin minn sigurtà jew ma humiex rappreżentattivi għal xi magna partikolari, tekniki alternattivi ta'l-immappjar jistgħu jkunu wżati. Dawn it-tekniċi alternattivi għandhom jissodisfaw l-intenzjoni tal-proċeduri speċifiċi ta' l-immappjar sabiex jiddeterminaw it-*torque* massima disponibbli fil-veloċitajiet kollha tal-magna akkwistati matul iċ-ċikli tat-test. Devjazzjonijiet mit-tekniċi ta'l-immappjar kif speċifikati f'din is-sezzjoni minħabba s-sigurtà jew nuqqas ta' rappreżentanza għandhom ikunu approvati mill-partijiet involuti flimkien mal-ġustifikazzjoni ta' l-użu tagħhom. Fl-ebda każ, b'danakollu, m'għandha l-kurva tat-*torque* tkun operata b'veloċitajiet dixxendenti tal-magna għal magni bir-regolatur jew bit-*turbocharger*.

4.2.5. Repliki tat-testijiet

Ma hemmx ħtieġa li l-magna tkun immappjata qabel kull wieħed miċ-ċikli tat-test. Magna għandha tkun immappjata mill-ġdid qabel iċ-ċiklu tat-test jekk:

— ammont mhux reġjonevoli ta' żmien ikun skada sa mill-aħħar mappa, kif determinat b'ġudizju tal-inġinerija, jew,

— tibdiliet fiżiċi jew kalibrazzjonijiet mill-ġdid ikunu seħħew għall-magna, li potenzalment jistgħu jaffettwaw l-imġieba tal-magna.

4.3. Ġenerazzjoni taċ-ċiklu tat-test ta' referenza

4.3.1. Veloċità ta' referenza

Il-veloċità ta' referenza ($n_{ref}$) tikkorrespondi għal 100 % tal-valuri normalizzati tal-veloċità speċifikati fl-iskeda tad-dinamometri tal-magna ta' l-Anness III, l-Appendiċi 4. Huwa ovvju li ċ-ċiklu attwali tal-magna jirriżulta mid-denormalizzazzjoni tal-veloċità ta' referenza li pjuttost jiddependi mill-għażla tal-veloċità xierqa ta' referenza. Il-veloċità ta' referenza għandha tkun determinata b'din id-definizzjoni li ġejja:

$$n_{ref} = \text{veloċità baxxa} + 0{,}95 \times \left(\text{veloċità għolja — loveloċità baxxa}\right)$$

(il-veloċità għolja hija l-ogħla veloċità tal-magna meta 70 % tal-potenza ratata tkun fornuta, waqt li l-veloċità l-baxxa hija l-anqas veloċità tal-magna meta 50 % tal-potenza ratata tkun fornuta).

4.3.2. Denormalizzazzjoni tal-veloċità tal-magna

Il-veloċità għandha tkun denormalizzata bl-użu ta' din l-ekwazzjoni li ġejja:

$$\text{Veloċità attwali} = \frac{\text{\% tal-veloċità} \times \left(\text{veloċità ta referenza - veloċità ta tip } \textit{idle}\right)}{100} + \text{veloċità ta l-istennija}$$

4.3.3. Denormalizzazzjoni tat-*torque* tal-magna

Il-valuri tat-*torque* fl-iskeda tad-dinamometru tal-magna ta' l-Anness III, l-Appendiċi 4, huma normalizzati għat-*torque* massima fil-veloċità rispettiva. Il-valuri tat-*torque* taċ-ċicli tar-referenza għandhom ikunu denormalizzati, bl-użu tal-kurva tal-immappjar determinata skond is-Sezzjoni 4.2.2., kif ġej:

$$\textit{Torque} \text{ attwali} = \frac{\text{\% } \textit{torque} - \textit{torque} \text{ massima}}{100} (5)$$

għal veloċità attwali rispettiva kif determinata fis-Sezzjoni 4.3.2.

4.3.4. Eżempju tal-proċedura denormalizzata

Bħala eżempju, l-punt tat-test li ġej għandu jkun denormalizzat:

% veloċità = 43 %

% torque = 82 %

Meqjusa dawn il-valuri li ġejjin:

veloċità ta' referenza = 2 200/min

veloċità ta' stennija = 600/min

tirriżulta fi

$$\text{Veloċità attwali} = \frac{43 \times \left(2\,200 - 600\right)}{100} + 600 = 1\,288 \text{ min}$$

Bit-*torque* massima ta' 700 Nm osservata mill-kurva tal-immappjar fi 1 288/min

$$\textit{Torque} \text{ attwali} = \frac{82 \times 700}{100} = 574 \text{ Nm}$$

4.4. Dinamometru

4.4.1. Meta tkun użuta ċelolla mgħobbija, s-sinjal tat-*torque* għandu jkun trasferit għall-fuq tal-magna u l-*inertia* tad-dyno għandha tkun meqjusa. It-*torque* attwali tal-magna huwa t-*torque* moqri fiċ-ċellola l-imgħobbija fil-mument ta'l-*inertia* tal-*brake* immoltiplikat bl-aċċelerazzjoni angolari. Is-sistema tal-kontroll għandha tissodisfa din il-kalkolazzjoni f'ħin attwali.

4.4.2. Jekk il-magna tkun ittesdtjata b'dinamometru tal-kurrent *eddy*, huwa rakommandat li n-numru ta' punti, meta d-differenza $T_{sp} - 2 \times \pi \times \dot{n}_{sp} \times \Theta_D$ tkun anqas minn – 5 % tal-quċċata tat-*torque*, ma tkunx teċċedi 30 (meta ($T_{sp}$ ikun it-*torque* mitlub, $\dot{n}_{sp}$ id-derivattiv tal-veloċità tal-magna, $T_D$ tkun l-*inertia* rotanti tad-dinamometru tal-kurrent eddy).

4.5. Prova tat-test ta' l-emissjonijiet

Il-grafika tat-tmexxija li ġejja tispjega s-sekwenza tat-test.




Ċiklu wieħed jew aktar tal-prova jistgħu jinżammu kif meħtieġ għall-verifika tal-magna, ċ-ċellola tat-test u s-sistemi ta' l-emissjonijiet, qabel iċ-ċiklu tal-kejl.

4.5.1. Preparazzjoni tal-filtri tal-kampjunar

Mill-anqas siegħa qabel it-test, kull filtru għandu jitqiegħed f'dixx petri, li jkun imħares kontra l-kontaminazzjoni tat-trab u jippermetti l-iskambju ta' l-arja, u mqiegħed fil-kabina ta' l-użin għall-istabilizzazzjoni. Fit-tmiem tal-perjodu ta' stabilizzazzjoni, kull filtru għandu jkun miżun u l-piż għandu jkun irreġistrat. Il-filtru għandu mbagħad ikun maħżun f'dixx petri magħluq jew f'detentur issiġillat tal-filtru sakemm ikun meħtieġ għat-test. Il-filtru għandu jkun użat fi żmien tmin siegħat mit-tneħħija mill-kabina ta' l-użin. Il-piż nett għandu jkun irreġistrat.

4.5.2. Stallazzjoni ta' l-apparat tal-kejl

Is-sondi ta'l-istrumentazzjoni u tal-kampjunar għandhom ikunu immuntati kif meħtieġ. It-tubu tat-tarf ta' wara għandu jkun konness mas-sistema tat-trattib d'nixxija sħiħa, jekk użata.

4.5.3. L-istartjar u l-prtekondizzjonar tas-sistema tat-trattib u tal-magna

Is-sistema tat-trattib u tal-magna għandhom ikunu startjati u msaħħna. Il-prekondizzjonar tas-sistema tal-kampjunar għandu jkun imwettaq bl-operat tal-magna fil-kondizzjoni tal-veloċità ratata, 100 % *torque* għal minimu ta' 20 minuta waqt li simultanjament tkun operata jew is-Sistema Parzjali tal-Kampjunar tan-nixxij jew tal-CVS b'nixxija Sħiħa tas-sistema bit-trattib sekondarju. Il-kampjuni ta' l-emissjonijiet tal-materja tal-partikolati finta huma mbagħad miġbura. Il-filtri tal-kampjunar tal-partikolati mhux bilfors li jkunu stabbilizzati jew miżuna, u jistgħu ikunu mwarrba. Medja tal-filtru tista tkun skambjata matul il-kondizzjonat sakemm il-ħin totali tal-kampjunar mil-filtri u s-sistema tal-kampjunar tkun teċċedi 20 minuta. Ir-rati tan-nixxija għandhom ikunu regolati fir-rati approsimattivi tan-nixxija magħżula għal testijiet transjenti. It-*torque* għandha tkun imnaqqsa minn 100 % *torque* waqt li tinżamm il-kondizzjoni tal-veloċità ratata kif meħtieġ sabiex ma teċċedix il-191 °C massimu ta'l-ispeċifika tat-temperatura taż-żona tal-kampjun.

4.5.4. Il-bidu tas-sistema tal-kampjunar tal-partikolati

Is-sistema tal-kampjunar tal-partikolati għandha tkun mibdija u operata fuq il-*by-pass*. Il-livell tal-isfond tal-partikolati ta' l-arja tat-trattib jista' jkun determinat bil-kampjunar ta' l-arja mrattba qabel id-dħul ta' l-*exhaust* fil-mina tat-trattib. Ikun preferibbli li l-kampjun fl-isfond tal-partikolati ikun miġbur waqt iċ-ċiklu transjenti jekk sistema PM oħra tal-kampjunar tkun disponibbli. Altrimentri, s-sistema PM tal-kampjunar użata għall-ġbir taċ-ċiklu PM transjenti tista' tkun użata. Jekk tkun użata l-arja tat-trattib mill-filtri, kejl wieħed jista jsir fi kwalunkwe waqt qabel ma, matul, u wara t-test. jekk l-arja tat-trattib ma tkun filtrata, l-kejl għandu jkun imwettaq qabel il-bidu u wara t-tmiem taċ-ċiklu u l-valuri miġbura bħala medja.

4.5.5. Aġġustament tas-sstema tat-trattib

It-total tan-nixxija tal-gass ta' l-*exhaust* ta' sistema tat-trattib b'nixxija sħiħa jew tal-gass imrattab ta' l-*exhaust* minn sistema tan-nixxija parzjali tat-trattib għandha tkun irregolata sabiex telimina l-kondensazzjoni ta' l-ilma fis-sistema, u sabiex takkwista temperatura fil-wiċċ tal-filtru bejn 315 K (42 °C) u 325 K (52 °C).

4.5.6. Verifika ta' l-analizzaturi

L-analizzaturi ta' l-emissjoni għandhom ikunu regolati f'żero u spazjati. Jekk ikunu wżati l-boroż tal-kampjunar, dawn għandhom ikunu evakwati.

4.5.7. Proċedura tal-istartjar tal-magna

Il-magna stabilizzata għandha tkun startjata fi żmien 5 minuti minn wara l-iffinalizzar tas-sħana skond il-proċedura tal-istartjar rakommandata mill-manifattur fil-manwal tad-dentur, bl-użu jew tas-*starter-motor* tal-produzzjoni jew tad-dinamometru. B'mod voluntarju, t-test jista jibda fi żmien 5 minuti mill-fażi tal-prekondizzjonar tal-magna mingħajr ma tintefa kompletament il-magna, meta l-magna tkun twasslet fil-kondizzjoni ta'l-istennija.

4.5.8. Prova taċ-ċiklu

4.5.8.1. Sekwenza tat-test

Is-sekwenza tat-test għandha tibda meta l-magna tkun startrjata minn meta tkun mitfija wara l-fażi tal-prekondizzjonar jew minn kondizzjonijiet ta' stennija meta tkun startjata direttament mill-fażi tal-prekondizzjonar bil-magna qiegħda taħdem. It-test għandu jkun imwettaq skond iċ-ċiklu ta' referenza kif stabbilit fl-Anness III, l-Appendiċi 4. Il-veloċità tal-magna u l-punti regolati tal-kmand tat-*torque* għandu jkun fi 5 hz (10 Hz rekkomandati) jew aktar. Il-punti regolati għandhom ikunu kalkolati bl-interpolazzjoni lineari bejn 1 Hz tal-punti tar-regolar taċ-ċiklu ta' referenza. L-informazzjoni akkwistata mill-veloċità tal-magna u t-*torque* għandhom ikunu reġistrati darba kull sekonda matul iċ-ċiklu tat-test, u s-sinjali jistgħu ikunu filtrati b'mod elettroniku.

4.5.8.2. Reazzjoni ta' l-analizzatur

Meta l-magna tkun startjata, jew fis-sekwenza tat-test, jekk iċ-ċiklu jkun startjat direttament mill-rekondizzjonar, l-apparat tal-kejl għandu jkun startjat, simultanjament:

— il-bidu tal-ġbir jew l-analizzar ta' l-arja tat-trattib, jekk is-sistema ta' trattib b'nixxija sħiħa tkun użata,

— il-bidu tal-ġbir jew l-analizzar tal-gass ta' l-*exhaust* mhux ittrattat jew imrattab, jiddependi mill-metodu użat,

— il-bidu tal-kejl ta' l-ammont tal-gass imrattab ta' l-*exhaust* u t-temperaturi u l-pressjoni meħtieġa,

— il-bidu tar-reġistrar tar-rata tan-nixxija tal-massa tal-gass, jekk ikun użat l-analiżi tal-gass ta' l-*exhaust* li ma jkunx ittrattat.

— ir-reġistrar ta' l-informazzjoni akkwistata tal-veloċità u t-*torque* tad-dinamometru.

jekk ikun użat il-kejl ta' l-*exhaust* mhux trattat, il-konċentrazzjonijiet ta' l-emissjoni (HC, CO u $NO_x$) u r-rata tan-nixxija tal-massa tal-gass ta' l-*exhaust* għandha tkun imkejla kontinwament u maħżuna f'mill-anqas 2 Hz f'sistema tal-computer. L-informazzjoni l-oħra kollha tista' tkun irreġistrata bir-rata tal-kampjun ta' mill-anqas 1 Hz. Għal analizzaturi analogi, r-reazzjoni għandha tkun irreġistrata, u l-informazzjoni tal-kalibrazzjoni tista' tkun applikata *online* jew *offline* matul l-evalwazzjoni ta' l-informazzjoni.

Jekk is-sistema tat-trattib tan-nixxija sħiħa hija wżata, HC and $No_x$ għandha tkun imkejla kontinwament fil-mina tat-trattib bil-frekwenza ta' mill-anqas 2 Hz. Il-medja tal-konċentrazzjonijiet għandha tkun determinata bl-integrazzjoni tas-sinjali ta' l-analizzatur matul iċ-ċiklu tat-test. Is-sistema tar-reazzjoni tal-ħin m'għandhiex tkun akbar minn 20 s, u għandha tkun kordinata mat-tiblid fin-nixxija CVS u l-ħin tal-kampjunar / *offsets* taċ-ċiklu tat-test, jekk hekk meħrieġ. Il-CO u il-$CO_2$ għandhom ikunu determinati bl-integrazzjoni jew bl-analizzar tal-konċentrazzjonijiet fil-borża tal-kampjun miġbur matul iċ-ċiklu. Il-konċentrazzjonijiet tat-tniġġiz gassus fl-arja tat-trattib għandhom ikunu determinati bl-integrazzjoni jew bil-ġbir fl-isfond tal-borża. Il-parametri l-oħrajn kollha li jeħtieġ li jkunu mkejla għandhom ikunu reġistrati bil-minimu ta' kejl wieħed kull sekonda (1 Hz).

4.5.8.3. Kampjunar tal-partikolati

Meta l-magna tkun startjata, jew fis-sekwenza tat-test, jekk iċ-ċiklu jkun startjat direttament mill-rekondizzjonar, l-apparat tal-kejl għandu jkun starjat mill-*by-pass* tal-ġbir tal-partikolati:

Jekk tkun użata s-sistema tan-nixxja parzjali tat-trattib, il-pompa(i) tal-kampjun għandhom ikunu aġġustati hekk li r-rata tan-nixxija matul is-sonda tal-kampjun tal-partikolati jew tat-tubu tat-trasferiment ikun miżmum b'mod proporzjonali mar-rata tan-nixxija tal-massa ta' l-*exhaust*.

Jekk tkun użata s-sistema tan-nixxja sħiħa tat-trattib, il-pompa(i) tal-kampjun għandhom ikunu aġġustati hekk li r-rata tan-nixxija matul is-sonda tal-kampjun tal-partikolati jew tat-tubu tat-trasferiment ikun miżmum b'mod proporzjonali mar-rata tan-nixxija fi ħdan ± 5 %. Jekk il-kumpens tan-nixxija (i.e., kontroll proporzjonali tan-nixxija tal-kampjun) ikun użat, dan għandu jkun muri li r-relattività tan-nixxija fil-mina ewlenija tal-kampjun tal-partikolati, in-nixxija ma tinbidilx b'aktar minn ± 5 % tal-valur irregolat (apparti milli għall-ewwel 10 sekondi tal-kampjunar).

*NOTA:* Għall-operat tat-trattib doppju, nixxija tal-kampjun hija d-differenza netta bejn ir-rata tan-nixxija matul il-filtri tal-kampjun u r-rata tan-nixxija ta' l-arja tat-trattib sekondarju.

Il-medja tat-temperatura u l-pressjoni fl-arloġġ(i) tal-gass jew l-istrumentazzjoni fin-nixxija tad-dħul, għandhom ikunu reġistrati. Jekk ir-rata tan-nixxija irregolata ma tkunx tista tinżamm matul iċ-ċiklu kollu (fi ħdan ± 5 %) minħabba t-tagħbija għolja tal-partikolati fuq il-filtri, t-test għandu jkun imħassar. It-test għandu jinżamm mill-ġdid bl-użu ta' rata ta' nixxija aktar baxxa u/jew filtru b'diamteru akbar.

4.5.8.4. Tifi aċċidentali tal-magna

Jekk il-magna tieqaf b'mod aċċidentali fi kwalunkwe waqt matul it-test, il-magna għandha tkun prekondizzjonata u startjata mill-ġdid, u t-test repetut. Jekk ikun hemm xi ħsara fi kwalunkwe apparat meħtieġ tat-test matul iċ-ċiklu tat-test, it-test għandu jkun imħassar.

4.5.8.5. Operati ta' wara t-test

Mat-tkomplija tat-test, il-kejl tar-rata tan-nixxija tal-massa tal-gass ta' l-*exhaust*, il-volum tal-gass ta' l-exahust imrattab, in-nixxija tal-gass fil-boroż tal-ġbir u l-pompa tal-kampjun tal-partikolati għandhom ikunu mwaqqfa. Għal sistema ta' l-analizzatur integrat, il-kampjunar għandu jibqa sakemm il-ħinijiet tar-reazzjoni tas-sistema jkun skada.

Il-konċentrazzjonijiet tal-boroż tal-ġbir, jekk użati, għandhom ikunu analizzati malajr kemm jista jkun possibbli u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 20 minuta minn wara t-tmiem taċ-ċiklu tat-test.

Wara t-test ta' l-emissjoni, gass żero u l-medda ta' l-istess gass, għandhom ikunu wżati għall-verifikar mill-ġdid ta' l-analizzaturi. It-test għandu jkun meqjus bħala aċċettabbli jekk id-differenza bejn ir-riżultati ta' qabel it-test u ta' wara it-test tku anqas minn 2 % tal-valur tal-medda tal-gass.

Il-filtri tal-partikolati għandhom jitqiegħdu mill-ġdid fil-kabina ta' l-użin mhux aktar tard minn siegħa wara t-tkomplija tat-test. Dawn għandhom ikunu kondizzjonati f'dixx petri, li jkun protett kontra l-kontaminazzjoni mit-trab u jippermetti għall-iskambju ta' l-arja, għal mill-anqas siegħa, imbagħad miżun. Il-piż gross tal-filtri għandu jkun reġistrat.

4.6. Verifika tal-prova tat-test

4.6.1. Caqlieq ta' l-informazzjoni

Sabiex ikun minimizzat l-effett preġudikanti tad-dewmien fiż-żmien bejn il-*feedback* u l-valuri taċ-ċikli ta' referenza, l-veloċità intiera tal-magna u s-sinjal tal-*feedback* tat-*torque* jistgħu jkunu avanzati jew imdewma fiż-żmien fir-rigward tal-veloċità ta' referenza u s-sekwenza tat-*torque*. Jekk is-sinjali tal-*feedback* huma mċaqalqa, kemm il-veloċità u t-*torque* għandhom ikunu mċaqalqa bl-istess ammont lejn l-istess direzzjoni.

4.6.2. Kalkolu taċ-ċiklu tax-xogħol

Iċ-ċiklu attwali tax-xogħol $W_{act}$ (kWh) għandu jkun ikkalkolat bl-użu ta' par tal-veloċità tal-*feedback* tal-magna u l-valuri tat-torque, għandhom ikunu reġistrati. Iċ-ċiklu attwali tax-xogħol $W_{act}$ huwa wżat għal tqabbil maċ-ċiklu ta' referenza tax-xogħol $W_{ref}$ u għall-kalkolu ta' l-emissjonijiet speċifiċi ta'l-ibbrejkjar. L-istess metodoloġija għandha tkun użata għall-integrazzjoni kemm tar-referenza u wkoll tal-potenza attwali tal-magna. Jekk il-valuri għandhom ikunu determinati bejn ir-referenzi tal-biswit jew il-valuri mkejla tal-biswit, l-interpolazzjoni lineari għandha tkun użata.

Fl-integvrazzjoni tar-referenza u ċ-ċiklu attwali tax-xogħol, il-valuri negattivi kollha tat-*torque* għandhom ikunu irregolati f'żero u wkoll inklużi. Jekk l-integrazzjoni tkun imwettqa fi frekwenza ta' anqas minn 5 Herts, u jekk, matul segment ta' ħin partikolari, l-valur tat-*torque* jinbidel minn pożittiv għal negattiv jew minn negattiv għal pożittiv, il-porzjon negattiv għandu jkun ikkalkolat u regolat ugwali għal żero. Il-porzjon pożittiv għandu wkoll ikun inkluż fil-valur integrat.

$W_{act}$ għandu jkun bejn - 15 % u + 5 % ta' $W_{ref}$.

4.6.3. Validazzjoni ta' l-istatistika taċ-ċiklu tat-test

Ir-regressjonijiet lineari tal-valuri tal-*feedback* fuq il-valuri ta' referenza għandhom ikunu mwettqa għall-veloċità, *torque* u potenza. Dan għandu jsir wara l-*feedback* taċ-ċaqlieq ta' l-informazzjoni jkun seħħ, jekk tkun magħżula din l-għażla. Il-metodu ta' l-anqas kwadri għandu jkun użat, bl-aħjar ekwazzjoni li jkollha l-għamla:

$$y = mx + b$$

meta:

y = *feedback* (attwali) tal-valur tal-veloċità ($min^{-1}$), *torque* (N.m), jew potenza (kW)

m = iż-żurżieqa tal-linja tar-regressjoni

x = valur tar-referenza tal-veloċità ($min^{-1}$), *torque* (N.m), jew tal-potenza (kW)

b = y interċessjoni tal-linja tar-regressjoni.

L-estimi tan-norma tal-iżball (SE) ta' y fuq x u tal-koeffiċjent tad-determinazzjoni ($r^2$) għandhom ikunu kalkolati għal kull linja tar-regressjoni.

Huwa rakkommandat li din l-analiżi tkun imwettqa f 1 Hertz. Sabiex test ikun meqjus validu, l-kriterja tat-Tabella 1 għandha tkun sodisfatta.

*Tabella 1 – Linja tat-tolleranzi tar-regressjoni*

| | Veloċità | Torque | Potenza |
|---|---|---|---|
| Norma ta' żball ta' l-estimi (SE) ta' Y fuq X | mass 100 $min^{-1}$ | mass 13 % tal-mappa tal-potenza, *torque* massima tal-magna | mass 8 % tal-mappa tal-potenza, potenza massima tal-magna |
| Żurżieqa tal-linja tar-regressjoni, m | 0,95 to 1,03 | 0,83 — 1,03 | 0,89 — 1,03 |
| Koeffiċjent tad-determinazzjoni, $r^2$ | min 0,9700 | min 0,8800 | min 0,9100 |
| Y interċezzjoni tal-linja ta; regressjoni, b | ± 50 $min^{-1}$ | ± 20 N.m or ± 2 % tat-torque massima, liema minnhom tkun l-akbar | ± 4 N.m or ± 2 % tal-potenza massima, liema minnhom tkun l-akbar |

Għal skopijiet biss ta' regressjoni, t-tħassir tal-punt huma permissibbli meta innotat fit-Tabella 2 qabel ma jsir il-kalkolu tar-regressjoni. B'danakollu, dawk il-punti m'għandhomx ikunu mħassra għall-kalkolu taċ-ċiklu tax-xogħol u l-emissjonijiet. Punt ta' stennija huwa definit bħala punt li jkollu *torque* normalizzat ta' referenza ta' 0 % u referenza normalizzata b'v eloċità 0 %. Il-punt tat-tħassir jista' jkun applikat għall-intier kollu jew għal xi parti taċ-ċiklu.

*Tabella 2 – Pust tat-tħassir permissibbli għal analiżi ta' regressjoni (punti li dwarhom il-punt tat-tħassir huwa applikat għandhom ikunu speċifikati)*

| Kundizzjoni | Punti tal-veloċità u/jew *torque* u/jew potenza li jistgħu jkunu mħassra b'referenza mal-kondizzjonijiet elenkati fil-kolonna tax-xellug |
|---|---|
| L-ewwel 24 (±1) s u l-aħħar 25 s | Veloċità, *torque* u potenza |
| Bit-*throttle* miftugħ kollu, u riżultat mit-*torque* < 95 % referenza torque | *Torque* u/jew potenza |
| Bit-*throttle* miftugħ kollu, u riżultat mit-torque < 95 % referenza veloċità | Veloċità u/jew potenza |
| Bit-*throttle* magħluq, riżultat mill-veloċità > veloċità tal-istennija + 50 $min^{-1}$, u riżultat mit-*torque* > 105 % referenza *torque* | *Torque* u/jew potenza |
| Bit-*throttle* magħluq, riżultat mill-veloċità > veloċità tal-istennija + 50 $min^{-1}$, u riżultat mit-*torque* = torque definit mill-manifattur / *torque* imkejla tal-istennija ± 2 % tat-torque massima | Veloċità u/jew potenza |
| Bit-*throttle* magħluq u riżultat mill-veloċità > 105 % referenza veloċità | Veloċità u/jew potenza." |

5. L-Appendiċi 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

*"APPENDICI 1*

**PROĊEDURI TAL-KEJL U TAL-KAMPJUNAR**

1. **PROĊEDURI TAL-KEJL U TAL-KAMPJUNAR (TEST NRSC)**

Komponenti gassusi u tal-partikolati emissi mill-magna preżentati għat-test għandhom ikunu mkejla bil-metodi deskritti fl-Anness VI. Il-metodi ta' l-Anness VI jiddeskrivu s-sistemi analitiċi rakommandati għall-emissjonijiet gassusi (is-Sezzjoni 1.1) u s-sistemi rakommandati tat-trattib tal-partikolati u tal-kampjunar (is-Sezzjoni 1.2).

1.1. **Speċifika tad-dinamometru**

Id-dinamometru ta' magna b'karatteristiċi adekwati sabiex iwettaq iċ-ċiklu tat-test deskritt fl-Anness III, is-Sezzjoni 3.7.1. għandu jkun użat. L-istrumentazzjoni għall-kejl tat-*torque* u l-veloċità għandha tippermetti l-kejl tal-potenza fil-limiti stipulati. Kalkoli addizzjonali għandhom mnejn ikunu meħtieġa. L-eżatezza ta' l-apparat tal-kejl għandha tkun tali li t-tolleranzi massimi tal-figuri mogħtija fil-punt 1.3. ma jkunux misbuqa.

1.2. **Nixxija tal-gass ta'l-*exhaust***

In-nixxija tal-gass ta' l-*exhaust* għandha tkun determinata b'wieħed mill-metodi msemmija fis-sezzjonijiet 1.2.1 sa 1.2.4.

1.2.1. *Metodu tal-kejl dirett*

Il-kejl dirett tan-nixxija ta' l-*exhaust* miż-żennuna tan-nixxija jew sistema ekwivalenti tal-metraġġ (għat-dettal ara ISO 5167:2000).

*NOTA:* Il-kejl dirett tan-nixxija gassusa hija biċċa xogħol diffiċli. Prekwazzjonijiet għandhom jittieħdu sabiex ikunu evitati żbalji fil-kejl li jkollhom impatt fuq żbalji fil-valur ta' l-emissjonijiet.

1.2.2. *Metodu tal-kejl ta' l-arja u tal-karburant*

Kejl tan-nixxija ta' l-arja u tan-nixxija tal-karburant.

Arloġġi tan-nixxija ta' l-arja u arloġġi tan-nixxija tal-karburant bl-eżatezza definita fis-Sezzjoni 1.3., għandhom ikunu wżati.

Il-kalkolu tan-nixxija tal-gass ta' l-*exhaust* huwa hekk:

$G_{EXHW} = G_{AIRW} + G_{FUEL}$ (għal massa umida ta' l-*exhaust*)

1.2.3. *Metodu bl-ibbilanċjar tal-karbonju*

Kalkolu tal-massa ta' l-*exhaust* mill-konsum tal-karburant u l-konċentrazzjonijiet tal-gass ta' l-*exhaust* bl-użu tal-metodu tal-ibbilanċjar tal-karbonju (l-Anness III, l-Appendiċi 3).

1.2.4. *Metodu tal-kejl bl-intraċċar*

Dan il-metodu jinvolvi l-kejl tal-konċentrazzjoni ta' gass ta' l-intraċċar ġewwa l-*exhaust*. Ammont magħruf ta' gass inert (e.g. ħeljum pur) għandu jkun injettat fin-nixxija tal-gass ta' l-*exhaust* għall-iskop ta' l-intraċċar. Il-gass huwa mħallat u mrattab bil-gass ta' l-*exhaust*, imma m'għandux ikollu reazzjoni fit-tubu ta' l-*exhaust*. Il-konċentrazzjoni tal-gass għandha mbagħad tkun imkejla fil-kampjun tal-gass ta' l-*exhaust*.

Sabiex ikun assigrat it-taħlit sewwa tal-gass tal-intraċċar, is-sonda tal-kampjunar tal-gass ta' l-*exhaust* għandha tkun lokalizzata f'mill-anqas 1 m jew 30 darba d-diametru tat-tubu ta' l-*exhaust*, liema minnhom ikun l-akbar, *downstream* mill-punt ta' l-injezzjoni tal-gass tal-intraċċar. Is-sonda tal-kampjunar tista tkun lokalizzata aktar qrib tal-punt ta' l-injezzjoni jekk it-taħlit komplut ikun verifikat bit-tqabbil tal-konċentrazzjoni tal-gass tal-intraċċar mal-konċentrazzjoni ta' referenza meta l-gass tal-intraċċar ikun injettat *upstream* tal-magna.

Ir-rata tan-nixxija tal-gass tal-intraċċar għandha tkun regolata hekk li l-konċentrazzjoni tal-gass tal-intraċċar waqt li l-magna tkun taħdem bil-veloċità tal-istennija wara t-taħlit ikun anqas mill-iskala sħiħa ta' l-analizzatur tal-gass tal-intraċċar.

Il-kalkolu tan-nixxija tal-gass ta' l-*exhaust* huwa hekk:

$$G_{EXHW} = \frac{G_T \times \rho_{EXH}}{60 \times (conc_{mix} - conc_a)}$$

meta:

$G_{EXHW}$ = nixxija tal-massa istantanja ta' l-exhaust (kg/s)

$G_T$ = nixxija tal-gass tal-intraċċar ($cm^3$/min)

$conc_{mix}$ = konċentrazzjoni istantanja tal-gass tal-intraċċar wara t-taħlit, (ppm)

$P_{EXH}$ = densità tal-gass ta' l-exhaust ($kg/m^3$)

$conc_a$ = il-konċentrazzjoni ta' l-isfond tal-gass tal-intraċċar fid-dħul ta' l-arja (ppm)

Il-konċentrazzjoni ta' l-isfond tal-gass tal-intraċċar (conca) tista' tkun determinata bil-medja tal-konċentrazzjoni ta' l-isfond imkejla immedjatament qabel u wara l-prova tat-test.

Meta l-konċentrazzjoni ta' l-isfond tkun anqas minn 1 % tal-konċentrazzjoni tal-gass tal-intraċċar wara t-taħlit (concmix) fil-massimu tan-nixxija ta' l-*exhaust*, il-konċentrazzjoni ta' l-isfond tista tkun injorata.

Is-sistema totali għandha tilħaq l-ispeċifiki ta' l-eżatezza għan-nixxija tal-gass ta' l-*exhaust* u għandha tkun kalibrata skond l-Appendiċi 2, is-Sezzjoni 1.11.2.

1.2.5. *Nixxija ta' l-arja u l-metodu tal-kejl tar-relattività ta' l-arja mal-karburant*

Dan il-metodu jinvolvi l-kalkolu tal-massa ta' l-exhaust min-nixxija ta' l-arja y tar-relattività ta' l-arja mal-karburant. Il-kalkolu tan-nixxija tal-massa istantanja tal-gass ta' l-exhaust huwa hekk:

$$G_{EXHW} = G_{AIRW} \times \left(1 + \frac{1}{A/F_{st} \times \lambda}\right) \text{Meta}$$

$$A/F_{st} = 14{,}5$$

$$\lambda = \frac{\left(100 - \frac{conc_{CO} \times 10^{-4}}{2} - conc_{HC} \times 10^{-4}\right) + \left(0{,}45 \times \frac{1 - \frac{2 \times conc_{CO} \times 10^{-4}}{3{,}5 \times conc_{CO2}}}{1 + \frac{conc_{CO} \times 10^{-4}}{3{,}5 \times conc_{CO2}}}\right) \times \left(conc_{CO2} + conc_{CO} \times 10^{-4}\right)}{6{,}9078 \times \left(conc_{CO2} + conc_{CO} \times 10^{-4} + conc_{HC} \times 10^{-4}\right)}$$

meta

$A/F_{st}$ = relattività stojkjometrika arja/karburant (kg/kg)

$\lambda$ = medja relattiva arja/karburant

$conc_{CO2}$ = konċentrazzjoni $CO_2$ xotta (%)

$conc_{CO}$ = konċentrazzjoni CO xotta (ppm)

$conc_{HC}$ = konċentrazzjoni HC (ppm)

*NOTA:* Il-kalkolu jirreferi għal karburant diesel b'relattività H/C egwali għal 1,8.

L-arloġġ tan-nixxija ta' l-arja għandu jilħaq l-peżatezza tal-ispeċifiki fit-Tabella 3, l-analizzatur $CO_2$ użat għandu jilħaq l-ispeċifiki tal-klawsola 1.4.1, u s-sistema totali għandha tilħaq l-eżatezza tal-ispeċifiki għan-nixxija tal-gass ta' l-*exhaust*.

B'mod voluntarju, l-apparat tal-kejl b'relattività arja mal-karburant, bħalma huwa s-sensur tat-tip żirkonja, jista' jkun użat għall-kejl tal-medja tar-relattività arja mal-karburant skond l-ispeċifiki tal-klawsola 1.4.4.

1.2.6. *Nixxija totali tal-gass imrattab ta' l-exhaust*

Meta tintuża s-sistema tat-trattib tan-nixija sħiħa, n-nixxija totali ta' l-*exhaust* imrattab (GTOTW) għandha tkun imkejla N bi PDP jew CFV jew SSV (l-Anness VI, is-Sezzjoni 1.2.1.2.) L-eżatezza għandha tkun konformi mad-disposizzjonijiet ta' l-Anness III, l-Appendiċi 2, is-Sezzjoni 2.2.

## 1.3. **Eżattezza**

Il-kalibrazzjoni ta' l-istrumenti tal-kejl kollha għandha tkun traċċabbli għal normi nazzjonali jew internazzjonali u għandha tkun konformi mal-ħtiġiet elenkati fit-tabella 3.

*Tabella 3 — Eżatezza ta'l-istrumenti tal-kejl*

| Nru | Strument tal-kejl | Eżattezza |
|---|---|---|
| 1 | Il-veloċità tal-magna | ± 2 % tal-qari jew ± 1 % tal-valur massimu tal-magna, liema minnhom ikun l-akbar |
| 2 | *Torque* | ± 2 % tal-qari jew ± 1 % tal-valur massimu tal-magna, liema minnhom ikun l-akbar |
| 3 | Konsum tal-karburanti | ± 2 % tal-valur massimu tal-magna |
| 4 | Konsum ta' l-arja | ± 2 % tal-qari jew ± 1 % tal-valur massimu tal-magna, liema minnhom ikun l-akbar |
| 5 | Nixxija tal-gass tal-*exhaust* | ± 2,5 % tal-qari jew ± 1,5 % tal-valur massimu tal-magna liema minnhom ikun l-akbar |
| 6 | Temperaturi = 600 K | ± 2 K assolut |
| 7 | Temperaturi > 600 K | ± 1 % tal-qari |
| 8 | Pressjoni tal-gass ta' l-*exhaust*: | ± 0,2 kPa assolut |
| 9 | Depressjoni tad-dħul ta' l-arja | ± 0,05 kPa assolut |
| 10 | Pressjoni atmosferika | ± 0,1 kPa assolut |
| 11 | Pressjonijiet oħrajn | ± 0,1 kPa assolut |
| 12 | Umidità assoluta | ± 5 % tal-qari |
| 13 | Trattib tan-nixxija ta' l-arja | ± 2 % tal-qari |
| 14 | Trattib tan-nixxija tal-gass tal-*exhaust* | ± 2 % tal-qari |

## 1.4. **Determinazzjoni tal-komponenti gassusi**

1.4.1. Speċifiki ġenerali ta' l-analizzatur

L-analizzaturi għandhom ikollhom medda tal-lkejl xierqa għall-eżatezza meħtieġa sabiex ikejlu l-konċentrazzjonijiet tal-komponenti tal-gass ta' l-*exhaust* (is-Sezzjoni 4.1.1). Huwa rakommandat li l-analizzaturi jkunu operati b'tali mod hekk li l-konċentrazzjoni mkejla tkun bejn 15 % u 100 % tal-iskala kollha.

Jekk il-valur ta'l-iskala kollha jkun 155 ppm (jew ppm C) jew anqas jew jekk is-sistemi tal-qari (computers, *data loggers*) li jipprovdu eżatezza suffiċjenti u reżoluzzjoni ta' anqas minn 15 % ta'l-iskala kollha jkunu wżati, konċentrazzjonijiet ta' anqas minn 15 % ta' l-iskala kollha huma wkoll aċċettabbli. F'dan il-każ, kalibrazzjonijiet addizzjonali għandhom isiru sabiex jassiguraw l-eżatezza tal-kurvi tal-kalibrazzjoni - l-Anness III, l-Appendiċi 2, is-Sezzjoni 1.5.5.2.

Il-kompatibbiltà elettromanjetika (EMC) ta' l-apparat għandha tkun f'livell hekk li tnaqqas żbalji addizzjonali.

1.4.1.1. Żball fil-kejl

L-analizzatur m'għandux ivarja mill-punt tal-kabirazzjoni nominali b'aktar minn ± 2 % tal-qari, jew ± 0,3 % tal-iskala kollha, liema minnhom hija l-akbar.

*NOTA:* Għall-iskop ta' din in-norma, eżatezza hija definita bħala d-devjazzjoni fil-qari ta' l-analizzatur mill-valuri normali tal-kalibrazzjoni bl-użu tal-gass tal-kalibrazzjoni (= valur attwali).

1.4.1.2. Repetibilità

Ir-repetibilità, definita bħala 2,5 darba daqs id-devjazzjoni normali ta' 10 reazzjonijiet repetittivi għal kalibrazzjoni partikolari jew il-medda tal-gass, m'għandhiex tkun akbar minn ± 1 % ta' l-iskala sħiħa tal-konċentrazzjoni għal kull medda użata ta' aktar minn 155 ppm (jew ppm C) jew ± 2 % ta' kull medda użata ta' anqas minn 155 ppm (jew ppm C).

1.4.1.3. Ħoss

Ir-reazzjoni ta' l-analizzatur, quċċata-lejn-quċċata, maż-żero u l-kalibrazzjoni, jew il-medda tal-gassijiet matul kwalunkwe perjodu ta' 10-sekondi m'għandhiex teċċedi 2 % ta' l-iskala sħiħa fuq il-medded kollha wżati.

1.4.1.4. Caqlieq taż-żero

Iċ-ċaqlieq taż-żero matul perjodu ta' siegħa għandu jkun ta' anqas minn 2 % ta' l-iskala sħiħa fil-medda l-aktar baxxa użata. Ir-reazzjoni taż-żero hija definita bħala r-reazzjoni medja, inkluż il-ħoss, tal-gass żero matul intervall ta' żmien ta' 30-sekonda.

1.4.1.5. Caqlieq tal-medda

Iċ-ċaqlieq tal-medda matul perijodu ta' siegħa għandu jkun ta' anqas minn 2 % ta' l-iskala sħiħa fil-medda l-aktar baxxa użata.Il-medda hija definita bħala d-differenza bejn ir-reazzjoni tal-medda u r-reazzjoni żero. Ir-reazzjoni tal-medda hija definita bħala r-reazzjoni medja, inkluż il-ħoss, tal-medda tal-gass matul intervall ta' żmien ta' 30-sekonda.

1.4.2. *Tnixxif tal-gass*

L-apparat volontarju tat-tnixxif tal-gass għandu jkollu effett minimu fuq il-konċentrazzjoni tal-gassijiet imkejla. Tnixxif kimiku mhux metodu aċċettabbli għat-tneħħija ta' l-ilma mill-kampjun.

1.4.3. Analizzaturi

Is-Sezzjonijiet 1.4.3.1. sa 1.4.3.5. ta' dan l-Appendiċi jiddeskrivu l-prinċipji tal-kejl li għandhom ikunu wżati. Deskrizzjoni dettaljata tas-sistemi tal-kejl hija mogħtija fl-Anness VI.

Il-gassijiet intiżi għall-kejl għandhom ikunu analizzati b'dawn l-istrumenti li ġejjin. Għal analizzaturi mhux-lineari, l-użu ta' ċirkwiti linearizzanti huwa permissibbli.

1.4.3.1. Analaiżi tal-monossidu tal-karbonju (CO)

L-analizzatur tal-monissidu tal-karbonju għandu jkun tat-tip mhux-dispersiv, bl-assorbazzjoni infra-aħmar (NDIR).

1.4.3.2. Analiżi tad-diossidu tal-karbonu ($CO_2$)

L-analizzatur tad-diossidu tal-karbonju għandu jkun tat-tip mhux-dispersiv, bl-assorbazzjoni infra-aħmar (NDIR).

1.4.3.3. Analiżi ta' l-idrokarbonju (HC)

L-analizzatur ta' l-idrokarbonju għandu jkun tat-tip tas-sejbien tal-jonizzazzjoni tal-fjamma msaħħna (HFID) bis-sejjiebi, valvoli, tubi, etc., msaħħna hekk li tinżamm it-temperatura tal-gass ta' 463 K (190 °C) ± 10 K.

1.4.3.4. Analiżi ta' l-ossidi tan-nitroġenu ($NO_x$)

L-analizzatur ta' l-ossidi tan-nitroġenu għandu jkun it-tip tas-sejjiebi kemiluminixxenti (CLD) jew tas-sejjiebi kemiluminixxenti msaħħan (HCLD) b'konvertatur NO2/NO, jekk imkejjal fuq bażi xotta. Jekk imkejjel buq bażi umida, HCLD mil-konvertatur miżmum f'aktar minn 328 K (55 °C) għandu jkun użat, basta li l-verifika tas-saturazzjoni ta' l-ilma (l-Anness III, l-Appendiċi 2, is-Sezzjoni 1.9.2.2) tkun sodisfatta.

Kemm għall-CLD u anki għall-HCLD, il-mogħdija tal-kampjunar għandha tinżamm fit-temperatura tal-ħajt ta' 328 K sa 473 K (55 sa 200 °C) sal-konvertatur għal kejl fix-xott, u sa l-analizzatur għal kejl fl-umidità.

1.4.4. Kejl ta' arja lejn il-karburant

L-apparat tal-kejl ta' l-arja lejn il-karburant użat għad-determinazzjoni tan-nixxija tal-gass ta' l-*exhaust* kif speċifikat fis-Sezzjoni 1.2.5. għandu jkun ta' medda wiesa b'sensur tar-relattività arja mal-karburant jew sensur lambda tat-tip Zirconia.

Is-sensur għandu jkun immuntat direttament fuq it-tubu ta' l-*exhaust* meta t-temperatura tal-gass ta' l-*exhaust* tkun għolja biż-żejjed sabiex telimina l-kondensazzjoni ta' l-ilma.

L-eżatezza tas-sensur bl-elettroniċi inkorporati għandha tkun fil-medda ta':

± 3 % tal-qari $\lambda < 2$

± 5 % tal-qari $2 = \lambda < 5$

± 10 % tal-qari $5 = \lambda$

Sabiex titwettaq l-eżatezza speċifikata hawn fuq, is-sensur għandu jkun kalibrat kif speċifikat mill-manifattur tal-istrument.

1.4.5. Kampjunar għall-emissjonijiet gassusi

Is-sondi tal-kampjunar ta' l-emissjonijiet gassusi għandhom ikunu immuntati f'mill-anqas 0,5 m jew tlett darbiet tad-diametru tat-tubu ta' l-*exhaust* — liema minnhom ikun l-akbar — *upstream* tal-ħruġ tas-sistema tal-gass ta' l-*exhaust* sa kemm ikun applikabbli u biż-żejjed qrib tal-magna hekk li jassigura temperatura tal-gass ta' l-*exhaust* ta' mill-anqas 343 K (70 °C) fis-sonda.

Fil-każ ta' magni b'multi-ċilinri bil-*manifold* ta' l-*exhaust* bi friegħi, d-dħul tas-sonda għandu jkun lokalizzat biż-żejjed *downstream* hekk li jassigura li l-kampjun ikun rappreżentattiv tal-medja ta' l-emissjonijiet ta' l-*exhaust* miċ-ċilindri kollha. Il-magni b'multi-ċilinri li jkollhom gruppi distini ta' *manifolds*, bħalama hija l-konfigurazzjoni tal-magna-'V', huwa permissibbli li jkun akwistat kampjun individwalment minn kull grupp u kalkolat fuq il-medja ta' l-emissjoni ta' l-*exhaust*. Metodi oħrajn li kienu dehru bħala li huma korrelati mal-metodi ta' hawn fuq jistgħu ikunu wżati. Għall-kalkolu ta' l-emissjonijiet ta' l-*exhaust*, in-nixxija tal-massa totali ta' l-*exhaust* tal-magna għandha tkun użata.

Jekk il-komposizzjoni tal-gass ta' l-*exhaust* tkun influwenzata bi kwalunkwe sistema ta' wara t-trattament ta' l-*exhaust*, il-kampjun ta' l-*exhaust* għandu jkun miġbur *upstream* ta' dan l-apparat fi-testijiet tal-istadju I u *downstream* ta' dan l-apparat fi-testijiet tal-istadju II. meta sistema ta' trattib ta' nixxija sħiħa tkun użata għad-determinazzjoni tal-partikolati, l-emissjonijiet gassusi jistgħu uwkoll ikunu determinati fil-gass imrattab ta' l-*exhaust*. Is-sondi tal-kampjunar għandhom ikunu qrib tas-sonda tal-kampjunar tal-partikolati fil-mina tat-trattib (l-Anness VI, is-Sezzjoni 1.2.1.2, DT u s-Sezzjoni 1.2.2, PSP). CO u $CO_2$ jistgħu, b'mod voluntarju, jkunu determinati bil-kampjunar f'borża u l-kejl sussegwenti tal-konċentrazzjoni fil-borża tal-kampjunar.

1.5. **Determinazzjoni tal-partikolati**

Id-determinazzjoni tal-partikolati teħtieġ sistema tat-trattib. It-trattib jista jkun imwettaq bis-sistema tan-nixxija parzjali tat-trattib jew tas-sistema tan-nixxija sħiħa tat-trattib. Il-kapaċità tan-nixxija tas-sistema tat-trattib għandha tkun kbira biż-żejjed sabiex kompletament telimina l-kondensazzjoni ta' l-ilma fis-sistemi tat-trattib u tal-kampjunar, u ż-żamma tat-temperatura fil-gass imrattab ta' l-*exhaust* bejn 315 K (42 °C) and 325 K (52 °C) immedjetament *upstream* tad-detenturi tal-filtri. It-tneħħija ta' l-umiditàmill-arja mrattba qabel id-dħul fis-sistema tat-trattib hija permissibbli, jekk l-umidità ta' l-arja tkun għolja. Arja mrattba msaħħna bil-quddiem aktar mil-limitu tat-temperatura ta' 303 K (30 °C) huwa rakommandabbli, jekk it-temperatura ambjentali tkun anqas minn 293 K (20 °C). B'danakollu, t-temperatura ta' l-arja mrattba m'għandhiex teċċedi 325 K (52 °C) qabel l-introduzzjoni ta' l-*exhaust* fil-mina tat-trattib.

*NOTA:* Għal proċedura ta' stat-kontinwu, it-temperatura tal-filtru tista tinżamm fi, jew anqas minn, it-temperatura massima ta' 325 K (52 °C) minflok li tirrispetta l-medda tat-temperatura ta' 42 °C sa 52 °C.

Għal sistema tat-trattib tan-nixxija parzjali, s-sonda tal-kampjunar tal-partikolati gHandha tkun mgħammra qrib ta' u *upstream* tas-sonda tal-gass kif definit fis-Sezzjoni 4.4 u b'konformità ma l-Anness VI, is-Sezzjoni 1.2.1.1, il-figura 4-12 EP u SP.

Is-sistema tat-trattib tan-nixxija parzjali għandha tkun iddisinjata sabiex taqsam in-nixxija ta' l-*exhaust* f'żewġ frazzjonijiet, l-iżgħar waħda tkun imrattba bl-arja u sussegwentament użata għall-kejl tal-partikolati. Minn dak huwa essenzali li r-relattività tat-trattib tkun determinata b'mod eżatt. Metodi differenti tal-qsim jistgħu Jkunu applikati, li permezz tagħhom il-qsim użat ikun jiddetta għal grad sinifikanti l-apparat tal-kampjunar u l-proċeduri li għandhom ikunu wżati (l-Anness VI, is-Sezzjoni 1.2.1.1).

Sabiex tkun determinata l-massa tal-partikolati, sistema tal-kampjunar tal-partikolati, filtri tal-kampjunar tal-partikolati, miżien mikrogramma u kabina ta' l-użin bit-temperatura u l-umidità ikkontrollati, huma meħtieġa.

Għall-ikkampjunar tal-partikolati, żewġ metodi jistgħu jkunu applikati:

— il-metodu ta' filtru singolu juża par filtri (1.5.1.3 ta' dan l-Addendiċi) għal moduli kollha taċ-ċiklu tat-test. Attenzjoni konsiderevoli għandha tkun mogħtija għall-ħinijiet tal-kampjunar u tan-nixxijiet matul il-fażi tat-test tal-kampjunar. B'danakollu, par wieħed ta' filtri jkun meħtieġ għaċ-ċiklu tat-test,

— il-metodu ta' filtru moltiplu juża par wieħed ta' filtri (1.5.1.3 ta' dan l-Addendiċi) huwa wżat għal kull wieħed mill-moduli individwali taċ-ċiklu tat-test. Dan il-metodu jippermetti proċeduri aktar indulġenti imma juża aktar filtri.

1.5.1. *Filtri tal-kampjunar tal-partikolati*

1.5.1.1. Speċifiki tal-filtri

Filtri tal-fibra tal-ħġieġ miksija bil-flworokarbonju jew filtri tal-membrana bil-bażi tal-flworokarbonju, huma meħtieġa għat-testijiet taċ-ċertifikazzjoni. Għal applikazzjonijiet sepċjali, materjali differenti tal-filtri jistgħu ikunu wżati. It-tipi tal-filtri kollha għandhom ikollhom 0,3 µm DOP (di-octylphthalate) effiċjenza taal-ġbir ta' mill-anqas 99 % tal-gass b'veloċità apparenti ta' bejn 35 u 100 cm/s. M eta jitwettqu t-testijiet tal-korrelazzjoni bejn il-laboratorji jew bejn manifattur u awtorità ta' l-approvazzjoni, filtri ta' kwalità identika għandhom ikunu wżati.

1.5.1.2. Daqs tal-filtri

Il-filtri tal-partikolati għandhom ikollhom diametru minimu ta' 47 mm (37 mm diametru tat-tixrib). Filtri b'diametru akbar huma aċċettabbli (is-Sezzjoni 1.5.1.5).

1.5.1.3. Filtri primarji u bħala sostenn

Il-kampjunar ta' l-*exhaust* imrattab għandu jkun miġbur bil-parti filtri mqiegħda f'serje (filtru wieħed primarju u l-ieħor ta' sostenn) matul is-sekwenza tat-test. Il-filtru tas-sostenn għandu jkun lokalizzat mhux aktar minn 100 mm *downstream* ta', u m'għandux ikun f'kuntatt ma, l-filtru primarju. Il-filtri jistgħu jkunu miżuna separatament jew bħala par mal-filtri mqiegħda b'wiċċ imċappas ma'wiċċ imċappas.

1.5.1.4. Veloċità apparenti tal-filtri

Veloċità apparenti tal-gass matul il-filtru ta' 35 sa 100 cm/s għandha tkun milħuqa. Iż-żieda fin-nuqqas tal-pressjoni bejn il-bidu u t-tmiem tat-test m'għandhiex tkun ta' aktar minn 25 kPa.

1.5.1.5. *Tagħbija tal-filtru*

It-tagħbijiet minimi rakommandati tal-filtri għal qisien tal-filtri l-aktar komuni huma murija fit-tabella li ġejja. Għal filtri ta' qisien akbar, it-tagħbija minima tal-filtru għandha tkun 0,065 mg/1 000 $mm^2$ taż-żona tal-filtru.

| Diametru tal-filtru (mm) | Diametru rakommandat tat-tiċpisa (mm) | Tagħbija minima rakommandata (mg) |
|---|---|---|
| 47 | 37 | 0,11 |
| 70 | 60 | 0,25 |
| 90 | 80 | 0,41 |
| 110 | 100 | 0,62 |

Għall-metodu ta' filtru multiplu, t-tagħbija minima rakommandata tal-filtru għas-somma tal-filtri kollha għandha tkun il-prodott tal-valur xieraq il-fuq mill-*square-root* tan-numru totali tal-moduli.

1.5.2. *Kabina ta' l-użin u l-ispeċifiki tal-miżien analitiku*

1.5.2.1. Kondizzjonijiet tal-kabina ta' l-użin

It-temperatura tal-kabina (jew kamra) li fiha l-filtri tal-partikolati huma kondizzjonati u miżuna għandha tinżamm fil-marġini ta' 295 K (22 °C) ± 3 K matul l-ikkondizzjonar u l-użin kollu tal-filtri L-umidità għandha tinżamm fil-punt tan-nida ta' 282,5 (9,5 °C) ± 3 K u ta' umidità relattiva 45 ± 8 %.

1.5.2.2. L-użin tal-filtru ta' referenza

L-ambjent tal-kabina (jew tal-kamra) għandu jkun ħieles minn kwalunkwe kontaminanti ambjentali (bħalma hu t-trab) li jista jaqa' fuq il-filtri tal-partikoli matul l-istabilizzazzjoni. Tfixkil fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kamra ta' l-użin, kif elenkati fis-Sezzjoni 1.5.2.1. huma permissibbli jekk il-medda taż-żmien tat-tfixkil ma tkunx teċċedi 30 minuta. Il-kamra ta' l-użin għandha tilħaq l-ispeċifiki meħtieġa qabel ma l-persunal jidħol fil-kamra ta' l-użin. Mill-anqas żewġ filtri ta' referenza jew żewġ pari ta' filtri ta' referenza għandhom jintiżnu fi żmien erba' siegħat, imma preferibbilment fl-istess waqt ma l-użin tal-filtru (par) tal-kampjun. Dawn għandhom ikollhom l-istess daqs u jkunu ta' l-istess materjal bħall-filtri tal-kampjun.

Jekk il-medja tal-piż tal-filtri ta' referenza (pari filtri ta' referenza) tinbidel bejn l-użin tal-filtru tal-kampjun b'aktar minn 10 µg, allura l-filtri tal-kampjun kollha għandhom ikunu mwarrba u t-test ta' l-emissjonijiet ikun repetut.

Jekk il-kriterja ta'l-istabbilità tal-kamra ta' l-użin kif spjegata fis-Sezzjoni 1.5.2.1 ma tkunx milħuqa, imma l-użin tal-filtru (par) ta' referenza jkun jilħaq il-kriterja ta' hawn fuq, il-manifattur tal-magna għandu l-għażla li jaċċetta l-piż tal-filtru tal-kampjun jew li jħassar it-testijiet, jirranġa s-sistema tal-kontroll tal-kamra ta' l-użin u jerġa jwettaq it-test.

1.5.2.3. Bilanc analitiku

Il-miżien analitiku użat għad-determinazzjoni tal-piżijiet tal-filtri kollha għandu jkollu preċiżjoni (norma ta' devjazzjoni) ta' 2 µg u reżoluzzjoni ta' 1 µg (1 digit = 1 µg) kif speċifikat mill-manifattur tal-miżien.

1.5.2.4. Eliminazzjoni ta' l-effett ta' l-elettriċità statika

Sabiex ikunu eliminati l-effetti ta' l-elettriċità statika, l-filtri għandhom ikunu newtralizzati qabel l-użin, per eżempju, bin-newtralizzatur *Polonium* jew xi apparat b'effett simili.

1.5.3. *Speċifikazzjonijiet addizzjonali għall-kejl tal-partikolati*

Il-partijiet kollha tas-sistema tat-trattib u tas-sistema tal-kampjunar meħud mit-tubu ta' l-*exhaust* il-fuq lejn id-detentur tal-filtru, li huwa f'kuntatt ma gass ta' l-*exhaust* li ma jkunx trattat jew imrattab, għandhom ikunu iddisinjati sabiex jimminimizzaw id-depost jew it-tibdil tal-partikolati. Il-partijiet kollha għandhom ikunu magħmula minn materjal elettrikalment konduttivi hekk li ma jkollhomx reazzjoni mal-komponenti tal-gass taa' l-*exhaust*, u għandhom ikunu marbuta b'mod elettriku ma l-*earth* sabiex ikunu prevenuti l-effetti elettrostatiċi.

## 2. PROĊEDURI TAL-KEJL U TA' L-IKKAMPJUNAR (TEST NRTC)

### 2.1. Introduzzjoni

Komponenti gassusi u tal-partikolati emissi mill-magna ippreżentati għat-test għandhom ikunu mkejla bil-metodi deskritti fl-Anness VI. Il-metodi ta' l-Anness VI jiddeskrivu s-sistemi analitiċi rakommandati għall-emissjonijiet gassusi (is-Sezzjoni 1.1) u s-sistemi rakommandati tat-trattib tal-partikolati u ta'l-ikkampjunar (is-Sezzjoni 1.2).

### 2.2. Apparat tad-dinamometru u taċ-ċellola tat-test

L-apparat li ġej għandu jkun użat għat-testijiet ta' l-emissjoni tal-magni fuq id-dinamometri tal-magna:

2.2.1. *Dinamometru tal-magna*

Id-dinamometru ta' magna b'karatteristiċi adekwati sabiex iwettaq iċ-ċiklu tat-test deskritt fl-Appendiċi 4 ta' dan l-Anness. L-istrumentazzjoni għall-kejl tat-*torque* u l-veloċità għandha tippermetti l-kejl tal-potenza fil-limiti stipulati. Kalkoli addizzjonali għandhom mnejn ikunu meħtieġa. L-eżatezza ta' l-apparat tal-kejl għandha tkun tali li t-tolleranzi massimi tal-figuri mogħtija fit-Tabella 3. ma jkunux misbuqa.

2.2.2. *Strumenti oħrajn*

Strumenti tal-kejl għall-konsum tal-karburant, il-konsum ta' l-arja, it-temperatura tal-likwidu tat-tberrid u tal-lubrikant, il-pressjoni tal-gass ta' l-*exhaust* u d-depressjoni fil-*manifold* tad-dħul, it-temperatura tal-gass ta' l-*exhaust*, it-temperatura tad-dħul ta' l-arja, l-pressjoni atmosferika, l-umidità u t-temperatura tal-karburant, għandhom ikunu wżati skond kif meħtieġ. Dawn l-istrumenti għandhom ikunu jissodisfaw il-ħtiġiet elenkati fit-Tabella 3:

*Tabella 3 — Eżatezza ta'l-istrumenti tal-kejl*

| Nru. | Strument tal-kejl | Eżattezza |
|---|---|---|
| 1 | Il-veloċità tal-magna | ± 2 % tal-qari jew ± 1 % tal-valur massimu tal-magna, liema minnhom ikun l-akbar |
| 2 | *Torque* | ± 2 % tal-qari jew ± 1 % tal-valur massimu tal-magna, liema minnhom ikun l-akbar |
| 3 | Konsum tal-karburanti | ± 2 % tal-valur massimu tal-magna |
| 4 | Konsum ta' l-arja | ± 2 % tal-qari jew ± 1 % tal-valur massimu tal-magna, liema minnhom ikun l-akbar |
| 5 | Nixxija tal-gass tal-*exhaust* | ± 2,5 % tal-qari jew ± 1,5 % tal-valur massimu tal-magna, liema minnhom ikun l-akbar |
| 6 | Temperaturi = 600 K | ± 2 K assolut |
| 7 | Temperaturi > 600 K | ± 1 % tal-qari |
| 8 | Pressjoni tal-gass ta' l-*exhaust*: | ± 0,2 kPa assolut |
| 9 | Depressjoni tad-dħul ta' l-arja | ± 0,05 kPa assolut |
| 10 | Pressjoni atmosferika | ± 0,1 kPa assolut |
| 11 | Pressjoni oħra | ± 0,1 kPa assolut |
| 12 | Umidità assoluta | ± 5 % tal-qari |
| 13 | Trattib tan-nixxija ta' l-arja | ± 2 % tal-qari |
| 14 | Trattib tan-nixxija tal-gass tal-*exhaust* | ± 2 % tal-qari |

2.2.3. *Nixxija tal-gass tal-exhaust* mhux ittrattat

Għall-kalkolu ta' l-emissjonijiet fil-gass ta' l-*exhaust* mhux ittrattat u għall-kontroll tas-sistema tan-nixxija parzjali tat-trattib, huwa meħtieġ li tkun magħrufha r-rata tan-nixxija tal-massa tal-gass. Għad-determinazzjoni tar-rata tan-nixxija tal-massa ta' l-*exhaust*, wieħed mill-motodi desċktitti hawn taħt jista jkun użat.

Għall-iskop tal-kalkolu ta' l-emissjonijiet, il-ħin tar-reazzjoni ta' wieħed mill-metodu deskritti hawn taħt għandu jkun ugwali għal, jew anqas mill-ħtieġa tal-ħin tar-reazzjoni ta' l-analizzatur, kif definit fl-Appendiċi 2, Sezzjoni 1.11.1.

Għall-iskop tal-kontroll tas-sistema tan-nixxija parzjali tat-trattib, reazzjoni aktar mgħaġġla hija meħtieġa. Għal sistemi tal-nixxija parjali tat-trattib bil-kontroll integrat *online*, il-ħin ta' reazzjoni ta' ≤ 0,3s huwa meħtieġ. Għal sistemi ta' nixxija parzjali tat-trattib bil-kontroll tal-ġejjini ibbażat fuq prova tat-test irreġistrata bil-quddiem, ħin ta' reazzjoni tas-sistema tal-kejl tan-nixxija ta' l-*exhaust* ta' ≤ 5s biż-żieda fil-ħin ta' ≤ 1 s hija meħtieġa. Il-ħin tar-reazzjoni tas-sistema għandu jkun speċifikat mil-manifattur tal-istrument. Il-ħtiġiet miġmuha tal-ħin tar-reazzjoni għan-nixxija tal-gass ta' l-*exhaust* u tas-sistema tan-nixxija parzjali tat-trattib huma indikati fis-Sezzjoni 2.4.

Metodu tal-kejl dirett

Kejl dirett tan-nixxija istantanja ta' l-*exhaust* jista jseħħ bis-sistemi, bħalama huma:

- apparati differenzali tal-pressjoni, bħal ma hija ż-żennuna tan-nixxija, (għal dettalji ara ISO 5167: 2000)
- arloġġ tan-nixxija, ultrasoniku
- arloġġ tan-nixxija, vortiċi.

Prekwazzjonijiet għandhom jittieħdu sabiex ikunu evitati żbalji fil-kejl li jkollhom impatt fuq il-valur żbaljati ta' l-emissjonijiet. Tali prekwazzjonijiet jinkludu l-istallazzjoni bir-reqqa ta' l-apparat fis-sistema ta' l-*exhaust* tal-magna skond ir-rakommandazzjonijiet tal-manifattur tal-istrument u tal-prattika tajba tal-inġinerija. Speċjalemnt, l-imġieba tal-magna u l-emissjonijiet m'għandhomx ikunu affetwati bl-istallazzjoni ta' l-apparat.

L-arloġġi tan-nixxija għandhom jilħqu l-eżatezza tal-ispeċifikazzjonijiet tat-Tabella 3.

Metodu tal-kejl ta' l-arja u tal-karburant

Dan jinvolvi l-kejl tan-nixxija ta' l-arja u tan-nixxija tal-karburant, bl-użu ta' l-arloġġi tan-nixxija adatti. Il-kalkolu tan-nixxija istantanja tal-gass ta' l-*exhaust* huwa hekk:

$$G_{EXHW} = G_{AIRW} + G_{FUEL} (\text{għal massa umida ta' l-}\textit{exhaust})$$

L-arloġġi tan-nixxija għandhom jilħqu l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-eżatezza tat-Tabella 3, imma wkoll għandhom ikunu eżatti biż-żejjed sabiex ukoll jilħqu l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-eżatezza għan-nixxija tal-gass ta' l-*exhaust*.

Metodu tal-kejl bl-intraċċar

Dan il-metodu jinvolvi l-kejl tal-konċentrazzjoni ta' gass ta' l-intraċċar ġewwa l-*exhaust*.

Ammont magħruf ta' gass inert (e.g. ħeljum pur) għandu jkun injettat fin-nixxija tal-gass ta' l-*exhaust* għall-iskop ta' l-intraċċar. Il-gass huwa mħallat u mrattab bil-gass ta' l-*exhaust*, imma m'għandux ikollu reazzjoni fit-tubu ta' l-*exhaust*. Il-konċentrazzjoni tal-gass għandha mbagħad tkun imkejla fil-kampjun tal-gass ta' l-*exhaust*.

Sabiex ikun assigrat it-taħlit sewwa tal-gass tal-intraċċar, is-sonda tal-kampjunar tal-gass ta' l-*exhaust* għandha tkun lokalizzata f'mill-anqas 1 m jew 30 darba d-diametru tat-tubu ta' l-*exhaust*, liema minnhom ikun l-akbar, *downstream* mill-punt ta' l-injezzjoni tal-gass tal-intraċċar. Is-sonda tal-kampjunar tista tkun lokalizzata aktar qrib tal-punt ta' l-injezzjoni jekk it-taħlit komplut ikun verifikat bit-tqabbil tal-konċentrazzjoni tal-gass tal-intraċċar mal-konċentrazzjoni ta' referenza meta l-gass tal-intraċċar ikun injettat *upstream* tal-magna.

Ir-rata tan-nixxija tal-gass tal-intraċċar għandha tkun regolata hekk li l-konċentrazzjoni tal-gass ta' l-intraċċar waqt li l-magna tkun taħdem bil-veloċità tat-tip *idle* wara t-taħlit ikun anqas mill-iskala sħiħa.

Il-kalkolu tan-nixxija tal-gass ta' l-*exhaust* huwa b'hekk is-segwenti:

$$G_{EXHW} = \frac{G_T \times \rho_{EXH}}{60 \times (conc_{mix} - conc_a)}$$

meta:

$G_{EXHW}$ = nixxija tal-massa istantanja ta' l-*exhaust* (kg/s)

$G_T$ = nixxija tal-gass ta'l-intraċċar ($cm^3/min$)

$conc_{mix}$ = konċentrazzjoni istantanja tal-gass ta' l-intraċċar wara t-taħlit, (ppm)

$P_{EXH}$ = densità tal-gass ta' l-*exhaust* ($kg/m^3$)

$conc_a$ = il-konċentrazzjoni ta' l-isfond tal-gass ta'l-intraċċar fid-dħul ta' l-arja (ppm)

Il-konċentrazzjoni ta' l-isfond tal-gass tal-intraċċar (*conc*$_a$) tista' tkun determinata bil-medja tal-konċentrazzjoni ta' l-isfond imkejla immedjatament qabel u wara l-prova tat-test.

Meta l-konċentrazzjoni ta' l-isfond tkun anqas minn 1 % tal-konċentrazzjoni tal-gass ta'l-intraċċar wara t-taħlit (*conc*$_{mix}$) fil-massimu tan-nixxija ta' l-*exhaust*, il-konċentrazzjoni ta' l-isfond tista tkun injorata.

Is-sistema totali għandha tilħaq l-ispeċifici ta' l-eżatezza għan-nixxija tal-gass ta' l-*exhaust* u għandha tkun kalibrata skond l-Appendiċi 2, il-paragrafu 1.11.2.

Nixxija ta' l-arja u l-metodu tal-kejl tar-relattività ta' l-arja mal-karburant.

Dan il-metodu jinvolvi l-kalkolu tal-massa ta' l-exhaust min-nixxija ta' l-arja u tar-relattività ta' l-arja mal-karburant. Il-kalkolu tan-nixxija tal-massa istantanja tal-gass ta' l-exhaust huwa hekk:

$$G_{EXHW} = G_{AIRW} \times \left(1 + \frac{1}{A/F_{st} \times \lambda}\right)$$

$$\lambda = \frac{\left(100 - \frac{conc_{CO} \times 10^{-4}}{2} - conc_{HC} \times 10^{-4}\right) + \left(0,45 \times \frac{1 - \frac{2 \times conc_{CO} \times 10^{-4}}{3,5 \times conc_{CO2}}}{1 + \frac{conc_{CO} \times 10^{-4}}{3,5 \times conc_{CO2}}}\right) \times \left(conc_{CO2} + conc_{CO} \times 10^{-4}\right)}{6,9078 \times \left(conc_{CO2} + conc_{CO} \times 10^{-4} + conc_{HC} \times 10^{-4}\right)}$$

meta

A/Fst = relattività stojkjometrika arja/karburant (kg/kg)

λ = medja relattiva arja/karburant

$conc_{CO2}$ = konċentrazzjoni $CO_2$ xotta (%)

$conc_{CO}$ = konċentrazzjoni CO xotta (ppm)

$conc_{HC}$ = konċentrazzjoni HC (ppm)

*NOTA:* Il-kalkolu jirreferi għal karburant diesel b'relattività H/C egwali għal 1,8.

L-arloġġ tan-nixxija ta' l-arja għandu jilħaq l-peżatezza tal-ispeċifiki fit-Tabella 3, l-analizzatur $CO_2$ użat għandu jilħaq l-ispeċifiki tas-sezzjoni 2.3.1, u s-sistema totali għandha tilħaq l-eżatezza tal-ispeċifiki għan-nixxija tal-gass ta' l-*exhaust*.

B'mod volOntarju, l-apparat tal-kejl b'relattività arja mal-karburant, bħalma huwa s-sensur tat-tip żirkonja, jista' jkun użat għall-kjel tal-medja tar-relattività arja mal-karburant skond l-ispeċifiki tas-sezzjoni 2.3.4.

2.2.4. *Trattib tan-nixxija tal-gass tal-exhaust*

Għall-kalkolu ta' l-emissjonijiet fil-gass imrattab ta' l-*exhaust*, huwa meħtieġ li tkun magħrufa r-rata tan-nixxija tal-massa tal-gass ta' l-*exhaust*. In-nixxija totali tal-gass inrattab ta' l-*exhaust* matul iċ-ċiklu (kg/test)għandu jkun ikkalkolat mill-valuri tal-kejl matul iċ-ċiklu u d-dettalji korrespondenti tal-kalibrazzjoni ta' l-apparat tal-kejl tan-nixxija (V0 għal PDP, KV għal CFV, Cd għal SSV): il-metodi korrespondenti deskritti fl-Appendiċi 3, is-Sezzjoni 2.2.1. għandhom ikunu wżati. Jekk it-total tal-massa tal-kampjun tal-partikolati u t-tniġġiz gassus jeċċedi 0,5 % tat-total tan-nixxija CVS, in-nixxija CVS għandha tkun ikkorreġuta jew in-nixxija tal-kampjun tal-partikolati tkun imreġġa lejn il-CVS qabel l-apparat tal-kejl tan-nixxija.

## 2.3. Determinazzjoni tal-komponenti gassusi

### 2.3.1. *Speċifikazzjonijiet ġenerali ta' l-analizzatur*

L-analizzaturi għandhom ikollha medda tal-lkejl xierqa għall-eżatezza meħtieġa sabiex ikejlu l-konċentrazzjonijiet tal-komponenti tal-gass ta' l-*exhaust* (is-Sezzjoni 1.4.1.1). Huwa rakkommandat li l-analizzaturi jkunu operati b'tali mod hekk li l-konċentrazzjoni mkejla tkun bejn 15 % u 100 % ta' l-iskala kollha.

Jekk il-valur ta'l-iskala kollha jkun 155 ppm (jew ppm C) jew anqas jew jekk is-sistemi tal-qari (computers, *data loggers*) li jipprovdu eżatezza suffiċjenti u reżoluzzjoni ta' anqas minn 15 % ta' l-iskala kollha jkunu wżati, konċentrazzjonijiet ta' anqas minn 15 % ta' l-iskala kollha huma wkoll aċċettabbli. F'dan il-każ, kalibrazzjonijiet addizzjonali għandhom isiru sabiex jassiguraw l-eżatezza tal-kurvi tal-kalibrazzjoni - l-Anness III, l-Appendiċi 2, is-Sezzjoni 1.5.5.2.

Il-kompatibbiltà elettromanjetika (EMC) ta' l-apparat għandha tkun f'livell hekk li tnaqqas żbalji addizzjonali.

#### 2.3.1.1. Żball fil-kejl

L-analizzatur m'għandux ivarja mill-punt tal-kalibrazzjoni nominali b'aktar minn ± 2 % tal-qari, jew ± 0,3 % tal-iskala kollha, liema minnhom hija l-akbar.

*NOTA:* Għall-iskop ta' din in-norma, eżatezza hija definita bħala d-devjazzjoni fil-qari ta' l-analizzatur mill-valuri normali tal-kalibrazzjoni bl-użu tal-gass tal-kalibrazzjoni (= valur attwali).

#### 2.3.1.2. Repetibbilità

Ir-repetibbiltà, definita bħala 2,5 darbiet tad-devjazzjoni normali ta' 10 reazzjonijiet repetittivi għal kalibrazzjoni partikolari jew il-medda tal-gass, m'għandhiex tkun akbar minn ± 1 % ta' l-iskala sħiħa tal-konċentrazzjoni għal kull medda użata ta' aktar minn 155 ppm (jew ppm C) jew ± 2 % ta' kull medda użata ta' anqas minn 155 ppm (jew ppm C).

#### 2.3.1.3. Ħoss

Ir-reazzjoni ta' l-analizzatur, quċċata-lejn-quċċata, maż-żero u l-kalibrazzjoni, jew il-medda tal-gassijiet matul kwalunkwe perijodu ta' 10-sekondi m'għandhiex teċċedi 2 % ta' l-iskala sħiħa fuq il-medded kollha wżati.

#### 2.3.1.4. Caqlieq taż-żero

Iċ-ċaqlieq taż-żero matul perjodu ta' siegħa għandu jkun ta' anqas minn 2 % ta' l-iskala sħiħa fil-medda l-aktar baxxa użata. Ir-reazzjoni taż-żero hija definita bħala r-reazzjoni medja, inkluż il-ħoss, tal-gass żero matul intervall ta' żmien ta' 30-sekonda.

#### 2.3.1.5. Ċaqlieq tal-medda

Iċ-ċaqlieq tal-medda matul perjodu ta' siegħa għandu jkun ta' anqas minn 2 % ta'l-iskala sħiħa fil-medda l-aktar baxxa użata. Il-medda hija definita bħala d-differenza bejn ir-reazzjoni tal-medda u r-reazzjoni żero. Ir-reazzjoni tal-medda hija definita bħala r-reazzjoni medja, inkluż il-ħoss, għall-medda tal-gass matul intervall ta' żmien ta' 30-sekonda.

#### 2.3.1.6. Ħin taż-żieda

Għall-analiżi tal-gass ta' l-*exhaust* mhux ittrattat, il-ħin taż-żieda ta' l-analizzatur immuntat fis-sistema tal-kjel m'għandux jeċċedi 2,5 s.

*NOTA:* Li tevalwa biss il-ħin tar-reazzjoni ta' l-analizzatur ma jiddefinix car l-adattabbiltà tas-sistema totali għal provi transjenti. Il-volumi, speċjalment volumi mejta, matul is-sistema, jkunu jaffettwaw mhux biss il-ħin taat-trasportazzjoni mis-sonda lejn l-analizzatur, imma wkoll jaffettwaw il-ħin taż-żieda. Ukoll, il-ħinijiet tat-trasport ġewwa l-analizzatur ikunu definiti bħala l-ħin tar-reazzjoni ta' l-analizzatur, bħal konvertatur jew nasses ta' l-ilma ġewwa analizzaturi $No_x$. Id-determinazzjoni tal-ħin tar-reazzjoni tas-sistema totali hija deskritta fl-Appendiċi 2, is-Sezzjoni 1.11.1.

2.3.2. *Tnixxif tal-gass*

L-istess speċifikazzjonijiet bħaċ-ċiklu tat-test NRSC huma applikabbli (is-Sezzjoni 1.4.2) kif deskritt hawn taħt.

L-apparat voluntarju tat-tnixxif tal-gass għandu jkollu effett minimu fuq il-konċentrazzjoni tal-gassijiet imkejla. Tnixxif kimiku m'hux metodu aċċettabbli għat-tneħħija ta' l-ilma mill-kampjun.

2.3.3. *Analizzaturi*

L-istess speċifikazzjoni bħaċ-ċiklu tat-test NRSC huma applikabbli (is-Sezzjoni 1.4.3) kif deskritt hawn taħt.

Il-gassijiet intiżi għall-kejl għandhom ikunu analizzati b'dawn l-istrumenti li ġejjin. Għal analizzaturi mhux-lineari, l-użu ta' ċirkwiti linearizzanti huwa permissibbli.

2.3.3.1. Analaiżi tal-monossidu tal-karbonju (CO)

L-analizzatur tal-monossidu tal-karbonju għandu jkun tat-tip mhux-dispersiv, bl-assorbazzjoni infra-aħmar (NDIR).

2.3.3.2. Analiżi tad-diossidu tal-karbonu ($CO_2$)

L-analizzatur tad-diossidu tal-karbonju għandu jkun tat-tip mhux-dispersiv, bl-assorbazzjoni infra-aħmar (NDIR).

2.3.3.3. Analiżi ta' l-idrokarbonju (HC)

L-analizzatur ta' l-idrokarbonju għandu jkun tat-tip tas-sejbien tal-jonizzazzjoni tal-fjamma msaħħna (HFID) bis-sejjiebi, valvoli, tubi, etc., msaħħna hekk li tinżamm it-temperatura tal-gass ta' 463 K (190 °C) ± 10 K.

2.3.3.4. Analiżi ta' l-ossidi tan-nitroġenu ($NO_x$)

L-analizzatur ta' l-ossidi tan-nitroġenu għandu jkun it-tip tas-sejjiebi kemiluminixxenti (CLD) jew tas-sejjiebi kemiluminixxenti msaħħan (HCLD) b'konvertatur $NO_2$/NO, jekk imkejjal fuq bażi xotta. Jekk imkejjel buq bażi umida, HCLD mil-konvertatur miżmum f'aktar minn 328 K (55 °C) għandu jkun użat, basta li l-verifika tas-saturazzjoni ta' l-ilma (l-Anness III, l-Appendiċi 2, is-Sezzjoni 1.9.2.2) tkun sodisfatta.

Kemm għall-CLD u għall-HCLD, il-mogħdija ta'l-ikkampjunar għandha tinżamm fit-temperatura tal-ħajt ta' 328 K sa 473 K (55 sa 200 °C) sal-konvertatur għal kejl fix-xott, u sa l-analizzatur għal kejl fl-umidità.

2.3.4. *Kejl ta' arja lejn il-karburant*

L-apparat tal-kejl ta' l-arja lejn il-karburant użat għad-determinazzjoni tan-nixxija tal-gass ta' l-*exhaust* kif speċifikat fis-Sezzjoni 2.2.3. għandu jkun ta' medda wiesa b'sensur tar-relattività arja mal-karburant jew sensur lambda tat-tip Zirconia.

Is-sensur għandu jkun immuntat direttament fuq it-tubu ta' l-*exhaust* meta t-temperatura tal-gass ta' l-*exhaust* tkun għolja biż-żejjed sabiex telimina l-kondensazzjoni ta' l-ilma.

L-eżatezza tas-sensur bl-elettroniċi inkorporati għandha tkun fil-medda ta':

± 3 % tal-qari $\lambda < 2$

± 5 % tal-qari $2 < \lambda < 5$

± 10 % tal-qari $5 < \lambda$

Sabiex titwettaq l-eżattezza speċifikata hawn fuq, is-sensur għandu jkun kalibrat kif speċifikat mill-manifattur tal-istrument.

2.3.5. *Kampjunar għall-emissjonijiet gassusi*

2.3.5.1. Nixxija tal-gass tal-*exhaust* mhux ittrattat

Għall-kalkolu ta' l-emissjonijiet fil-gass ta' l-*exhaust* mhux trattat, l-istess speċifikazzjonijiet bħal taċ-ċiklu tat-test NRSC huma applikabbli (is-Sezzjoni 1.4.4), kif deskritt hawn taħt.

Is-sondi tal-kampjunar ta' l-emissjonijiet gassusi għandhom ikunu immuntati f'mill-anqas 0,5 m jew tlett darbiet tad-diametru tat-tubu ta' l-*exhaust* — liema minnhom ikun l-akbar — *upstream* tal-ħruġ tas-sistema tal-gass ta' l-*exhaust* sakemm ikun applikabbli u biż-żejjed qrib tal-magna hekk li jassigura temperatura tal-gass ta' l-*exhaust* ta' mill-anqas 343 K (70 °C) fis-sonda.

Fil-każ ta' magni b'multi-ċilindri bil-*manifold* ta' l-*exhaust* bi frieghi, id-dħul tas-sonda għandu jkun lokalizzat biż-żejjed *downstream* hekk li jassigura li l-kampjun ikun rappreżentattiv tal-medja ta' l-emissjonijiet ta' l-*exhaust* miċ-ċilindri kollha. Għall-magni b'multi-ċilinri li jkollhom gruppi distini ta' *manifolds*, bħalma hija l-konfigurazzjoni tal-magna-'V', huwa permissibbli li jkun akkwistat kampjun individwalment minn kull grupp u ikkalkolat fuq il-medja ta' l-emissjoni ta' l-*exhaust*. Metodi oħrajn li kienu dehru bħala li huma korrelati mal-metodi ta' hawn fuq jistgħu jkunu wżati. Għall-kalkolu ta' l-emissjonijiet ta' l-*exhaust*, in-nixxija tal-massa totali ta' l-*exhaust* tal-magna għandha tkun użata.

Jekk il-konposizzjoni tal-gass ta' l-*exhaust* tkun influwenzata bi kwalunkwe sistema ta' wara t-trattament ta' l-*exhaust*, il-kampjun ta' l-*exhaust* għandu jkun miġbur *upstream* ta' dan l-apparat fi-testijiet tal-istadju I u *downstream* ta' dan l-apparat fi-testijiet tal-istadju II.

2.3.5.2. Nixxija tal-gass tal-*exhaust* imrattba

Jekk sistema tat-trattib ta' nixxija sħiħa tkun użata, l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu applikabbli.

It-tubu ta' l-*exhaust* bejn il-magna u s-sistema tat-trattib ta' nixxija sħiħa għandu jkun konformi mal-ħtiġiet ta' l-Anness VI.

Is-sonda(i) tal-kampjun ta' l-emissjonijiet gassusi għandha(hom) tkun(ikunu) stallata(i) fil-mina tat-trattib fil-punt ta' fejn l-arja mrattba u l-gass ta' l-*exhaust* ikunu mħallta sewwa, u fi prossimità qariba tas-sonda tal-kampjunar tal-partikolati.

Il-kampjunar jista ġeneralment, ikunu magħmul b'żewġ metodi:

— li t-tniġġis jingabar f'borża tal-kampjunar matul iċ-ċiklu u mkejjel wara t-tkomplija tat-test.

— li t-tniġġis ikun miġbur kontinwament bħala kampjun u integrat matul iċ-ċiklu, b'dan il-metodu huwa mandatorju għall HC u $No_x$.

Il-kampjuni tal-konċentrazzjonijiet ta' l-isfond għandhom ikunu miġbura *upstream* tal-mina tat-trattib, ġewwa borża ta' l-ikkampjunar, u għandhom ikunu mnaqqs mill-konċentrazzjoni ta' l-emissjoni skond l-Appendiċi 3, is-Sezzjoni 2.2.3.

2.4. **Determinazzjoni tal-partikolati**

Id-determinazzjoni tal-partikolati teħtieġ sistema tat-trattib. It-trattib jista' jkun imwettaq bis-sistema tan-nixxija parzjali tat-trattib jew tas-sistema tan-nixxija sħiħa tat-trattib. Il-kapaċità tan-nixxija tas-sistema tat-trattib għandha tkun kbira biżżejjed sabiex kompletament telimina l-kondensazzjoni ta' l-ilma fis-sistemi tat-trattib u tal-kampjunar, u ż-żamma tat-temperatura fil-gass imrattab ta' l-*exhaust* bejn 315 K (42 °C) and 325 K (52 °C) immedjetament *upstream* tad-detenturi tal-filtri. It-tneħħija ta' l-umidità mill-arja mrattba qabel id-dħul fis-sistema tat-trattib hija permissibbli, jekk l-umidità ta' l-arja tkun għolja. Arja mrattba msaħħna bil-quddiem aktar mil-limitu tat-temperatura ta' 303 K (30 °C) huwa rakkommandabbli, jekk it-temperatura ambjentali tkun anqas minn 293 K (20 B'danakollu, t-temperatura ta' l-arja mrattba m'għandhiex teċċedi 325 K (52 °C) qabel l-introduzzjoni ta' l-*exhaust* fil-mina tat-trattib.

Is-sonda tal-kampjunar tal-partikolati għandha tkun stallata fi prossimità qariba għas-sonda tal-kampjunar ta' l-emissjonijiet gassusi, u l-istallazzjoni għandha tkun konformi mad-disposizzjonijiet tas-Sezzjoni 2.3.5.

Sabiex tkun determinata l-massa tal-partikolati, sistema tal-kampjunar tal-partikolati, filtri tal-kampjunar tal-partikolati, miżien mikrogramma u kabina ta' l-użin bit-temperatura u l-umidità ikkontrollati, huma meħtieġa.

Speċifikazzjonijiet tas-sistema tat-trattib ta' nixxija parzjali

Is-sistema tat-trattib tan-nixxija parzjali għandha tkun iddisinjata sabiex taqsam in-nixxija ta' l-*exhaust* f'żewġ frazzjonijiet, bl-iżgħar waħda tkun imrattba bl-arja u sussegwentament użata għall-kejl tal-partikolati. Minn dak huwa essenzali li r-relattività tat-trattib tkun determinata b'mod eżatt. Metodi differenti tal-qsim jistgħu jkunu applikati, li permezz tagħhom il-qsim użat ikun jiddetta għal grad sinifikanti l-apparat tal-kampjunar u l-proċeduri li għandhom ikunu wżati (l-Anness VI, is-Sezzjoni 1.2.1.1).

Għall-iskop tal-kontroll tas-sistema tan-nixxija parzjali tat-trattib, reazzjoni aktar mgħaġġla hija meħtieġa. Id-determinazzjoni tal-ħin tar-reazzjoni tas-sistema totali hija deskritta fl-Appendiċi 2, is-Sezzjoni 1.11.1.

Jekk il-ħin magħqud tat-trasformazzjoni tal-kejl tan-nixxija ta' l-*exhaust* (ara s-sezzjoni preċedenti) u s-sistema tan-nixxija parzjali ikun anqas minn 0,3 s, kontroll *online* jista jkun użat. Jekk il-ħin tat-trasformazzjoni jeċċedi 0,3 s, kontrol ta' ħarsien il-quddiem ibbażat fuq prova ta' test pre-reġistrat għandha tkun użata. F'dan il-każ, iż-żieda fil-ħin għandha tkun > 1 s u d-dewmien fil-ħin tkun il-miġemgħa > 10 s.

Ir-reazzjoni totali tas-sistema għandha tkun iddisinjata sabiex tassigura kampjun rappreżentattiv tal-partikolati, $G_{SE}$, proporzjonali man-nixxija tal-massa ta' l-*exhaust*. Sabiex tkun determinata l-proporzjonalità, analiżi rigressiva tal-$G_{SE}$ versus $G_{EXHW}$ għandha tkun imwettqa fuq minimu ta' 5 Hz tar-rata tad-*data* ta' l-akkwist, u l-kriterja li ġejja għandhom tkun milħuqa:

— l-koeffiċjent tal-korrelazzjoni $r^2$ mar-regressjoni lineari bejn $G_{SE}$ u $G_{EXHW}$ m'għandhiex tkun anqas minn 0,95,

— in-norma ta'l-iżball ta' l-estimi ta' $G_{SE}$ fuq $G_{EXHW}$ m'għandhiex teċċedi 5 % tal-massimu tal-$G_{SE}$,

— interċessjoni $G_{SE}$ tal-linja tar-regressjoni m'għandhiex teċċedi ± 2 % tal-massimu $G_{SE}$.

B'mod volontarju, prova ta' qabel it-test tista tkun imwettqa, u s-sinjal tan-nixxija tal-massa ta' l-*exhaust* tal-prova ta' qabel it-test tkun użata għall-kontroll tan-nixxija tal-kampjun fis-sistema tal-partikolati (kontroll tal-ħarsa 'l quddiem). Tali proċedura hija meħtieġa jekk il-ħin tat-trasformazzjoni tas-sistema tal-partikolati, t50,P u/jew il-ħin tat-trasformazzjoni tas-sinjal tan-nixxija tal-massa ta' l-*exhaust*, $t_{50,F}$ huma > 0,3 s. Kontroll tajjeb tas-sistema parzjali tat-trattib huwa akkwistat, jekk l-intraċċar tal-ħin ta' $G_{EXHW, pre}$ ta' qabel it-test, li jikkontrollaw GSE, huwa mċaqlaq bil-ħin tal-'ħarsa 'l quddiem' ta' $t_{50,P}$ + $t_{50,F}$.

Għall-istabbiliment tal-korrelazzjoni bejn $G_{SE}$ u $G_{EXHW}$ id-dettalji miġbura waqt it-test attwali għandha tkun użata, bil-ħin $G_{EXHW}$ alineat b' $t_{50,F}$ relattiva għal $G_{SE}$ (l-ebda kontribuzzjoni minn $t_{50,P}$ ta' l-alineament tal-ħin). Jiġifieri, ċ-ċaqliq tal-ħin bejn $G_{EXHW}$ u $G_{SE}$ hija d-differenza fil-ħinijiet tat-trasformazzjoni tagħhom li kienu determinati fl-Appendiċi 2, is-Sezzjoni 2.6.

Is-sistemi tat-trattib tan-nixxija parzjali, l-eżatezza tan-nixxija tal-kampjun $G_{SE}$ hija ta' tħassib speċjali, jekk ma tkunx imkejla direttament, imma determinata bil-kejl tan-nixxija differenzali:

$$G_{SE} = G_{TOTW} - G_{DILW}$$

F'dan il-każ, eżattezza ta' ± 2 % għal $G_{TOTW}$ u $G_{DILW}$ mhix suffiċjenti sabiex tiggarantixxi eżatezzi aċċettabbli ta' $G_{SE}$. Jekk in-nixxija tal-gass hija determinata bil-kejl differenzali tan-nixxija, l-iżball massimu tad-differenza għandu jkun tali li l-eżatezza ta' $G_{SE}$ hija fil-limiti ta' ± 5 % meta r-relattività tat-trattib tkun anqas minn 15. Dan jista' jkun ikkalkolat billi jkun meqjus il-*root-mean-square* ta' l-iżbalji ta' kull strument.

Eżattezzi aċċettabbli ta' GSE jistgħu ikunu akkwistati b'waħda minn dawn il-metodi li ġejjin:

(a) L-eżattezzi assoluti ta' $G_{TOTW}$ u $G_{DILW}$ huma ± 0,2 % li tiggarantixxi eżattezza ta' $G_{SE}$ ta' 5 % fir-relattività tat-trattib ta' 15. B'danakollu, żbalji akbar iseħħu f'relattivitajiet akbar tat-trattib.

(b) Il-kalibrazzjoni ta' $G_{DILW}$ relattiv għal $G_{TOTW}$ hija mwettqa hekk li l-istess eżattezzi għal $G_{SE}$ bħal fi (a) jkunu akkwistati. Għal dettalji ta' tali kalibrazzjoni ara l-Appendiċi 2, is-Sezzjoni 2.6.

(c) L-eżattezza ta' $G_{SE}$ hija determinata indirettament mill-eżattezza tar-relattività tat-trattib kif determinata bil-gass ta' l-intraċċar, e.g. $CO_2$. Mill-ġdid, eżattezzi ekwivalenti għall-metodu (a) għal $G_{SE}$ huma meħtieġa.

(d) L-eżattezza assoluta ta' $G_{TOTW}$ u $G_{DILW}$ hija fil-limitu ta' ± 2 % ta'l-iskala sħiħa, bl-iżball massimu tad-differenza bejn $G_{TOTW}$ u $G_{DILW}$ hija fil-limitu ta' 0,2 %, u bl-iżball tal-linearità huwa fil-limitu ta' ± 0,2 % ta' l-ogħla $G_{TOTW}$ kif osservat matul it-test.

2.4.1. *Filtri tal-kampjunar tal-partikolati*

2.4.1.1. Speċifiki tal-filtri

Filtri tal-fibra tal-ħġieġ miksija bil-flworokarbonju jew filtri tal-membrana bil-bażi tal-flworokarbonju, huma meħtieġa għat-testijiet taċ-ċertifikazzjoni. Għal applikazzjonijiet speċjali, materjali differenti tal-filtri jistgħu jkunu wżati. It-tipi tal-filtri kollha għandhom ikollhom 0,3 µm DOP (di-octylphthalate) effiċjenza taal-ġbir ta' mill-anqas 99 % tal-gass b'veloċità apparenti ta' bejn 35 u 100 cm/s. Meta jitwettqu t-testijiet tal-korrelazzjoni bejn il-laboratorji jew bejn manifattur u awtorità ta' l-approvazzjoni, filtri ta' kwalità identika għandhom ikunu wżati.

2.4.1.2. Id-daqs tal-filtri

Il-filtri tal-partikolati għandhom ikollhom diametru minimu ta' 47 mm (37 mm diametru tat-tixrib). Filtri b'diametru akbar huma aċċettabbli (is-Sezzjoni 2.4.1.5).

2.4.1.3. Filtri primarji u bħala sostenn

Il-kampjunar ta' l-*exhaust* imrattab għandu jkun miġbur minn par filtri mqiegħda f'serje (filtru wieħed primarju u l-ieħor ta' sostenn) matul is-sekwenza tat-test. Il-filtru tas-sostenn għandu jkun lokalizzat mhux aktar minn 100 mm *downstream* ta', u m'għandux ikun f'kuntatt ma, l-filtru primarju. Il-filtri jistgħu jkunu miżuna separatament jew bħala par mal-filtri mqiegħda b'wiċċ imċappas ma' wiċċ imċappas.

2.4.1.4. V eloċità apparenti tal-filtri

Veloċità apparenti tal-gass matul il-filtru ta' 35 sa 100 cm/s għandha tkun milħuqa. Iż-żieda fin-nuqqas tal-pressjoni bejn il-bidu u t-tmiem tat-test m'għandhiex tkun ta' aktar minn 25 kPa.

2.4.1.5. Tagħbija tal-filtru

It-tagħbijiet minimi rakkommandati tal-filtri għal qisien tal-filtri l-aktar komuni huma murija fit-tabella li ġejja. Għal filtri ta' qisien akbar, it-tagħbija minima tal-filtru għandha tkun 0,065 mg/1 000 $mm^2$ taż-żona tal-filtru.

| Diametru tal-filtru (mm) | Diametru rakommandat tat-tiċpisa (mm) | Tagħbija minima rakommandata (mg) |
|---|---|---|
| 47 | 37 | 0,11 |
| 70 | 60 | 0,25 |
| 90 | 80 | 0,41 |
| 110 | 100 | 0,62 |

2.4.2. Kabina ta' l-użin u l-ispeċifiki tal-miżien analitiku

2.4.2.1. Kondizzjonijiet tal-kabina ta' l-użin

It-temperatura tal-kabina (jew kamra) li fiha l-filtri tal-partikolati huma kondizzjonati u miżuna għandha tinżamm fil-marġini ta' 295 K (22 °C) ± 3 K matul il-kondizzjonar u l-użin kollu tal-filtri L-umidità għandha tinżamm fil-punt tan-nida ta' 282,5 (9,5 °C) ± 3 K u ta' umidità relattiva 45 ± 8 %.

2.4.2.2. L-użin tal-filtru ta' referenza

L-ambjent tal-kabina (jew tal-kamra) għandu jkun ħieles minn kwalunkwe kontaminanti ambjentali (bħalma hu t-trab) li jista' jaqa' fuq il-filtri tal-partikoli matul l-istabilizzazzjoni. Tfixkil fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kamra ta' l-użin, kif elenkati fis-Sezzjoni 2.4.2.1. huma permissibbli jekk il-medda taż-żmien tat-tfixkil ma tkunx teċċedi 30 minuta. Il-kamra ta' l-użin għandha tilħaq l-ispeċifiki meħtieġa qabel ma l-persunall jidħol fil-kamra ta' l-użin. Mill-anqas żewġ filtri ta' referenzi jew żewġ pari ta' filtri ta' referenza għandhom jintiżnu fi żmien erba' sigħat, imma preferibbilment fl-istess waqt ma l-użin tal-filtru (par) tal-kampjun.Dawn għandhom ikollhom l-istess daqs u jkunu ta' l-istess materjal bħall-filtri tal-kampjun.

Jekk il-medja tal-piż tal-filtri ta' referenza (pari filtri ta' referenza) tinbidel bejn l-użin tal-filtru tal-kampjun b'aktar minn 10 µg, allura l-filtri tal-kampjun kollha għandhom ikunu mwarrba u t-test ta' l-emissjonijiet ikun repetut.

Jekk il-kriterja tal-istabbilità tal-kamra ta' l-użin kif spjegata fis-Sezzjoni 2.4.2.1 ma tkunx milħuqha, imma l-użin tal-filtru (par) ta' referenza jkun jilħaq il-kriterja ta' hawn fuq, il-manifattur tal-magna għandu l-għażla li jaċċetta l-piż tal-filtru tal-kampjun jew li jħassar it-testijiet, jirranġa s-sistema tal-kontroll tal-kamra ta' l-użin u jerġa jwettaq it-test.

2.4.2.3. Miżien analitiku

Il-miżien analitiku użat għad-determinazzjoni tal-piżijiet tal-filtri kollha għandu jkollu preċiżjoni (norma ta' devjazzjoni) ta' 2 µg u reżoluzzjoni ta' 1 µg (1 digit = 1 µg) kif speċifikat mill-manifattur tal-miżien.

2.4.2.4. Eliminazzjoni ta' l-effett ta' l-elettriċità statika

Sabiex ikunu eliminati l-effetti ta' l-elettriċità statika, l-filtri għandhom ikunu newtralizzati qabel l-użin, per eżempju, bin-newtralizzatur Polonium jew xi apparat b'effett simili.

2.4.3. *Speċifikazzjonijiet addizzjonali għall-kejl tal-partikolati*

Il-partijiet kollha tas-sistema tat-trattib u tas-sistema tal-kampjunar meħud mit-tubu ta' l-*exhaust* 'il fuq lejn id-detentur tal-filtru, li huwa f'kuntatt ma gass ta' l-*exhaust* li ma jkunx trattat jew imrattab, għandhom ikunu iddisinjati sabiex jimminimizzaw id-depost jew it-tibdil tal-partikolati. Il-partijiet kollha għandhom ikunu magħmula minn materjal elettrikalment konduttivi hekk li ma jkollhomx reazzjoni mal-komponenti tal-gass taa' l-*exhaust*, u għandhom ikunu marbuta b'mod elettriku ma l-*earth* sabiex ikunu prevenuti l-effetti elettrostatiċi."

6) Appendiċi 2 jigi emendat kif gej:

(a) It-titolu huwa emendat kif ġej:

"APPENDIĊI 2

**PROĊEDURA TAL-KALIBRAZZJONI (NRSC, NRTC** [1]**)"**

[1] Il-procedura ta' kalibrazzjoni hi komuni ghaz-zewg testijiet ta' l-NRSC u l-NRTC bl-eccezzjoni tal-htegiet specifikati f'Sezzjonijiet 1.11 u 2.6.

(b) Sezzjoni 1.2.2. hija emendata kif ġej:

Wara t-test preżenti, dan li ġej huwa miżjud:

"Din l-eżatezza timplika li l-gassijiet primarji użati għat-taħlit għandhom ikunu magħrufa bħala li għandhom eżatTezza ta' mill-anqas ± 1 %, traċċabbli għal normi nazzjonali jew internazzjoni tal-gass. Il-verifika għandha tkun imwettqa bejn 15 u 50 % ta' l-iskala sħiħa għal kull kalibrazzjoni li tinkorpora apparat tat-taħlit. Verifika addizzjonali tista' tkun imwettqa bl-użu ta' gass ieħor tal-kalibrazzjoni, jekk l-ewwel verifika tkun falliet.

B'mod voluntarju, apparat tat-taħlit jista jkun verifikat bi strument li bin-natura huwa lineari, e.g. li MA JUZAX gass ma CLD. Il-valur tal-medda ta' l-istrument għandu jkun aġġustat bil-gass tal-medda li huwa direttament konness ma' l-istrument. L-apparat tat-taħlit għandu jkun verifikat fir-regolazzjoni użata kollha u l-valur nominali għandu jkun imqabbel mal-konċentrazzjoni mkejla ta' l-istrument. Din id-differenza għandha, f'kull punt, tkun fil-limitu ta' ± 1 % tal-valur nominali.

Metodi oħrajn jistgħu ikunu wżati ibbażati fuq prattika ta' inġinerija tajba u bil-ftehim bil-quddiem tal-partijiet involuti.

*NOTA:* Diviżur ta' gass bi preċiżjoni huwa fil-limitu ta' ± 1 %, huwa rakommandat sabiex tkun stabbilita l-eżattezza tal-kurva tal-kalibrazzjoni ta' l-analizzatur. Id-diviżur tal-gass għandu jkun kalibrat mill-manifattur ta' l-istrument.";

(c) Is-Sezzjoni 1.5.5.1. hija emendata kif ġej:

(i) l-ewwel sentenza hija mibdula b'dan li ġej:

"Il-kurva tal-kalibrazzjoni ta' l-analizzatur hija stabbilita b'mill-anqas sitt punti tal-kalibrazzjoni (esklużiż-żero) spazzjati b'mod uniformi kemm jista jkun possibbli."

(ii) it-tielet inċiż huwa mibdul b'dan li ġej:

"Il-kurva tal-kalibrazzjoni m'għandhiex tiddiferixxi b'aktar minn ± 2 % mill-valur nominali ta' kull punt tal-kalibrazzjoni u b'aktar minn ± 0,3 % ta' l-iskala sħiħa fiż-żero.";

(d) fis-sezzjoni 1.5.5.2, l-aħħar inċiż huwa mibdul b'dan li ġej:

"Il-kurva tal-kalibrazzjoni m'għandhiex tiddiferixxi b'aktar minn ± 4 % mill-valur nominali ta' kull punt tal-kalibrazzjoni u b'aktar minn ± 0,3 % tal-iskala sħiħa fiz-żero.";

(e) it-test fis-sezzjoni 1.8.3 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Il-verifika ta' l-interferenza ta' l-ossiġenu għandha tkun determinata ma' l-introduzzjoni ta' l-analizzatur fis-servizz u wara intervalli ta' servizz maġġuri.

Medda għandha tkun magħżula meta l-gassijiet tal-verifika ta' l-interferenza ta' l-ossiġenu jaqgħu fil-medda ta' l-ogħla 50 %. It-test għandu jitwettaq bit-temperatura tal-forn irregolat kif meħtieġ.

1.8.3.1. Gassijiet ossiġeni ta' l-interferenza

Gassijiet tal-verifika ossiġeni ta' l-interferenza għandhom ikollhom il-propanju bi 350 ppmC ÷ 75 ppmC idrokarbonju. Il-valur tal-konċentrazzjoni għandu jkun determinat ma' kalibrazzjoni tat-tolleranzi tal-gass bl-analiżi kromatografika tat-total ta' l-idrokarbonju flimkien ma' l-impuritajiet fuq ħawwadi dinamiku. In-nitroġenu għandu jkun ir-rattabi predominanti bil-bilanċ ta' l-ossiġenu. It-taħlitiet meġtieġa għat-testiniet tal-magna Diesel huma:

| Konċentrazzjoni $O_2$ | Bilanċ |
|---|---|
| 21 (20 sa 22) | Nitroġenu |
| 10 (9 sa 11) | Nitroġenu |
| 5 (4 sa 6) | Nitroġenu |

1.8.3.2. Proċedura

(a) L-analizzatur għandu jkun irregolat f'żero.

(b) L-analizzatur għandu jkun b'medda ta' 21 % taħlita ta' l-ossiġenu.

(c) Ir-reazzjoni żero għandha tkun ivverifikata mill-ġdid. Jekk tkun inbidlet b'aktar minn 0,5 % ta'l-iskala kollha, l-klawsoli (a) u (b) għandhom ikunu mtennija.

(d) L-interferenza ta' 5 % u 10 % ossiġenu tivverifika li l-gassijiet għandhom ikunu ntrodotti.

(e) Ir-reazzjoni żero għandha tkun ivverifikata mill-ġdid. Jekk tkun inbidlet b'aktar minn ± 1 % tal-iskala kollha, it-test għandu jerga jsir.

(f) L-interferenza ta' l-ossiġenu (% $O_2$I) għandha tkun ikkalkolata għal kull taħlita f'(d) kif ġej:

$$O_2I = \frac{(B - C)}{B} \times 100$$

A = konċentrazzjoni ta' l-idrokarbonju (ppmC) tal-medda tal-gass użat f'(b)

B = konċentrazzjoni ta'l-idrokarbonju (ppmC) tal-gassijiet tal-verifika fl-interferenza ta' l-ossiġenu użati f'(d)

C = reazzjoni ta' l-analizzatur

$$(ppmC) = \frac{A}{D}$$

D = perċentwali tar-reazzjoni ta' l-analizzatur ta'l-iskala sħiħa minħabba A.

(g) L-interferenza % ta' l-ossiġenu (% $O_2$ I) għandha tkun anqas minn ± 3,0 % għall-interferenzi kollha meħtieġa ta' l-ossiġenu, verifika tal-gassijiet qabel l-ittestjar.

(h) Jekk l-interferenza ta' l-ossiġenu tkun akbar minn ± 3,0 %, in-nixxija ta' l-arja aktar jew anqas mill-ispeċifiki tal-manifattur għandhom ikunu aġġustati b'mod inkrimentali, bir-repetizzjoni tal-klawsola 1.8.1 għal kull nixxija.

(i) Jekk l-interferenza ta' l-ossiġenu tkun akbar minn ± 3,0 %, wara l-aġġustar tan-nixxija ta' l-arja in-nixxija tal-karburant wara din tan-nixxija tal-kampjun għandha tkun varjata, bir-repetizzjoni tal-klawsola 1.8.1 għal kull nixxija ġdida.

(j) Jekk l-interferenza ta’ l-ossiġenu tkun baqgħet akbar minn ± 3,0 %, l-analizzatur, il-karburant FID, jew il-ġewża tal-ħruq ta’ l-arja għandha tkun imsewwija jew mibdula qabel ma jsir it-test. Din il-klawsola għandha imbagħad tkun repetuta bl-apparat imsewwi jew mibdul jew bil-gassijiet.”;

(f) Il-paragrafu preżenti 1.9.2.2. huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel sub-paragrafu huwa mibdul b’dan li ġej:

“Din il-verifika tapplika biss għal kejl tal-konċentrazzjoni ta’ gass imxarrab. Il-kalkolazzjoni tat-tnaqqis ta’ l-ilma għandha tqis it-trattib tal-medda tal-gass NO bil-fwar ta’ l-ilma u l-iskalar tal-konċentrazzjoni tal-fwar ta’ l-ilma tat-taħlita lejn dak mistenni ma tul it-testijiet. Il-firxa tal-gass NO li jkollha konċentrazzjoni ta’ 80 sa 100 % ta’ skala sħiħa fil-medda normali ta’ l-operat tagħha għandha tkun mgħoddija bħala bżieżaq minn il (H)CLD u l-valur NO irrekordjat bħala D. Il-gass NO għandu mbagħad ikun imaqbaq minn ġo l-ilma f’temperatura tal-kamra u mgħoddi mill-(H)CLD u l-valur HO irrekordjat bħala C. It-temperatura ta’ l-ilma għandha tkun iddeterminata u rekordjata bħala F. Il-pressa tat-taħlita mimlija fil-fwar li tkun tikkorrespondi għat-temperatura ta’ l-ilma fl-apparat li jagħmel il-bżieżaq (F) għandha tkun iddeterminata u rrekorjata bħala G. Il-konċentrazzjoni tal-fwar ta’ l-ilma (fi %) tat-taħlita għandha tkun ikkalkolata kif ġej:”;

(ii) it-tielet sub-paragrafu huwa mibdul b’dan li ġej:

“u irreġistrat bħala De. Għall-*exhaust* tad-diesel, il-konċentrazzjoni massima tal-fwar ta’ l-ilma fl-*exhaust* (fi %) mistennija ma tul it-testijiet għandha tkun ikkalkolata, fuq l-ipoteżi tar-razzjoni atomiku H/C tal-karburanti ta’ 1,8 sa 1, mill-konċentrazzjoni massima $CO_2$ fil-gass ta’ l-*exhaust* jew mill-konċentrazzjoni tal-firxa tal-gass $CO_2$ mhux imrattab (A, kif imkejla fis-sezzjoni 1.9.2.1) kif ġej:”;

(g) is-sezzjoni li ġejja hija miżjuda:

“1.11. Ħtiġiet ta’ kalibrazzjoni addizzjonali għal kejl ta’ *exhaust* mhux ittrattat matul it-test NRTC

1.11.1. Verifika tal-ħin tar-reazzjoni tas-sistema analitika

L-irregolar tas-sistema għall-evalwazzjoni tal-ħin tar-reazzjoni għandhom ikunu eżattament l-istess bħal matul il-kejl tal-prova tat-test (i.e. pressjoni, rati tan-nixxija, regolazzjoni tal-filtru ta’ l-analizzaturi u l-influwenzi l-oħrajn kollha tal-ħin tar-reazzjoni). Id-determinazzjoni tal-ħin tar-reazzjoni għandha ssir bil-gass immirat direttament lejn id-dħul tas-sonda tal-kampjun. Il-qlib tal-gass għandu jseħħ direttament f’mhux anqas minn 0,1 sekonda. Il-gassijiet użati għat-test għandhom joħolqu bidla fil-konċentrazzjoni ta’ mill-anqas 60 % FS.

L-intraċċar tal-konċentrazzjoni ta’ kull komponent singolu tal-gass għandu jkun irreġistrat. Il-ħin tar-reazzjoni huwa definit bħala d-differenza fil-ħin bejn il-qlib tal-gass u l-bidla xierqa tal-konċentrazzjoni irreġistrata. Il-ħin tar-reazzjoni tas-sistema ($t_{90}$) jikkonsisti fil-ħin tad-dewmien lejn is-sejjiebi tal-kejl u ż-żieda fil-ħin tas-sejjiebi. Il-ħin tad-dewmien huwa definit bħala l-ħin mit-tibdil ($t_0$) sakemm ir-reazzjoni tkun 10 % tal-qari finali ($t_{10}$). Iż-żeida fil-ħin hija definita bħala l-ħin bejn 10 u 90 % tar-reazzjoni tal-qari finali ($t_{90}$ - $t_{10}$).

Għall-alineament tal-ħin ta’ l-analizzatur u tas-sinjali tan-nixxija ta’ l-*exhaust* fil-każ ta’ kejl mingħajr trattament, il-ħin tat-trasformazzjoni huwa definit bħala l-ħin mill-bidla ($t_0$) sakemm ir-reazzjoni tkun 50 % tal-qari finali ($t_{50}$).

Il-ħin tar-reazzjoni tas-sistema għandu jkun >10 sekondi u ż-żieda fil-ħin > 2,5 sekondi għal komponenti limitati kollha (CO, $NO_x$, HC) u l-medded kollha wżati.

1.11.2. Kalibrazzjoni ta’ l-analizzatur tal-gass tal-intraċċar għall-kejl tan-nixxija ta’ l-*exhaust*

L-analizzatur għall-kejl tal-konċentrazzjoni tal-gass ta’l-intraċċar, jekk użat, għandu jkun kalibrat bl-użu ta’ gass normali.

Il-kurva tal-kalibrazzjoni għandha tkun stabbilita b’mill-anqas 10 punti tal-kalibrazzjoni (eskluż iż-żero) spazzjati hekk li nofs il-punti tal-kalibrazzjoni jkunu mqiegħda bejn 4 sa 20 % ta’l-iskala sħiħa ta’ l-analizzatur u s-serħan huma bejn 20 sa 100 % ta’ l-iskala sħiħa. Il-kurva tal-kalibrazzjoni hija kalkolata bil-metodu ta’ l-anqas kwadri.

Il-kurva tal-kalibrazzjoni m’għandhiex tkun differenti b’aktar minn ± 1 % ta’ l-iskala sħiħa mill-valur nominali ta’ kull punt tal-kalibrazzjoni, fil-medda minn 20 sa 100 % ta’ l-iskala sħiħa. M’għandhiex ukoll tkun differenti b’aktar minn ± 2 % mill-valur nominali fil-medda minn 4 sa 20 % tal-iskala sħiħa.

L-analizzatur għandu jkun irregolat f’żero u mifrux, qabel il-prova tat-test, bl-użu tal-gass żero u gass tal-medda li l-valur nominali tiegħu ikun aktar minn 80 % ta’ l-iskala sħiħa ta’ l-analizzatur.”

(h) il-paragrafu 2.2 huwa mibdul b'dan li ġej:

"2.2. Il-kalibrazzjoni ta' l-arloġġi tan-nixxija tal-gass jew ta'l-istrumentazzjoni tal-kejl tan-nixxija għandhom ikunu traċċabbli għan-normi nazzjonali u/jew internazzjonali.

L-iżball massimu fil-valur imkejjel għandu jkun fil-limitu ta' ± 2 % tal-qari.

Is-sistemi tat-trattib tan-nixxija parzjali, l-eżattezza tan-nixxija tal-kampjun $G_{SE}$ hija ta' tħassib speċjali, jekk ma tkunx imkejla direttament, imma determinata bil-kejl tan-nixxija differenzali:

$$G_{SE} = G_{TOTW} - G_{DILW}$$

F'dan il-każ, eżattezza ta' ± 2 % għal $G_{TOTW}$ u $G_{DILW}$ mhix suffiċjenti sabiex tiggarantixxi eżattezzi aċċettabbli tal-$G_{SE}$. Jekk in-nixxija tal-gass tkun determinata bil-kejl tan-nixxija differenzali, l-iżball massimu tad-differenza għandu jkun tali li l-ezattezza ta' $G_{SE}$ tkun fil-limitu ta' ± 5 % meta r-relattività tat-trattib tkun anqas minn 15. Dan jista jkun ikkalkolat billi jigi meqjus il-*root-mean-square* ta' l-iżbalji ta' kull strument."

(i) is-sezzjoni li ġejja hija miżjuda:

"2.6. Ħtiġiet addizzjonali tal-kalibrazzjoni għal sistema ta' trattib ta' nixxija parzjali

2.6.1. Kalibrazzjoni perjodika

Jekk in-nixxija tal-gass tal-kampjun tkun determinata b'kejl tan-nixxija differenzali ta' l-arloġġ tan-nixxija jew ta' l-istrumentazzjoni tal-kejl tan-nixxija għandhom ikunu kalibrati b'waħda mill-proċeduri li ġejjin, hekk li n-nixxija tas-sonda $G_{SE}$ fil-mina tkun twettaq il-ħtiġiet ta' l-eżatezza ta' l-Appendiċi I, is-Sezzjoni 2.4.:

L-arloġġ tan-nixxija għal $G_{DILW}$ huwa marbut f'serje ma' l-arloġġ tan-nixxija $G_{TOTW}$, bid-differenza bejn iż-żewġ arloġġi tan-nixxija tkun kalibrata għal mill-anqas ħames punti fissi bil-valuri tan-nixxija ugwalment spazzjati bejn il-valur $G_{DILW}$ l-aktar baxx kif użat matul it-test u l-valur tal-$G_{TOTW}$ kif użat waqt it-test. Il-mina tat-trattib tista tkun ċirkunviża.

Apparat kalibrat tan-nixxija tal-massa huwa konness f'serje ma l-arloġġ tan-nixxija għal $G_{TOTW}$ u l-eżattezza ivverifikata għall-valur użat għal dak it-test. Imbagħad, l-apparat kalibrat tan-nixxija tal-massa huwa konness f'serje ma l-arloġġ tan-nixxija għal $G_{DILW}$, u l-eżattezza verifikata għal mill-anqas ħames regolazzjoni li jikkorrespondu mar-ralattività tat-trattib ta' bejn 3 u 50, b'relattività għal $G_{TOTW}$ użata matul it-test.

It-tubu tat-trasferiment TT huwa maqlugħ mill-*exhaust*, u appartat kalibrat tal-kejl tan-nixxija m'medda xierqa sabiex ikejjel il-$G_{SE}$, ikun konness mat-tubu tat-trasferiment. Imbagħad $G_{TOTW}$ huwa irregolat għall-valur użat matul it-test, u l-$G_{DILW}$ huwa sussegwentament irregolat għal mill-anqas ħames valuri li jikkorrespondu għar-relattivitajiet tat-trattib q bejn 3 u 50. B'mod alternattiv, passaġġ speċjali tan-nixxija għal-kalibrazzjoni jista jkun fornut, li fih il-mina tkun ċirkunviża, imma t-total u n-nixxija ta' l-arja tat-trattib matul l-arloġġi korrespondenti huma miżmuma bħal fit-test attwali.

Gass ta'l-intraċċar huwa fornut fit-tubu tat-trasferiment TT. Dan il-gass ta'l-intraċċar jista' jkun komponent tal-gass ta' l-*exhaust*, bħalma hu $CO_2$ jew $NO_x$. Wara t-trattib fil-mina, l-komponent tal-gass ta' l-intraċċar huwa mkejjel. Dawn għandhom ikunu mwettqa għal ħames relattivitajiet tat-trattib ta' bejn 3 u 50. L-eżattezza tan-nixxija tal-kampjun hija determinata mis-sehem tat-trattib *q*:

$$G_{SE} = G_{TOTW}/q$$

L-eżattezzi ta' l-analizzaturi tal-gass għandhom ikunu meqjusa sabiex jiggarantixxu l-eżattezza ta' $G_{SE}$

2.6.2. Verifika tan-nixxija tal-karbonju

Verifika tan-nixxija tal-karbonju bl-użu attwali ta' l-*exhaust* hija ferma rakommandabbli għas-sejbiet tal-problemi tal-kejl u tal-kontroll u għall-verifika ta' l-operat sewwa tas-sistema tan-nixxija parzjali tat-trattib. Il-verifika tan-nixxija tal-karbonju għandha tkun imwettqa mill-anqas kull darba li magna ġdida tkun installata, jew li xi ħaġa sinifikanti tkun mibdula fil-konfigurazzjoni taċ-ċellola tat-test.

Il-magna għandha tkun operata fit-*torque* tat-tgħabija u l-veloċità massima jew f'xi modula oħra fi stat kostanti li tipproduċi 5 % jew aktar ta' $CO_2$. Is-sistema tal-kampjunar tan-nixxija parzjali għandha tkun operata bil-fattur tat-trattib ta' madwar 15 għal 1.

2.6.3. Verifika ta' qabel it-test

Verifika ta' qabel it-test għandha tkun imwettqa fi żmien sagħtejn qabel il-prova tat-test b'dan il-metodu:

L-eżattezza ta' l-arloġġi tan-nixxija għandha tkun verifikata bl-istess metodu kif użat għall-kalibrazzjoni ta' mill-anqas żewġ punti, inklużi l-valuri tan-nixxija $G_{DILW}$ li jikkorrespondu għar-relattivitajiet tat-trattib ta' bejn ħamsa u 15 għall-valur $G_{TOTW}$ użat matul it-test.

Jekk jista' jkun muri skond ir-reġistri tal-proċedura tal-kalibrazzjoni kif deskritta hawn fuq li l-kalibrazzjoni ta' l-arloġġ tan-nixxija tkun stabbli matul perjodu itwal ta' żmien, il-verifika ta' qabel it-test tista' titħalla barra.

2.6.4. Determinazzjoni tal-ħin tat-trasformazzjoni

L-irregolar tas-sistema għall-evalwazzjoni tal-ħin tat-trasformazzjoni għandhom ikunu eżattament l-istess bħal matul il-prova tat-test tal-kejl. Il-ħin tat-trasformazzjoni għandu jkun determinat b'dan il-metodu:

Arloġġ tan-nixxija independenti bħala referenza b'medda tal-kejl xierqa għas-sonda tan-nixxija għandu jkun immuntat f'serje ma u marbut fil-qrib mas-sonda. Dan l-arloġġ tan-nixxija għandu jkollu ħin tat-trasformazzjoni ta' mill-anqas 100 ms għad-daqs tal-pass tan-nixxija użat fil-kejl tar-reazzjoni tal-ħin, bir-restrizzjoni tan-nixxija baxxa biżżejjed hekk li ma taffettwax l-imġieba dinamika tas-sistema tan-nixxija parzjali tat-trattib, u konsistenti mal-prattika tajba ta' l-inġinerija.

Pass ta' tibdil għandu jkun introdott fid-dħul tan-nixxija ta' l-*exhaust* (jew fin-nixxija ta' l-arja jekk tkun ikkalkolata n-nixxija ta' l-*exhaust*) tal-sistema tan-nixxija parzjali tat-trattib, minn nixxija baxxa sa mill-anqas 90 % ta' l-iskala sħiħa. Il-bidu ta' l-effett għall-pass tat-tibdil għandu jkun l-istess wieħed hekk kif użat sabiex jagħti bidu tal-kontrol tal-ħsara 'l quddiem waqt it-testijiet attwali. L-istimulu tal-pass tan-nixxija ta' l-*exhaust* u r-reazzjoni ta' l-arloġġ tan-nixxija għandhom ikunu reġistrati fir-rata tal-kampjunar ta; mill-anqas 10 Hz.

Minn din l-informazzjoni, l-ħin tat-trasformazzjoni għandu jkun determinat mis-sistema tan-nixxija parzjali tat-trattib, li huwa l-ħin mil-bidu ta' l-istimolu tal-pass lejn il-punt ta' 50 % tar-reazzjoni ta' l-arloġġ tan-nixxija. B'manjiera simili, l-ħinijiet tat-trasformazzjoni tas-sinjal GSE tas-sistema tan-nixxija parzjali tat-trattib u tas-sinjal $G_{EXHW}$ ta' l-arloġġ tan-nixxija ta' l-*exhaust* għandhom ikunu determinati. Dawn is-sinjali huma wżati fil-verifiki tar-regressjoni mwettqa wara kull test (l-Appendiċi I, sezzjoni 2.4).

Il-kalkolu għandu jkun repetut għal mill-anqas ħames stimuli ta' tlugħ u nżul, u r-riżultati għandhom ikunu kalkolati bħala medja. Il-ħin intern tat-trasformazzjoni (< 100 ms) ta' l-arloġġ tan-nixxija tar-referenza għandu jkun imnaqqas minn dan il-valur. Dan huwa l-valur ta' 'ħarsien il quddiem' tas-sistema tan-nixxija parzjali tat-trattib, li għandu jkun applikat skond l-Appendiċi I, sezzjoni 2.4.".

7. Is-sezzjoni li ġejja hija miżjuda:

"3. KALIBRAZZJONI TAS-SISTEMA CVS

3.1. Ġenerali

Is-sistema CVS għandha tkun kalibrata bl-użu ta' arloġġ b'eżattezza tan-nixxija u mezzi għat-tibdil tal-kundizzjonijiet operattivi.

In-nixxija matul is-sistema għandha tkun imkejla fi-regolar operattiv differenti tan-nixxija, u l-parametri tal-kontroll tas-sistema għandhom ikunu mkejla u relattati man-nixxija.

Diversi tipi ta' arloġġi tan-nixxija jistgħu jkunu wżati. E.g. venturi kalibrati, arloġġ tan-nixxija laminari bil-kalibrar, arloġġ turbina bil-kalibrar.

3.2. Kalibrazzjoni tal-pompa ta' spejazzament pożittiv (PDP)

Il-parametri kollha relattati mal-pompa għandhom ikunu mkejla fl-istess waqt flimkien mal-parametri relattati mal-venturi tal-kalibrazzjoni li huma konnessi f'serje mal-pompa. Ir-rata tan-nixxija kif ikkalkolata (fi $m^3$/min fid-dħul tal-pompa, pressa assoluta u temperatura) għandha tkun impinġija kontra l-funzjoni tal-korrelazzjoni li hija l-valur ta' ġemgħa speċifika tal-parametri tal-pompa. L-ekwazzjoni lineari li tirrigwardja n-nixxija mill-pompa u l-funzjoni tal-korrelazzjoni, għandhom ikunu determinati. Jekk CVS ikollu sewqan b'veloċità multipla, l-kalibrazzjoni għandha tkun imwettqa għal kull waħda mill-medded użati.

L-istabbilità tat-temperatura għandha tkun miżmuma matul il-kalibrazzjoni.

Traxxix ta' qtar mill-konnessjonijiet u l-pajpijiet kollha bejn il-venturi tal-kalibrazzjoni u l-pompa CVS għandhom jinżammu f'livell aktar baxx minn 0,3 % tal-punt l-aktar baxx tan-nixxija (restrizzjoni għola u punt aktar baxx tal-veloċità PDP).

3.2.1. Analiżi ta' l-informazzjoni

Ir-rata tan-nixxija ta' l-arja ($Q_s$) f'kull regolar ta' restrizzjoni (minimu ta' 6 regolar) għandha tkun ikkalkolata fin-norma ta' $m^3$/min mill-informazzjoni ta' l-arloġġ tan-nixxija bl-użu tal-metodu kif preskritt mill-manifattur. Ir-rata tan-nixxija ta' l-arja għandha mbagħad tkun konvertita lejn il-nixxa mill-pompa ($V_0$) fi $m^3$/rev fit-temperatura assoluta tad-dħul tal-pompa u tal-pressjoni kif ġej:

$$V_0 = \frac{Q_s}{n} \times \frac{T}{273} \times \frac{101.3}{p_A}$$

meta,

$Q_s$ = ir-rata tan-nixxija ta' l-arja f'kondizzjonijiet normali (101,3 kPa, 273 K) ($m^3$/s)

T = temperatura fid-dħul tal-pompa (K)

$P_A$ = pressjoni assoluta fid-dħul tal-pompa ($P_B$ - $P_1$) (kPa)

n = veloċità tal-pompa (rev/s).

Sabiex ikunu meqjusa l-varjazzjonijiet ta' l-interazzjoni tal-pressjoni fil-pompa u r-rata tat-telf fil-pompa, l-funzjoni tal-korrezzjoni ($X_0$) bejn il-veloċità tal-pompa, l-pressjoni differenzali mid-dħul tal-pompa sal-ħruġ tal-pompa u l-pressjoni assoluta fil-ħruġ tal-pompa, għandhom ikunu ikkalkolati kif ġej:

$$X_0 = \frac{1}{n} \times \sqrt{\frac{\Delta p_p}{p_A}}$$

meta,

$Ap_p$ = pressjoni differenzali mid-dħul tal-pompa sal-ħruġ tal-pompa (kPa)

$p_A$ = pressjoni assoluta fid-dħul tal-pompa (kPa)

Adattament lineari *least-square* għandu jitwettaq sabiex jiġġenera l-ekwazzjoni tal-kalibrazzjoni, kif ġej:

$$V_0 = D_0 - m \times (X_0)$$

$D_0$ u m huma l-kostanti tal-interċezzjoni u ż-żurżieqa, rispettivament, deskritti bħala lini ta' regressjoni.

Għal sistema CVS b'veloċitajiet multipli, l-kurva tal-kalibrazzjoni ġenerati għal diversi medded tan-nixxija tal-pompa għandhom ikunu kważi paralelli, u l-valuri ta' l-interċwzzjoni ($D_0$) għandhom jiżdiedu hekk kif il-medda tan-nixxija tal-pompa tonqos.

Il-valuri kalkolati bl-ekwazzjoni għandhom ikunu fil-limitu ta' ± 0,5 % tal-valur imkejjel ta' $V_0$. Il-valuri ta' m ikunu jvarjaw minn pompa waħda lejn oħra. Influss tal-partikolati matul iż-żmien ikun joħloq li t-telf tal-pompa jkun jonqos, kif rifless bil-valuri baxxi għal m. Għalhekk, kalibrazzjoni għandha tkun imwettqa mal-bidu tat-tħaddim tal-pompa, wara manutenzjoni maġġuri, u jekk is-sistema tal-verifika totali (sezzjoni 3.5) tindika tibdil fir-rata tat-telf.

3.3. Kalibrazzjoni tal-venturi tan-nixxa kritika (CFV)

Il-kalibrazzjoni tal-CFV hija ibbażata fuq l-ekwazzjoni tan-nixxija għal venturi kritiċi. In-nixxija tal-gass hija funzjoni tal-pressjoni u t-temperatura tad-dħul, kif muri hawn taħt:

$$Q_s = \frac{K_v \times p_A}{\sqrt{T}}$$

meta,

$K_v$ = koefiċċjent tal-kalibrazzjoni

$p_A$ = pressjoni assoluta fid-dħul tal-venturi (kPa)

T = temperatura fid-dħul tal-venturi (K)

3.3.1. Analiżi ta’ l-informazzjoni

Ir-rata tan-nixxija ta’ l-arja ($Q_s$) f’kull regolar ta’ restrizzjoni (minimu ta’ 8 regolar) għandha tkun ikkalkolata fin-norma ta’ $m^3$/min mill-informazzjoni ta’ l-arloġġ tan-nixxija bl-użu tal-metodu kif preskritt mill-manifattur. Il-koeffiċjent tal-kalibrazzjoni għandu jkun ikkalkolat mill-informazzjoni tal-kalibrazzjoni għal kull regolar, kif ġej:

$$K_v = \frac{Q_S \times \sqrt{T}}{p_A}$$

meta,

$Q_s$ = ir-rata tan-nixxija ta’ l-arja f’kondizzjonijiet normali (101,3 kPa, 273 K) ($m^3$/s)

T = temperatura fid-dħul tal-venturi (K)

$p_A$ = pressjoni assoluta fid-dħul tal-venturi (kPa)

Sabiex tkun determinata l-medda tan-nixxija kritika, $K_v$ għandha tkun impinġija bħala funzjoni tal-pressjoni fid-dħul tal-venturi. Għal nixxija kritika (fgata), $K_v$ għandha jkollha valur relattivament kostanti. Hekk kif il-pressjoni tonqos (żieda fil-vakwu), il-venturi jsiru anqas fgati u $K_v$ tonqos, li jindika li il-CFV tkun topera ‘l barra mill-medda permissibbli.

Għal minimu ta’ tmin punti fir-reġjun ta’ nixxija kritika, il-medja $K_v$ u d-devjazzjoni normali għandhom ikunu kalkolati. Id-devjazzjoni normali m’għandhiex teċċedi ± 0,3 % tal-medja $K_v$.

3.4. Kalibrazzjoni tal-venturi subsoniċi (SSV)

Il-kalibrazzjoni tal-SSV hija bażata fuq l-ekwazzjoni tan-nixxija għal venturi subsoniċi. In-nixxija tal-gass hija funzjoni tal-pressjoni u t-temperatura b’waqgħa fil-pressjoni bejn id-dħul SSV u l-gerżuma, kif muri hawn taħt:

$$Q_{SSV} = A_0 d^2 C_d P_A \sqrt{\left[\frac{1}{T}\left(r^{1,4286} - r^{1,7143}\right)\left(\frac{1}{1 - \beta^4 r^{1,4286}}\right)\right]}$$

meta,

$A_0$ = il-ġabra ta’ kostanti u unitajiet tal-konverżjonijiet

$$= 0,006111 \text{ fi SI unitajiet } \left(\frac{m^3}{min}\right)\left(\frac{K^{\frac{1}{2}}}{kPa}\right)\left(\frac{1}{mm^2}\right)$$

d = diametru tal-gerżuma SSV (m)

$C_d$ = il-koeffiċjenti tal-forniment tal-SSV

$P_A$ = pressjoni assoluta fid-dħul tal-venturi (kPa)

T = temperatura fid-dħul tal-venturi (K)

r = relattività tal-gerżuma SSV fid-dħul assolut, pressjoni statika = $1 - \frac{\Delta P}{P_A}$

β = relattività tad-diametru tal-gerżuma SSV, d, mad-diamteru intern tat-tubu tad-dħul = $\frac{d}{D}$

3.4.1. Analiżi ta' l-informazzjoni

Ir-rata tan-nixxija ta' l-arja ($Q_{SSV}$) f'kull regolar ta' restrizzjoni (minimu ta' 16 regolar) għandha tkun ikkalkolata fin-norma ta' $m^3$/min mill-informazzjoni ta' l-arloġġ tan-nixxija bl-użu tal-metodu kif preskritt mill-manifattur. Il-koeffiċjent tal-kalibrazzjoni għandu jkun ikkalkolat mill-informazzjoni tal-kalibrazzjoni għal kull regolar, kif ġej:

$$C_d = \frac{Q_{SSV}}{A_0 d^2 P_A \sqrt{\left[\frac{1}{T}\left(r^{1,4286} - r^{1,7143}\right)\left(\frac{1}{1-\beta^4 r^{1,4286}}\right)\right]}}$$

meta,

$Q_{SSV}$ = ir-rata tan-nixxija ta' l-arja f'kondizzjonijiet normali (101,3 kPa, 273 K) ($m^3$/s)

T = temperatura fid-dħul tal-venturi K

d = diametru tal-gerżuma SSV (m)

r = relattività tal-gerżuma SSV fid-dħul assolut, pressjoni statika = $1 - \frac{\Delta P}{P_A}$

ß = relattività tad-diametru tal-gerżuma SSV, d, mad-diamteru intern tat-tubu tad-dħul = $\frac{d}{D}$

Għad-determinazzjoni tal-medda tan-nixxija subsonika, $C_d$ għandu jkun impinġi bħala funzjoni tan-numru Reynolds, fil-gerżuma SSV. Il-Re fil-gerżuma SSV huwa ikkalkolat b'din il-formula li ġejja:

$$Re = A_1 \frac{Q_{SSV}}{d\mu}$$

meta

$A_1$ = il-ġabra ta' kostanti u unitajiet tal-konverżjonijiet

$$= 25,55152 \left(\frac{1}{m^3}\right)\left(\frac{min}{s}\right)\left(\frac{mm}{m}\right)$$

$Q_{SSV}$ = ir-rata tan-nixxija ta' l-arja f'kondizzjonijiet normali (101,3 kPa, 273 K) ($m^3$/s)

d = diametru tal-gerżuma SSV (m)

μ = il-viskosità assoluta jew dinamika tal-gass, ikkalkolata b'din il-formula li ġejja:

$$\mu = \frac{bT^{3/2}}{S+T} = \frac{bT^{1/2}}{1+\frac{S}{T}} kg/m\text{-}s,$$

meta:

b = kostant empiriku $1,458 \times 10^6 \frac{kg}{msK^{\frac{1}{2}}}$

s = kostant empiriku

Minħabba li $Q_{SSV}$ huwa dħul għall-formula Re, il-kalkolazzjonijiet għandhom ikunu mibdija bi tbassir inizjali għal $Q_{SSV}$ jew $C_d$ tal-venturi tal-kalibrazzjoni, u repetuta sakemm il-$Q_{SSV}$ isiru konverġenti. Il-metodu tal-konverġenza għandu jkollu eżatezza ta' 0.1 % jew aħjar.

Għal minimu ta' sittax il-punt fir-reġjun tan-nixxija subsonika, il-valuri ikkalkolati ta' $C_d$ mill-kurva riżultanti tal-kalibrazzjoni jkunu jaqblu ma l-ekwazzjoni li għandhom ikunu fil-limitu ta' ± 0,5 % tas-$C_d$ imkejla għal kull punt tal-kalibrazzjoni.

3.5. Verifika tas-sistema totali

L-eżattezza totali tal-sistema tal-kampjunar CVS u tas-sistema analitika għandha tkun determinata bl-introduzzjoni ta' massa magħrufa ta' gass tat-tniġġiż fis-sistema, waqt li din tkun operata b'mod normali. It-tniġġiż huwa analizzat, u l-massa kalkolata skond l-Anness III, l-Appendiċi 3, is-Sezzjoni 2.4.1., apparti milli fil-każ tal-propanju meta fattur ta' 0,000472 huwa użat minflok 0,000479 għal HC. Waħda minn dawn iż-żewġ tekniċi li ġejjin tista tkun użata.

3.5.1. Metraġġ b'orifiċi ta' nixxija kritika

Kwanità magħrufa ta' gass pur (propanju) għandha tiddaħħal fis-sistema CVS permezz ta' orifiċi b'kalibrazzjoni kritika. Jekk il-pressjoni fid-dħul tkun għolja biż-żejjed, ir-rata tan-nixxija, li tkun aġġustata permezz ta' orifiċi ta' nixxija kritika, hija independenti mill-pressjoni tal-ħruġ ta' l-orifiċi (nixxija kritika). Is-sistema CVS għandha tkun operata bħal waqt test normali ta' l-emissjoni ta' l-*exhaust* għal madwar ħamsa sa 10 minuti. Kampjun tal-gass għandu jkun analizzat bl-apparat normali (borża tal-kampjunar u tal-metodu integrat), u l-massa tal-gass tkun ikkalkolata. Il-massa hekk determinata għandha tkun fil-limitu ta' ± 3 % tal-massa magħrufa tal-gass injettat.

3.5.2. Metraġġ permezz tat-tekmnika gravimetrika

Il-piż ta' ċilindru żgħir, mimli bil-propanju, għandu jkun determinat bi preċiżjoni ta' ± 0,01 g. Għal madwar ħamsa sa 10 minuti, s-sistema CVS għandha tkun operata bħal waqt it-test normali ta' l-emissjoni ta' l-*exhaust*, waqt li l-monossidu tal-karbonju jew il-propanju jkun injettat fis-sistema. Il-kwanità tal-gass pur kif mormi għandha tkun determinata permezz tal-piż differenzali. Kampjun tal-gass għandu jkun analizzat bl-apparat normali (borża tal-kampjunar u tal-metodu integrat), u l-massa tal-gass tkun ikkalkolata. Il-massa hekk determinata għandha tkun fil-limitu ta' ± 3 % tal-massa magħrufa tal-gass injettat."

8. Appendiċi 3 huwa emendat kif ġej:

(a) It-titolu li ġej għal dan l-Appendiċi huwa miżjud:

"DATA TA' L-EVALWAZZJONI U TAL-KALKOLAZZJONIJIET";

(b) It-titolu tas-Sezzjoni 1 għandu jkun jinqara

"*DATA* TA' L-EVALWAZZJONI U TAL-KALKOLI – TEST NRSC"

(c) Sezzjoni 1.2 hija mibdula b'dan li ġej:

"1.2. Emissjonijiet tal-partikolati

Għall-evalwazzjoni tal-partikolati, l-massa totali tal-kampjun ($M_{SAM,i}$) minn matul il-filtri għandha tkun irreġistrata għal kull modula. Il-filtri għandhom jittieħdu lura lejn il-kabina ta' l-użin u kondizzjonati għal mill-anqas siegħa, imma għal mux aktar minn 80 siegħa mbagħad miżuna. Il-piż gross tal-filtri għandu jkun irreġistrat u l-piż nett (ara Sezzjoni 3.1, l-Anness III) imnaqqas. Il-massa tal-partikolati ($M_f$ għall-metodu ta' filtru wieħedl $M_{f,i}$ għall-metodu ta' filtru multiplu) hija s-somma tal-massa tal-partikolati miġbura fuq il-filtri primarji u ta' l-appoġġ. Jekk tkun applikata korrezzjoni ta'l-isfond, il-marra ta' l-arja mrattba ($M_{DIL}$) minn matul il-filtri u l-massa tal-partikolati ($M_d$) għandhom ikunu reġistrati. Jekk ikun sar aktar minn kejl wieħed, il-kwotjent $M_d/M_{DIL}$ għandu jkun ikkalkolat għal kull kejl singolu u l-valuri miġbura f'medja."

;

(d) Sezzjoni 1.3.1. hija mibdula b'dan li ġej:

"1.3.1. Determinazzjoni tan-nixxija tal-gass ta' l-*exhaust*

Ir-rata tan-nixxija tal-gass ta' l-exhaust ($G_{EXHW}$) għanha tkun determinata għal kull modula skond l-Anness III, l-Appendiċi 1, Sezzjonijiet 1.2.1., sa 1.2.3.

Meta tintuża s-sistema tat-trattib tan-nixija sħiħa, in-nixxija totali ta' l-*exhaust* imrattab ($G_{TOTW}$) għandha tkun ikkalkolata għal kull modula skond l-Anness III, l-Appendiċi I, is-Sezzjoni 1.2.4.";

(e) sezzjonijiet 1.3.2 sa 1.4.6 huma mibdula b'dan li ġej:

"1.3.2. Korrezzjoni xotta/niedja ($G_{EXHW}$) għandha tkun determinata għal kull modula skond l-Anness III, Appendiċi 1, sezzjonijiet 1.2.1., sa 1.2.3.

Meta tkun applikata l-konċentrazzjoni mkejla $G_{EXHW}$ din għandha tkun konvertita għal bażi nieda skond il-formula li ġejja, jekk ma tkunx diġa ġiet imkejla fuq il-bażi niedja:

konċ (conc) (niedja) = $k_w$ × konċ (conc) (xotta)

Għal gass ta' l-*exhaust* li ma jkux ittrattat:

$$K_{W,r,1} = \left(\frac{1}{1 + 1{,}88 \times 0{,}005 \times \left(\%CO[dry] + \%CO_2[dry]\right) + K_{w2}}\right)$$

Għal gass imrattab:

$$K_{W,e,1} = \left(1 - \frac{1,88 \times CO_2\%(wet)}{200}\right) - K_{W1}$$

jew

$$K_{W,e,1} = \left(\frac{1 - K_{W1}}{1 + \frac{1,88 \times CO_2\%(dry)}{200}}\right)$$

Għall-arja mrattba:

$$k_{W,d} = 1 - k_{W1}$$

$$k_{W1} = \frac{1,608 \times [H_d \times (1 - 1/DF) + H_a \times (1/DF)]}{1000 + 1,608 \times [H_d \times (1 - 1/DF) + H_a \times (1/DF)]}$$

$$H_d = \frac{6,22 \times R_d \times p_d}{p_B - p_d \times R_d \times 10^{-2}}$$

Għall-arja tad-dħul (jekk differenti mill-arja tat-trattib):

$$k_{W,a} = 1 - k_{W2}$$

$$k_{W2} = \frac{1,608 \times H_a}{1000 + (1,608 \times H_a)}$$

$$H_a = \frac{6,22 \times R_a \times p_a}{p_B - p_a \times R_a \times 10^{-2}}$$

meta:

$H_a$ – l-umidità assoluta ta' l-arja tad-dħul (g ilma kull kg ta' arja xotta)

$H_d$ – l-umidità assoluta ta' l-arja tat-trattib (g ilma kull kg ta' arja xotta)

$R_d$ – umidità relattiva ta' l-arja tat-trattib (%)

$R_a$ – umidità relattiva ta' l-arja tad-dħul (%)

$p_d$ – pressjoni tal-fwar saturat ta' l-arja tat-trattib (kPa)

$p_a$ – pressjoni tal-fwar saturat ta' l-arja tad-dħul (kPa)

$p_B$ – pressjoni barometrika totali (kPa).

*NOTA:* $H_a$ u $H_d$ jistgħu Jkunu akkwistati bil-kejl ta' l-umidità relattiva, kif deskritt hawn fuq, jew mill-kejl tan-nida, l-kejl tal-pressjoni tal-fwar jew il-kejl tal-bozza xotta/nieda li juża l-formuli ġeneralment aċċettati.

1.3.3. Korrezzjoni ta' l-umidità għal $NO_x$

Minħabba li l-emissjoni $No_x$ tiddependi fuq il-kondizzjonijiet ambjentali ta' l-arja, l-konċentrazzjoni $No_x$ għandha tkun ikkorreġuta għat-temperatura ambjentali ta' l-arja u l-umidità bil-fatturi $K_H$ kif mogħtija b'din il-formula li ġejja:

$$k_H = \frac{1}{1 - 0,0182 \times (H_a - 10,71) + 0,0045 \times (T_a - 298)}$$

meta:

$T_a$ – temperaturi ta' l-arja fi (K)

$H_a$ – l-umidità ta' l-arja tad-dħul (g ilma kull kg ta' arja xotta)

$$H_a = \frac{6,220 \times R_a \times p_a}{p_B - p_a \times R_a \times 10^{-2}}$$

meta:

$R_a$ – umidità relattiva ta' l-arja tad-dħul (%)

$p_a$ – pressjoni tal-fwar saturat ta' l-arja tad-dħul (kPa)

$p_B$ – pressjoni barometrika totali (kPa).

*NOTA:* $H_a$ tista tkun akkwistata bil-kejl ta' l-umidità relattiva, kif deskritt hawn fuq, jew mill-kejl tan-nida, l-kejl tal-pressjoni tal-fwar jew il-kejl tal-bozza xotta/nieda li juża l-formuli ġeneralment aċċettati.

1.3.4. Kalkolu tar-rati tan-nixxija tal-massa ta' l-emissjoni

Ir-rati tal-massa ta' l-emissjoni għal kull modula għandhom ikunu kalkolati kif ġej:

(a) għal gass ta' l-*exhaust* li ma jkux ittrattat ([1]):

$$Gas_{mass} = u \times conc \times G_{EXHW}$$

(b) Għal gass ta'l-*exhaust* li jkun imrattab ([2]):

$$Gas_{mass} = u \times conc_c \times G_{TOTW}$$

meta:

$conc_c$ hija l-konċentrazzjoni korretta ta' l-isfond

$conc_c$ – hija l-isfond tal-konċentrazzjoni korretta

$$conc_c = conc - conc_d \times \left(1 - \left(1/DF\right)\right)$$

$$DF = 13{,}4/\left(conc_{CO_2} + \left(conc_{CO} + conc_{HC}\right) \times 10^{-4}\right)$$

jew:

$$DF = 13{,}4/concCO_2$$

Il-koeffiċjent u – niedi għandu jkun użat skond it-Tabella 4:

*Tabella 4: Valuri tal-koeffiċjenti u – niedi għad-diversi komponenti ta' l-exhaust*

| Gass | u | conc |
|---|---|---|
| $NO_x$ | 0,001587 | ppm |
| CO | 0,000966 | ppm |
| HC | 0,000479 | ppm |
| $CO_2$ | 15,19 | perċentwali |

Id-densità ta' HC hija ibbażata buq il-medja tar-relattività tal-karbonu ma l-idroġenu ta' 1:1,85.

1.3.5. Kalkolu ta' l-emissjonijiet speċifiċi

L-emissjoni speċifika (g/kWh) għandha tkun ikkalkolata għall-komponenti individwali kollha b'dan il-mod li ġej:

$$\text{Gass individwali} = \frac{\sum_{i=1}^{n} Gas_{mass_i} \times WF_i}{\sum_{i=1}^{n} P_i \times WF_i}$$

meta $P_i = P_{m,i} + P_{AE,i}$

Il-fatturi peżati u n-numru ta' moduli (n) użati fil-kalkolazzjoni ta' hawn fuq huma skond l-Anness III, is-Sezzjoni 3.7.1.

1.4. Kalkolu ta' l-emissjonijiet tal-partikolati

L-emissjoni tal-partikolati għandha tkun rrapportata b'dan il-mod li ġej:

1.4.1. Fattur tal-korrezzjoni ta' l-umidità għall-partikolati

Minhabba li l-emissjoni $No_x$ tiddependi fuq il-kondizzjonijiet ambjentali ta' l-arja, l-konċentrazzjoni $No_x$ għandha tkun ikkorreġuta għat-temperatura ambjentali ta' l-arja u l-umdità bil-fattur $K_p$ kif mogħtija b'din il-formula li ġejja:

$$k_p = 1/\left(1 + 0{,}0133 \times \left(H_a - 10{,}71\right)\right)$$

meta:

$H_a$ – l-umidità ta' l-arja tad-dħul, gramma ta' ilma kull kg ta' arja xotta

$$H_a = \frac{6{,}220 \times R_a \times p_a}{p_B - p_a \times R_a \times 10^{-2}}$$

meta:

$R_a$ – umidità relattiva ta' l-arja tad-dħul (%)

$p_a$ – pressjoni tal-fwar saturat ta' l-arja tad-dħul (kPa)

$p_B$ – pressjoni barometrika totali (kPa)

*NOTA:* $H_a$ tista tkun akkwistata bil-kejl ta' l-umidità relattiva, kif deskritt hawn fuq, jew mill-kejl tan-nida, l-kejl tal-pressjoni tal-fwar jew il-kejl tal-bozza xotta/nieda li juża l-formuli ġeneralment aċċettati.

1.4.2. Sistema tat-trattib ta' nixxija parzjali

Ir-riżultati finali irrapportati tat-test ta' l-emissjoni tal-partikolati għandhom ikunu akkwistati permess ta' dawn il-passi li ġejjin. Minhabba li diversi tipi ta' kontrolli tar-rata tat-trattib jistgħu jkunu wżati, metodi differenti tal-kalkolazzjoni għal massa ekwivalenti tal-gass ta' l-*exhaust* imrattab mar-rata tan-nixxija $G_{EDF}$ huma applikabbli. Il-kalkoli kollha għandhom ikunu bażati fuq il-valuri medji tal-moduli individwali (i) matul il-perjodu tal-kampjunar.

1.4.2.1. Sistemi iżokinetiċi

$$G_{EDFW,i} = G_{EXHW,i} \times q_i$$

$$q_i = \frac{G_{DILW,i} + \left(G_{EXHW,i} \times r\right)}{\left(G_{EXHW,i} \times r\right)}$$

meta r jikkorrespondi għar-relattività taż-żona trans-sezzjonali tas-sonda iżokinetika $A_p$ u t-tubu ta' l-*exhaust* $A_T$:

$$r = \frac{A_p}{A_T}$$

1.4.2.2. Sistemi bil-kjel tal-koncentrazzjoni $CO_2$ jew $NO_x$

$$G_{EDFW,i} = G_{EXHW,i} \times q_i$$

$$q_i = \frac{Conc_{E,i} - Conc_{A,i}}{Conc_{D,i} - Conc_{A,i}}$$

meta:

$Conc_E$ = konċentrazzjoni niedja tal-gass tal-intraċċar f'*exhaust* mhux ittrattat

$Conc_D$ = konċentrazzjoni niedja tal-gass tal-intraċċar f'*exhaust* imrattab

$Conc_A$ = konċentrazzjoni niedja tal-gass tal-intraċċar fl-arja tat-trattib.

Il-konċentrazzjonijiet li huma mkejla fuq bażi xotta għandhom ikunu konvertiti għal bażi niedja skond Sezzjoni 1.3.2.

1.4.2.3. Metodu tas-sistemi bil-kjel $CO_2$ u bil-bilanċ tal-karbondu

$$G_{EDFW,i} = \frac{206{,}6 \times G_{FUEL,i}}{CO_{2D,i} - CO_{2A,i}}$$

meta:

$CO_2D$ = $CO_2$ konċentrazzjoni ta' l-*exhaust* imrattab

$CO_2A$ = $CO_2$ konċentrazzjoni ta' l-arja mrattba

(konċentrazzjonijiet fil-volum % fuq bażi niedja)

Din l-ekwazzjoni hija bażata fuq is-supposizzjoni tal-bilanċ tal-karbonju (atomici tal-karbonju fornuti lejn il-magna huma emissi bħala $CO_2$) u derivati matul il-passi li ġejjin:

$G_{EDFW,i} = G_{EXHW,i} \times q_i$

u:

$$q_i = \frac{206{,}6 \times G_{FUEL,i}}{G_{EXHW,i} \times \left(CO_{2D,i} - CO_{2A,i}\right)}$$

1.4.2.4. Sistemi bil-kejl tan-nixxija

$G_{EDFW,i} = G_{EXHW,i} \times q_i$

$$q_i = \frac{G_{TOTW,i}}{\left(G_{TOTW,i} - G_{DILW,i}\right)}$$

1.4.3. Sistema tat-trattib ta' nixxija sħiħa

Ir-riżultati finali rapportati tat-test ta' l-emissjoni tal-partikolati għandhom ikunu akkwistati permess ta' dawn il-passi li ġejjin.

Il-kalkoli kollha għandhom ikunu bażati fuq il-valuri medji tal-moduli individwali (i) matul il-perjodu tal-kampjunar.

$G_{EDFW,\ i} = G_{TOTW,\ i}$

1.4.4. Kalkolu tar-rati tan-nixxija tal-massa tal-partikolati

Ir-rata tan-nixxija tal-massa tal-partikolati għandha tkun ikkalkolata kif ġej:

Għal metodu ta' filtru singolu:

$$PT_{mass} = \frac{M_f}{M_{SAM}} \times \frac{\left(G_{EDFW}\right)_{aver}}{1000}$$

meta:

$(G_{EDFW})_{aver}$ (medja) matul iċ-ċiklu tat-test għandha tkun determinata bis-somma tal-valuri medji tal-moduli individwali matul il-perjodu tal-kampjunar:

$$\left(G_{EDFW}\right)_{aver} = \sum_{i=1}^{n} G_{EDFW,i} \times WF_i$$

$$M_{SAM} = \sum_{i=1}^{n} M_{SAM,i}$$

meta i = 1,… n

Għal metodu ta' filtru multiplu:

$$PT_{mass} = \frac{M_{f,i}}{M_{SAM,i}} \times \frac{\left(G_{EDFW,i}\right)_{aver}}{1000}$$

meta i = 1,… n

Ir-rata tan-nixxija tal-massa tal-partikolati tista tkun ikkalkolata fl-isfond kif ġej:

Ghal metodu ta' filtru singolu:

Gass ta' l-*exhaust* mhux ittrattat huwa trasferit mit-tubu ta' l-*exhaust* lejn EP lejn il-mina tat-trattib DT matul is-sonda tal-kampjunar SP u t-tubu tat-trasferiment TT maħluqa mid-diviżur tan-nixxija li jkun fih sett ta' orifiċi jew tal-venturi. L-ewwel wieħed (FD1) huwa lokalizzat fi EP, bit-tieni wieħed (FD2) f'TT. B'żieda ma dan, iż-żewġ valvoli tal-pressjoni (PCV1 u PCV2) huma meħtieġa għaż-żamma ta' qasma kostanti ta' l-*exhaust* bil-kontrollar tal-pressjoni b'lura fil-EP u l-pressjoni fi DT. PCV1 huwa lokalizzat *downstream* ta' SP fi EP, PCV2 bejn in-minfaħ tal-pressjoni PB u DT. Il-konċentrazzjonijiet tal-gass tal-intraċċar ($CO_2$ jew $No_x$) huma mkejla fil-gassl tal-gass ta' l-*exhaust* EGA. Dawn huma meħtieġa għall-verifika tal-qasma ta' l-*exhaust*, u jistgħu jkunu wżati għall-aġġustament ta' PCV1 u PCV2 għal kontroll ta' qasma preċiża. Ir-relattività tat-trattib hija kalkolata mill-konċentrazzjonijiet tal-gass ta' l-intraċċar.

*Figura 10*

**Sistema ta' nixxija parzjali tat-trattib bi qsim ta' tubu multiplu, kejl tal-konċentrazzjoni u kampjunar frazzjonali**




Il-gass ta' l-*exhaust* mhux ittrattat huwa trasferit mit-tubu ta' l-*exhaust* EP tal-mina tat-trattib DT matul it-tubu tat-trasferiment TT bid-diviżur tan-nixxija FD3 li jikkonsisti minn numru ta' tubi ta' l-istess qisien (l-istess diametru, tul u raġġi tal-bażi) immuntati f'EP. Il-gass ta' l-*exhaust* minn wieħed minn dawn it-tubi huwa direġut lejn DT, u l-gass ta' l-*exhaust* minn matul il-kumplament tat-tubi huma mgħoddija mill-kabina tad-digar DC. B'hekk, il-qasma ta' l-*exhaust* hija determinata min-numru totali ta' tubi. Il-kontroll kontinwu tal-qasma jeħtieġ pressjoni diffirenzali ta' żero bejn DC u l-ħruġ ta' TT, li hija mkejla bit-transduttur tal-pressjoni differenzali DPT. Pressjoni differenzali ta' żero hija akkwista bl-injezzjoni ta' arja friska fil-DT u fil-ħruġ ta' TT. Il-konċentrazzjonijiet tal-gass ta' l-intraċċar ($CO_2$ jew $No_x$) huma mkejla fil-gass ta' l-*exhaust* kemm mhux ittrattat u wkoll imrattab bhalma jigri fl-arja tat-trattib bl-analizzaturi tal-gass ta' l-*exhaust* EGA. Dawn huma meħtieġa għall-verifika li l-qasma ta' l-*exhaust* tista' tkun użata għall-kontroll ta' l-injezzjoni tar-rata tan-nixxija ta' l-arja għall-kontroll tal-qasma preċiża. Ir-relattività tat-trattib hija kalkolata mill-konċentrazzjonijiet tal-gass ta' l-intraċċar.

*Figura 11*

**Sistema tan-nixxija parzjali bil-kontroll tan-nixxija u l-kampjunar totali**




Gass ta' l-*exhaust* mhux ittrattat huwa trasferit mit-tubu ta' l-*exhaust* lejn EP lejn il-mina tat-trattib DT matul is-sonda iżokinetika tal-kampjunar SP u t-tubu tat-trasferiment TT. In-nixxija totali matul il-mina hija aġġustata bil-kontrollur tan-nixxija FC3 u l-pompa tal-kampjunar P tas-sistema tal-kampjunar tal-partikolati (Figura 16).

In-nixxija ta' l-arja mrattba hija kontrollata mill-kontrollur tan-nixxija FC2, li jista' juża $G_{EXH}$, $G_{AIR}$ jew $G_{FUEL}$ (karburant), bħala sinjali tal-kmand, għall-qasma mixtieqa fl-*exhaust*. Il-kampjun jgħaddi fid-DT tad-differenza fin-nixxija totali u fin-nixxija ta' l-arja mrattba. Ir-rata tan-nixxija ta' l-arja mrattba hija mkejla bl-apparat tal-kejl tan-nixxija FMI, ir-rata tan-nixxija totali bl-apparat tal-kejl tan-nixxija FM3 tas-sistema tal-kampjunar tal-partikolati (Figura 14). Ir-relattività tat-trattib hija kalkolata minn dawn iż-żewġ rati ta' nixxija.

*Figura 12*

**Sistema tan-nixxija parzjali tat-trattib bil-kontroll tan-nixxija u l-kampjunar frazzjonali**




Gass ta' l-*exhaust* mhux ittrattat huwa trasferit mit-tubu ta' l-*exhaust* lejn EP lejn il-mina tat-trattib DT matul is-sonda iżokinetika tal-kampjunar SP u t-tubu tat-trasferiment TT. Il-qasma ta' l-*exhaust* u n-nixxija fil-DT hija kontrollata bil-kontrollur tan-nixxija FC2 li jaġġusta n-nixxijiet (jew veloċitajiet) tal-minfaħ tal-pressjoni PB u tal-minfaħ tal-ġbid SB, kif applikabbli. Dan huwa possibbli ladarba l-kampjun li jkun miġbur bis-sistema tal-kampjunar tal-partikolati jkun imreġġa lura lejn DT. GEXH, GAIR jew GFUEL (karburant) jistgħu jkunu wżati bħala sinjali tal-kmand għal FC2. Ir-rata tan-nixxija ta' l-arja mrattba hija mkejla bl-apparat tal-kejl tan-nixxija FMI, ir-rata tan-nixxija totali bl-apparat tal-kejl tan-nixxija FM2. Ir-relattività tat-trattib hija kalkolata minn dawn iż-żewġ rati ta' nixxija.

**Deskrizzjonijiet — Figuri 4 sa 12**

— EP tubu ta' l-*exhaust*

It-tubu ta' l-*exhaust* jista' jkun insulat. Sabiex titnaqqas l-inerzja termali, t-tubu ta' l-*exhaust* b'relattività tad-diametru tal-ħxuna ta' 0,015 jew anqas, hija rakkommandata. L-użu ta' sezzjonijiet flessibbli huwa limitat għat-tul tar-relattività tad-diametru ta' 12 jew anqas. Il-liwjiet għandhom ikunu minimizzati sabiex titnaqqas id-deposizzjoni inerzjali. Jekk is-sistema tinkludi *silencer* tal-bank tat-test, is-*silencer* ukoll jista jkun insulat.

Għal sistema iżokinetika, t-tubu ta' l-*exhaust* m'għandux ikollu liwjiet, minkba jew xi tibdiliet f'daqqa fid-diametru, għal mill-anqas sitt diametri tat-rubu *upstream* u tlett diametri tat-tubu *downstream* mill-ponta tas-sonda. Il-veloċità tal-gass fiż-żona tal-kampjunar għandha tkun ogħla minn 10 m/s apparti fil-modula ta' stennija. Ossillazzjonijiet fil-pressjoni tal-gass ta' l-*exhaust* m'għandhomx, bħala medja, jeċċedu ± 500 Pa. Kwalunkwe passi fit-tnaqqis ta' l-ossillazzjoni fil-pressjoni 'l hinn mill-użu ta' sistema ta' l-*exhaust* tip-*chassis* (inkluż is-*silencer* u apparat tal-post trattament) m'għandhomx joħolqu tibdil fl-imġieba tal-magna u l-anqas ma joħolqu disponiment tal-partiċelli.

Għal sistemi mingħajr sondi iżokinetiċi, huwa rakkomandat li jkun hemm tubu dritt ta' sitt diametri tat-tubu *upstream* u tlett diametri tat-tubu *downstream* mill-ponta tas-sonda.

— SP sonda tal-kampjunar (Figuri 6 sa 12)

Id-diametru minimu intern għandu jkun 4 mm, Ir-relattività tad-diametru minimu bejn it-tubu ta' l-*exhaust* u s-sonda għandha tkun erba'. Is-sonda għandha tkun ġewwa tubu thares lejn *upstream* tal-linja ċentrali tat-tubu ta' l-*exhaust*, jew sonda b'toqob multipli kif deskritt taħt SPI fis-sezzjoni 1.1.1.

— ISP sonda iżokinetika tal-kampjunar (Figuri 4 u 5)

Is-sonda iżokinetika tal-kampjunar għandha tkun installata thares *upstream* tal-linja ċentrali tat-tubu ta' l-*exhaust* fejn il-kondizzjonijiet tan-nixxija fis-seżżjoni EP jkunu milħuqa, u disinjata b'mod li tipprovdi kampjun proporzjonali tal-gass ta' l-*exhaust* mhux ittrattat. Id-diametru minimu intern għandu jkun 12 mm.

Sistema ta' kontroll hija meħtieġa għall-qsim kinetiku ta' l-*exhaust* biż-żamma tal-pressjoni differenzali ta' żero bejn EP u ISP. Permezz ta' dawn il-kondizzjonijiet, veloċitajiet tal-gass ta' l-*exhaust* fi EP u ISP huma identiċi, u n-nixxija tal-massa matul l-ISP hija frazzjoni kostanti tan-nixxija tal-gass ta' l-*exhaust*. L-ISP għandha tkun konnessa ma transduċenti ta' pressjoni differenzali. Il-kontroll sabiex tkun provduta pressjoni differenzali ta' żero bejn EP u ISP iseħħ bil-veloċità tal-minfaħ jew bil-kontrollur tan-nixxija.

— FD1, FD2 diviżur tan-nixxija (Figura 9)

Sett ta' venturi jew orifiċi jkun installat fit-tubu ta' l-*exhaust* EP u fit-tubu tat-trasferiment TT, rispettivament, sabiex jipprovdi kampjun proporzjonali tal-gass ta' l-*exhaust* mhux ittrattat. Sistema ta' kontroll li tikkonsisti minn żewp valvoli tal-kontroll tal-pressjoni PCV1 u PCV2 hija meħtieġa għal qsim proporzjonali bil-kontroll tal-pressjoni fi EP u DT.

— FD3, diviżur tan-nixxija (il-Figura 10)

Sett ta' tubi (unità ta' tubi multipli) hija installat fit-tubu ta' l-*exhaust* EP sabiex tipprovdi kampjun proporzjonali tal-gass ta' l-*exhaust* mhux ittrattat. Wieħed mit-tubi jforni l-gass ta' l-*exhaust* lejn il-mina tat-trattib DT, waqt li t-tubi l-oħrajn ifornu l-gass ta; l-*exhaust* lejn il-kabina tal-iżmorzar DC. It-tubi għandhom ikollhom l-istess qisien (l-istess diametri, tul u raġġ tal-liwjiet), hekk li l-qasma ta' l-*exhaust* tkun tiddependi min-numru totali ta' tubi. Sistema ta' kontroll hija meħtieġa għall-qsim proporzjonali biż-żamma tal-pressjoni differenzali ta' żero bejn il-ħruġ ta' l-unità tat-tunu multiplu lejn DC u l-ħruġ ta' TT. Permezz ta' dawn il-kondizzjonijiet, veloċitajiet tal-gass ta' l-*exhaust* fi EP u FD3 huma proporzjonali, u n-nixxija TT hija frazzjoni kostranti tan-nixxija tal-gass ta' l-*exhaust*. Iż-żewġ punti għandhom ikunu konnessi ma transduċenti tal-prssjoni differenzali DPT. Il-kontroll għall-provediment tal-pressjoni differenzali fi żero iseħħ bil-kontrollur tan-nixxija FC1.

— EGA analizzatur tal-gass ta' l-*exhaust* (Figuri 6 sa 10)

Analiżaturi $CO_2$ jew Nox jistgħu ikunu wżati (biss bil-metodu tal-bilanċ tal-karbonju $CO_2$). L-analiżaturi għandhom ikunu kalibrati bħal l-analiżaturi tal-kejl ta' l-emissjonijiet gassusi. Analiżatur wieħed, jew diversi, jistgħu ikunu wżati għad-determinazzjoni tad-differenzi fil-konċentrazzjoni.

L-eżattezza tas-sistemi tal-kejl għandha tkun tali hekk li l-eżattezza ta' $G_{EDFW,\ i}$ tkun fil-limitu ta' ± 4 %.

— TT tubu tat-trasferiment (Figuri 4 sa 12)

It-tubu tat-trasferiment tal-kampjun tal-partikolati għandu jkun:

— qasir kemm jista jkun possibbli, imma mhux itwal minn 5 m fit-tul,

— egwali għal, jew akbar mid-diametru tas-sonda, imma b'diametru ta' mhux aktar minn 25 mm,

— ikun jeżisti fil-linja ċentrali tal-mina tat-trattib u jħares *downstream*.

Jekk it-tubu jkun 1 metru jew anqas fit-tul, dan għandu jkun insulat b'materjal b'konduttività termali massima ta' 0,05 W/(m . K) bil-ħxuna radjali ta'l-insulazzjoni li tkun tikkorrespondi mad-diametru tas-sonda. Jekk it-tubu jkun itwal minn 1 metru, dan għandu jkun insulat u msaħħan għat-temperatura massima tal-ġnub ta' 523 K (250 °C).

B'mod alternattiv, it-temperaturi tal-ġemb tat-tubu tat-trasferiment kif meħtieġa jistgħu ikunu determinati mill-kalkoli normali tat-trasferiment tas-sħana.

— DPT Transduktur differenzali tal-pressjoni (Figuri 4, 5 u 10)

It-transduktur differenzali tal-pressjoni għandu jkollu medda ta' ± 500 Pa jew anqas.

— FC1 kontrollur tan-nixxija (Figuri 4, 5 u 10)

Għas-sistemi iżokinetiċi (Figuri 4 u 5) kontrollur tan-nixxija huwa meħtieġ sabiex iżomm pressjoni differenzali ta' żero bejn EP u ISP. Dan l-aġġustament jista jseħħ permezz ta':

(a) kontrollar tal-veloċità jew nixxija tal-minfaħ ta-ġbid il-ġewwa (SB) u taż-żamma kostanti tal-veloċità tal-minfaħ tal-pressjoni (PB) matul kull modula (Figura 4); jew

(b) l-aġġustament tal-minfaħ tal-ġbir 'il ġewwa (SB) għan nixxija ta' massa kostanti ta' l-*exhaust* imrattab u l-kontroll tan-nixxija tal-minfaħ tal-pressjoni PB, u għalhekk in-nixxija tal-kampjun ta' l-*exhaust* fir-reġjun fit-tmiem tat-tubu tat-trasferiment (TT) (Figura 5).

Fil-każ ta' sistema ta' pressjoni kontrollata, l-iżball li jkun fadal fiċ-ċirku tal-kontroll m'għandux jeċċedi ± 3 Pa. L-ossillazzjonijiet tal-pressjoni fil-mina tat-trattib m'għandux jeċċedi ± 250 Pa bħala medja.

Għal-sistema ta' tubu multiplu (Figura 10) kontrollur tan-nixxija huwa meħtieġ għall-qsim proporzjonali ta' l-*exhaust* sabiex tinżamm pressjoni proporzjonali żero bejn il-ħruġ ta' l-unità multi-tubu u l-ħruġ ta' TT. L-aġġustament jista jseħħ bil-kontroll ta' l-injezzjoni tar-rata tan-nixxija ta' l-arja fi DT fil-ħruġ ta' TT.

— PCV1, PCV2 valvola tal-kontroll tal-pressjoni (Figura 9)

Zewg valvoli tal-kontroll tal-prssjoni huma meħtieġa għas-sistema ta' venturi/orifiċi doppji, għall-qsim proporzjonali tan-nixxija bil-kontroll tal-pressjoni-lura ta' EP u l-pressjoni fi DT. Il-valvoli għandhom ikunu lokalizzati *downstream* ta' SP fi EP u bejn PB u DT.

— DC kabina tal-iżmorzar (Figura 10)

Kabina tal-iżmorzar għandha tkun immuntata fil-ħruġ ta' l-unitajiet multippli tat-tubu sabiex timminimizza l-ossillazzjonijiet tal-pressjoni fit-tubu ta' l-*exhaust* EP.

— VN venturi (Figura 8)

Ventur ikun installat fil-mina tat-trattin DT sabiex joħloq pessjoni negattiva fir-reġjun tal-ħruġ tat-tubu tat-trasferiment TT. Ir-rata tan-nixxija tal-gass matul TT hija determinata bl-iskambju momentanju fiż-żona tal-venturi, u hija bażikament proporzjonali għar-rata tan-nixxija tal-minfaħ tal-pressjoni PB li jwassal għal relattività ta' trattib kostanti. Ladarba l-iskambju momentanju jkun affettwat bit-temperatura fil-ħruġ ta' TT u bid-differenza fil-pressjoni bejn EP u DT, ir-relattività attwali tat-trattib hija kemm xejn aktar baxxa f'tagħbija ħafifa milli f'tagħbija tqila.

— FC2 kontrollur tan-nixxija (Figuri 6, 7, 11 u 12; voluntarji)

Kontrollur tan-nixxija jista jkun użat għall-kontroll tan-nixxija tal-minfaħ tal-pressjoni PB u/jew tal-minfaħ tal-ġbid il-ġewwa SB. Jista' jkun konness man-nixxija ta' l-*exhaust* jew mas-sinjal tan-nixxija tal-karburant u/jew mas-snjal differenzali tal-$CO_2$ jew $No_x$.

Meta jintuża forniment ta' l-arja bil-pressjoni (Figura 1l), l-FC2 direttament jikkontrolla n-nixxija ta' l-arja.

— FM1 apparat tal-kejl tan-nixxija (Figuri 6, 7, 11 u 12)

Arloġġ tal-gass jew strumentazzjoni oħra tan-nixxija li tkejjel in-nixxija ta' l-arja mrattba. FMI hija voluntarja jekk PB jkun ikkalibrat għall-kejl tan-nixxija.

— FM2 apparat tal-kejl tan-nixxija (Figura 12)

Arloġġ tal-gass jew strumentazzjoni oħra tan-nixxija li tkejjel in-nixxija ta' l-*exhaust* imrattab. FM2 hija voluntarja jekk il-minfaħ tal-ġbid il-ġewwa SB jkun ikkalibrat għall-kejl tan-nixxija.

— PB minfaħ tal-pressjoni (Figuri 4, 5, 6, 7, 8, 9 u 12)

Għall-kontroll tar-rata tan-nixxija ta' l-arja mrattba, PB jista' jkun konness mal-kontrolluri tan-nixxija FC1 jew FC2. PB m'hux meħtieġ meta tkun użata l-valvola farfett. PB jista' jkun użat għall-kejl tan-nixxija ta' l-arja mrattba, jekk kalibrat.

— SB minfaħ tal-ġbid 'il ġewwa (Figuri 4, 5, 6, 9, 10 u 12)

Biss għal sistemi tal-kampjunar frazzjonali. SB jista' jkun użat għall-kejl tan-nixxija ta' l-*exhaust* imrattab, jekk kalibrat.

— DAF filtru ta' l-arja mrattba (Figuri 4 sa 12)

Huwa rakkomandat li l-arja mrattba tkun iffiltrata u mnaddfa bil-gagazza sabiex telimina l-isfond ta' l-idrokarburi. L-arja mrattba għandha jkollha temperatura ta' 298 K (25 °C) ± 5 K.

Skond it-talba tal-manifattur, il-kampjunar ta' l-arja mrattba għandu jkun skond il-prattika ta' inġinerija tajba għad-determinazzjoni tal-livelli tal-partikolati fl-isfond, li mbagħad jista' jkun imnaqqas mill-valuri mkejla fl-*exhaust* imrattab.

— PSP sonda tal-kampjunar tal-partikolati (Figuri 4, 5. 6. 8. 9. 10 u 12)

Is-sonda hija l-parti ta 'quddiem tas-sezzjoni PTT u

— għandha tkun installata thares *upstream* fil-punt ta' fejn l-arja mrattba u l-gass ta' l-*exhaust* ikunu mħallta sewwa, i.e. fil-mina tat-trattib DT fil-linja ċentrali tas-sistemi tat-trattib, madwar 10 diametri tal-mina *downstream* tal-punt ta' fejn l-*exhaust* jidħol fil-mina tat-trattib.

— għandha tkun b'diametru intern minimu ta' 12 mm.

— tista' tkun imsaħħna għal temperatura tal-ġemb ta' mhux aktar minn 325 K (52 °C) jew bis-sħana diretta jew bis-sħana bil-quddiem ta' l-arja tat-trattib, basta li t-temperatura ta' l-arja ma tkunx teċċedi 325 K (52 °C) qabel l-introduzzjoni ta' l-*exhaust* fil-mina tat-trattib.

— tista tkun insulata.

— DT mina tat-trattib (Figuri 4 sa 12)

Il-mina tat-trattib:

— għandha tkun ta' tul suffiċjenti li toħloq taħlita sħiħa ta' l-*exhaust* u ta' l-arja mrattba permezz tal-kondizzjonijiet turbulenti tan-nixxija,

— għandha tkun magħmulha mill-azzar inossidabbli, bi:

  — ħxuna ta' relattività tad-diametru ta' 0,025 jew anqas għall-mini tat-trattib jew akbar minn 75 mm diametru intern,

  — ħxuna nominali tal-ġemb ta' mhux anqas minn 1,5 mm għall-mini tat-trattib jew egwali għal, jew anqas minn 75 mm diametru intern,

— għandha tkun mill-anqas 75 mm diametru għall-ikkampjunar tat-tip frazzjonali,

— huwa rakomandat li tkun mill-anqas 25 mm diametru għall-ikkampjunar totali tat-tip.

— tista' tkun imsaħħna għal temperatura tal-ġemb ta' mhux aktar minn 325 K (52 °C) jew bis-sħana diretta jew bis-sħana bil-quddiem ta' l-arja tat-trattib, basta li t-temperatura ta' l-arja ma tkunx teċċedi 325 K (52 °C) qabel l-introduzzjoni ta' l-*exhaust* fil-mina tat-trattib.

— tista tkun insulata.

L-*exhaust* tal-magna għandu jkun kompletament imħallat bl-arja mrattba. Għal-sistemi tal-kampjunar frazzjonali, l-kwalità tat-taħlita għandha tkun verifikata wara l-introduzzjoni fl-użu permezz ta' profil $CO_2$ tal-mina bil-magna taħdem (mill-anqas erba' punti tal-kejl egwalment spazzjati). Jekk meħtieġ, jistgħu jintużaw orifiċi tat-taħlit.

*NOTA:* Jekk it-temperatura ambjentali fil-viċinanza tal-mina tat-taħlit (DT) hija anqas minn 293 K (20 °C), għandhom jittieħdu prekawazjonijiet sabiex ikun evitat it-telf tal-partiċelli mal-ġnub kiesħa tal-mina tat-tidwib. Għalhekk, it-tisħin u/jew l-insular tal-mina fil-limiti mogħtija hawn fuq huwa rakommandabbli.

F'tagħbijiet kbar tal-magna, l-mina tista tkun imberrda b'mezz mhux aggressiv bħalma huwa fan ċirkulanti, sakemm it-temperatura tal-medja tat-tberrid ma tkunx anqas minn 293 K (20 °C).

— HE skambjatur tas-sħana (Figuri 9 u 10)

L-iskambjatur tas-sħana għandu jkollu kapaċità suffiċjenti li zżomm it-temperatura fid-dħul tal-minfaħ tal-ġbid 'il ġewwa SB fil-limitu ± 11 K tal-medja tat-temperatura operattiva osservata matul it-test.

1.2.1.2. Sistema tat-trattib ta' nixxija sħiħa (Figura 13)

Sistema ta' trattib hija deskritta bħala ibbażata fuq it-trattib ta' l-*exhaust* totali bl-użu tal-kunċett ta' volum kostanti tal-kampjunar (CVS). Il-volum totali tat-taħlita ta' l-*exhaust* u ta' l-arja mrattba għandu jkun imkejjel. Sistema PDP jew CFV jew SSV tista 'tkun użata.

Għal-ġbir sussegwenti tal-partiċelli, kampjun tal-gass imrattab ikun mgħoddi mis-sistema tal-kampjunar tal-partikolati (sezzjoni 1.2.2, Figuri 14 u 15). Jekk dan isir direttament, huwa referut bħala trattib singolu. Jekk il-kampjun ikunu imrattab għal darba oħra fil-mina sekondarja tat-trattib, dan huwa referut bħala trattib doppju. Dan huwa utili, jekk il-ħtieġa tat-temperatura fil-wiċċ tal-filtru ma tkunx tista' tintlaħaq bi trattib singolu. Għalkemm din hija parzjalment sistema tat-trattib, is-sistema tat-trattib duppju hija deskritta bħala modifika tas-sistema tal-kampjunar tal-partikolati fis-sezzjoni 1.2.2, (Figura 15), ladarba din għandha ħafna mill-partijiet mas-sistema tipika tal-kampjunar tal-partikolati.

L-emissjonijiet gassusi jistgħu wkoll ikunu determinati fil-mina tat-trattib ta' sistema ta' nixxija sħiħa tat-trattib. Għalhekk, is-sondi tal-kampjunar għall-komponenti gassusi huma murija fil-Figura 13 imma ma jidhrux fil-lista deskrittiva. Il-ħtiġiet rispettivi huma deskritti fis-sezzjoni 1.1.1.

**Deskrizzjonijiet (Figura 13)**

— EP tubu ta' l-*exhaust*

It-tul tat-tubu ta' l-*exhaust* mill-ħruġ tal-*manifold* ta' l-*exhaust* tal-magna, il-ħruġ tat-*turbocharget* jew wara l-apparat tat-trattament lejn il-mina tat-trattib huwa meħtieġ li ma jkunx ta' aktar minn 10 m. Jekk is-sistema teċċedi 4 m fit-tul, allura t-tubi kollha b'eċċess ta' 4 metri għandhom ikunu insulati, apparti milli għall-*in-line smoke-meter*, jekk ikun użat. Il-ħxuna radjati tal-insulazzjoni ta' l-insulazzjoni għandha tkun mill-anqas 25 mm. Il-konduttività termali tal-materjal ta' l-insulazzjoni għandha jkollha valur ta' mhux aktar minn 0,1 W/(m . K) imkejjel fi 673 K (400 °C). Sabiex titnaqqas l-inerzja termali, t-tubu ta' l-*exhaust* b'relattività tad-diametru tal-ħxuna ta' 0,015 jew anqas, hija rakkommandata. L-użu ta' sezzjonijiet flessibbli huwa limitat għat-tul tar-relattività tad-diametru ta' 12 jew anqas.

*Figure 13*

**Sistema tat-trattib ta' nixxija sħiħa**




L-ammont tal-gass ta' l-*exhaust* mhux ittrattat huwa mħallat fil-mina tat-taħlit DT ma l-arja tat-taħlit. Ir-rata tan-nixxija tal-gass ta' l-*exhaust* imrattab hija mkejla jew fil-pompa ta' l-ispjazzament pożittiv PDP inkella bil-venturi tan-nixxija kritika CFV jew bil-venturi sub-sonċi SSV. Skambjatur tas-sħana HE jew kumpens elettroniku tan-nixxija EFC jistgħu ikunu wżati għall-kampjunar proporzjonali tal-partikolati u għad-determinazzjoni tan-nixxija. Ladarba d-determinazzjoni tal-massa tal-partikolati hija bażata fuq it-total tan-nixxija tal-gass ta' l-*exhaust* imrattab, ir-relattivita tat-trattib ma tkunx meħtieġa li tiġi kalkolata.

— *Positive displacement pump* (Pompa ta' spjazzament pożittiv)

Il-PDP ikejjel in-nixxija totali ta' l-*exhaust* imrattab min-numru ta' dawrien tal-pompa u mill-ispjazzament tal-pompa. Il-pressjoni negattiva tas-sistema ta' l-*exhaust* m'għandhiex tkun artifiċjalment imnaqqsa bil-PDP jew bis-sistema tad-dħul ta' l-arja mrattba. L-operat tal-pressjoni negattiva statika ta' l-*exhaust* imkejla bis-sistema CVS għandu jibqa' validu fil-limitu ta' ± 1,5 kPa tal-pressjoni statika mkejla mingħajr konnessjoni mal-CVS fil-veloċità u tagħbija identika tal-magna.

It-temperatura tat-taħlita tal-gass immedjetament qabel il-PDP għandha tkun fil-limitu ta' ± 6 K tal-medja tat-temperatura operanti osservata matul it-test, meta l-ebda kumpens tan-nixxija ma tkun użata.

Il-kumpens tan-nixxija jista' jkun użat biss jekk it-temperatura fid-dħul tal-PDP ma tkunx teċċedi 50 °C (323 K).

— CFV venturi ta' nixxija kritika

Il-CFV ikejjel in-nixxija totali ta' l-*exhaust* imrattab biż-żamma tan-nixxija fil-kondizzjonijiet fgati (nixxija kritika). L-operat tas-pressjoni negattiva statika ta' l-*exhaust* imkejla bis-sistema CFV għandu jibqa validu fil-limitu ta' ± 1,5 kPa tal-pressjoni statika mkejla mingħajr konnessjoni mal-CFV fil-veloċità u tagħbija identika tal-magna. It-temperatura tat-taħlita tal-gass immedjetament qabel il-CFV għandha tkun fil-limitu ta' ± 11 K tal-medja tat-temperatura operanti osservata matul it-test, meta l-beda kumpens tan-nixxija ma tkun użata.

— SSV venturi subsoniċi

L-SSV tkejjel in-nixxija totali ta' l-*exhaust* mhux imrattab bħala funzoni tal-pressjoni tad-dħul, it-temperatura tal-dħul, il-waqa' fil-pressjoni bejn id-dħul SSV u l-gerżuma. L-operat tas-pressjoni negattiva statika ta' l-*exhaust* imkejla bis-sistema SSV għandu jibqa' validu fil-limitu ta' ± 1,5 kPa tal-pressjoni statika mkejla mingħajr konnessjoni mal-SSV fil-veloċità u tagħbija identika tal-magna. It-temperatura tat-taħlita tal-gass immedjetament qabel il-SSV għandha tkun fil-limitu ta' ± 11 K tal-medja tat-temperatura operanti osservata matul it-test, meta l-ebda kumpens tan-nixxija ma tkun użata.

— HE skambjatur tas-sħana (voluntarju jekk ikun użat EFC)

L-iskambjatur tas-sħana għandu jkun ta' kapaċita suffiċjenti sabiex iżomm it-temperatura fil-limiti kif meħtieġa hawn fuq.

— EFC kumpens tan-nixxija elettronika (voluntarju jekk ikun użat HE)

Jekk it-temperatura fid-dħul ta' jew il-PDP, inkella CFV, inkella SSV ma tkunx miżmuma fil-limiti mistqarra hawn fuq, sistema ta' kumpens tan-nixxija hija meħtieġa għall-kejl kontinwu tar-rata tan-nixxija u tal-kontroll tal-kampjunar proporzjonali fis-sistema tal-partikolati. Għal dak l-iskop, is-sinjali tar-rata tan-nixxija kontinwament imkejla huma wżati sabiex jikkorreġu r-rata tan-nixxija tal-kampjun matul il-filtri tal-partikolati tas-sistema tal-kampjunar tal-partikolati (Figuri 14 u 15), kif meħtieġ.

— DT mina tat-trattib

Il-mina tat-trattib:

— għandha tkun żgħira biżżejjed fid-diametru li toħloq nixxja turbulenti (numru *Reynolds* akbar minn 4 000) ta' tul suffiċjenti li toħloq taħlita kompluta ta' l-*exhaust* u l-arja mrattba.. Orifici tat-taħlit tista 'tkun użata.

— għandha tkun b'diametru intern minimu ta' 75 mm,

— tista 'tkun insulata.

L-*exhaust* tal-magna għandu jkun dirett *downstream* fil-punt meta jkun introdott fil-mina tat-traattib, u mħallat sewwa.

Meta jsir użu minn trattib singolu, kampjun mill-mina tat-trattib ikun trasferit lejn is-sistema tal-kampjunar tal-partikolati (sezzjoni 1.2.2, il-Figura 14). Il-kapaċità tan-nixxija tal-PDP, jew CFV, jew SSV għandha tkun suffiċjenti sabiex iżżomm l-*exhaust* imrattab f'temperatura ta' anqas minn, jew ugwali għal, 325 K (52 °C) immedjetament qabel il-filtru primarju tal-partikolati.

Meta jsir l-użu tat-trattib doppju, kampjun mill-mina tat-trattib ikun trasferit lejn mina tat-trattib sekondarju fejn ikun aktar imrattab, u mbagħad imgħoddi mill-filtri tal-kampjunar (sezzjoni 1.2.2., Figura 15). Il-kapaċità tan-nixxija tal-PDP, jew CFV, jew SSV għandha tkun suffiċjenti sabiex iżżomm l-*exhaust* imrattab fil-DT f'temperatura ta' anqas minn, jew ugwali għal, 464 K (191 °C) fiż-żona tal-kampjunar. Is-sistema sekondarja tat-trattib għandha tkun suffiċjenti sabiex tipprovdi ż-żamma ta' l-*exhaust* imrattab doppju tan-nixxija ta' l-*exhaust* f'temperatura ta' anqas minn, jew ugwali għal, 325 K (52 °C) immedjatament qabel il-filtru primarju tal-partikolati.

— DAF filtru ta' l-arja mrattba

Huwa rakkomandat li l-arja mrattba tkun iffiltrata u mnaddfa bil-gagazza sabiex telimina l-isfond ta' l-idrokarburi. L-arja tat-trattib għandha jkollha temperatura ta' 298 K (25 °C) ± 5 K. Skond it-talba tal-manifattur, il-kampjunar ta' l-arja mrattba għandu jkun skond il-prattika ta' inġinerija tajba għad-determinazzjoni tal-livelli tal-partikolati fl-isfond, li imbagħad jista' jkun imnaqqas mill-valuri mkejla fl-*exhaust* imrattab.

— PSP sonda tal-kampjunar tal-partikolati

Is-sonda hija l-parti ta' quddiem tas-sezzjoni PTT u

— għandha tkun installata thares *upstream* fil-punt ta' fejn l-arja mrattba u l-gass ta' l-*exhaust* ikunu mħallta sewwa, i.e. fil-mina tat-trattib DT fil-linja ċentrali tas-sistemi tat-trattib, madwar 10 diametri tal-mina *downstream* tal-punt ta' fejn l-*exhaust* jidħol fil-mina tat-trattib.

— għandha tkun b'diametru intern minimu ta' 12 mm.

— tista' tkun imsaħħna għal temperatura tal-ġemeb ta' mhux aktar minn 325 K (52 °C) jew bis-sħana diretta jew bis-sħana bil-quddiem ta' l-arja tat-trattib, basta li t-temperatura ta' l-arja ma tkunx teċċedi 325 K (52 °C) qabel l-introduzzjoni ta' l-*exhaust* fil-mina tat-trattib.

— tista tkun insulata.

1.2.2. Sistemi tal-kampjunar tal-partikolati (Figuri 14 u 15)

Is-sistema tal-kampjunar tal-partikolati hija meħtieġa għall-ġbir tal-partikolati fuq il-filtru tal-partikolati. Fil-każ tat-trattib totali tan-nixxija parzjali tal-kampjunar, li tikkonsisti mill-mogħdija tal-kampjun totali ta' l-*exhaust* imrattab mill-filtri, sistemi tat-trattib (sezzjoni 1.2.1.1, Figuri 7 u 11) u tal-kampjunar, normalment jiffurmaw unità integrali. Fil-każ tal-kampjunar frazzjonali tat-trattib tan-nixxija parzjali jew tat-trattib totali tan-nixxija, li jikkonsisti mill-mogħdija matul il-filtri, porzjon biss tal-gass imrattab, it-trattib (sezzjoni 1.2.1.1, Figuri 4, 5, 6, 8, 9, 10 u 12 u sezzjoni 1.2.1.2, Figura 13) u s-sistemi tal-kampjunar normalment jiffurmaw unitajiet differenti.

F'din id-Direttiva, sistema ta' trattib doppju DDS (Figura 15) ta' sistema ta' nixxija sħiħa hija meqjusa bħala modifika speċifika tas-sistema tipika tal-kampjunar tal-partikolati kif murija fil-Figura 14. Is-sistema tat-trattib doppju tinkludi l-partijiet importanti kollha tas-sistema tal-kampjunar tal-partikolati, bħalma huma d-detenturi tal-filtri u l-pompa tal-kampjunar, u b'mod addizzjonali ċerti fatturi, bħalma huma l-forniment ta' l-arja mrattba u l-mina tat-trattib sekondarju.

Sabiex ikun evitat xi impatt fid-dawrien tal-kontroll, huwa rakkommandat li l-pompa tal-kampjun tkun oparata matul il-proċedura kollha tat-test. Għal metodu ta' filtru singolu, is-sistema tal-*bypass* għandha tkun użata għall-mogħdija tal-kampjun matul il-filtri tal-kampjunar fil-ħinijiet mixtieqa. Interferenza mal-proċedura ta' l-iswiċċjar fuq id-dawrien tal-kontroll għandha tkun minimizzata.

Deskrizzjonijiet — Figuri 14 u 15

— PSP sonda tal-kampjunar tal-partikolati (Figuri 14 u 15)

Is-sonda tal-kampjunar tal-partikolati murija fil-figuri hija s-sezzjoni ta' quddiem tat-tubu tat-trasferiment tal-partikolati PTI.

Is-sonda:

— għandha tkun installata thares *upstream* fil-punt ta' fejn l-arja mrattba u l-gass ta' l-*exhaust* ikunu mħallta sewwa, i.e. fil-mina tat-trattib DT fil-linja ċentrali tas-sistemi tat-trattib (sezzjoni 1.2.1), madwar 10 diametri tal-mina *downstream* tal-punt ta' fejn l-*exhaust* jidħol fil-mina tat-trattib.

— għandha tkun b'diametru intern minimu ta' 12 mm.

— tista' tkun imsaħħna għal temperatura tal-ġemb ta' mhux aktar minn 325 K (52 °C) jew bis-sħana diretta jew bis-sħana bil-quddiem ta' l-arja tat-trattib, basta li t-temperatura ta' l-arja ma tkunx teċċedi 325 K (52 °C) qabel l-introduzzjoni ta' l-*exhaust* fil-mina tat-trattib.

— tista tkun insulata.

*Figura 14*

**Sistema tal-kampjunar tal-partikolati**




Kampjun tal-gass ta' l-*exhaust* imrattab ikun miġbur mil-mina tat-trattib DT tas-sistema tat-trattib tan-nixxija parzjali jew tan-nixxija sħiħa mis-sonda tal-kampjunar tal-partikolati PSP u tat-tubu tat-trasferiment tal-partikolati PTT permezz tal-pompa tal-kampjunar P. Il-kampjun ikun mgħoddi mid-detentur(i) tal-filtru(i) FH li jkun fih(hom) il-filtri tal-kampjunar tal-partikolati. Ir-rata tan-nixxija tal-kampjun hija kontrollata mill-kontrollur tan-nixxija FC3. Jekk il-kumpens elettroniku tan-nixxija EFC (Figura 13) ikun użat, il-gass ta' l-*exhaust* imrattab huwa użat bħala sinjal tal-kmand għal FC3.

*Figura 15*

**Sistema tat-trattib (biss għal sistema ta' nixxija sħiħa)**




Kampjun tal-gass ta' l-*exhaust* imrattab huwa trasferit mill-mina tat-trattib DT tas-sistema tat-trattib ta' nixxija sħiħa matul is-sonda tal-kampjunar tal-partikolati PSP u tat-tubu tat-trasferiment tal-partikolati PTT lejn mina sekondarja tat-trattib SDT, fejn ikun imrattab għal darb'oħra. Il-kampjun ikun imbagħad mgħoddi mid-detentur(i) tal-filtru FH li jkun fih(hom) il-filtri tal-kampjunar tal-partikolati. Ir-rata tan-nixxija ta' l-arja tat-trattib hija normalment kostanti, filwaqt li r-rata tan-nixxija tal-kampjun hija kontrollata bil-kontrollur tan-nixxija FC3. Jekk il-kumpens elettroniku tan-nixxija EFC (Figura 13) ikun użat, il-gass ta' l-*exhaust* imrattab huwa użat bħala sinjal tal-kmand għal FC3.

— PTT tubu tat-trasferiment tal-partikolati (Figuri 14 u 15)

It-tubu tat-trasferiment tal-partikolati m'għandux ikun itwal minn 1 020 mm, u kulmeta possibbli, għandu jkun minimizzat fit-tul.

Il-qisien huma validi għal:

— it-tip tal-kampjunar frazzjonali tan-nixxija parzjali tat-trattib u tas-sistema tat-trattib singolu tan-nixxija totali mill-ponta tas-sonda lejn id-detentur tal-filtru,

— in-nixxija parzjali tat-trattib u tas-sistema tat-trattib singolu tan-nixxija totali mill-ponta tas-sonda lejn id-detentur tal-filtru,

— is-sistema tan-nixxija sħiħa tat-trattib doppju mill-ponta tas-sonda lejn il-mina tat-trattib sekondarju.

It-tubu tat-trasferiment:

— jista' tkun imsaħħna għal temperatura tal-ġemb ta' mhux aktar minn 325 K (52 °C) jew bis-sħana diretta jew bis-sħana bil-quddiem ta' l-arja tat-trattib, basta li t-temperatura ta' l-arja ma tkunx teċċedi 325 K (52 °C) qabel l-introduzzjoni ta' l-*exhaust* fil-mina tat-trattib.

— jista' jkun insulat.

— SDT mina tat-trattib sekondarja (Figura 15)

Il-mina tat-trattib sekondarja għandha jkollha diametru minimu ta' 75 mm u għandha tkun ta' tul suffiċjenti hekk li tipprovdi ħin ta' reżistenza ta' mill-anqas 0,25 sekondi għall-kampjun imrattab doppju. Id-detentur primarju tal-filtru, FH, għandu jkun lokalizzat fil-limitu ta' 300 mm mill-ħruġ tal-SDT.

Il-mina tat-trattib sekondarja:

— tista' tkun imsaħħna għal temperatura tal-ġemb ta' mhux aktar minn 325 K (52 °C) jew bis-sħana diretta jew bis-sħana bil-quddiem ta' l-arja tat-trattib, basta li t-temperatura ta' l-arja ma tkunx teċċedi 325 K (52 °C) qabel l-introduzzjoni ta' l-*exhaust* fil-mina tat-trattib.

— tista 'tkun insulata.

— FH detentur(i) tal-filtru (Figuri 14 u 15)

Għal-filtri primarji u ta' sostenn, alloġġ wieħed tal-filtri jew alloġġi separati tal-filtri jistgħu jkunu wżati. Il-ħtiġiet ta' l-Anness III, l-Appendiċi 1, sezzjoni 1.5.1.3 għandhom ikunu milħuqa.

Id-detentur(i) tal-filtru:

— jista'/jistgħu jkun/ikunu msaħħan/na għal temperatura tal-ġemb ta' mhux aktar minn 325 K (52 °C) jew bis-sħana diretta jew bis-sħana bil-quddiem ta' l-arja tat-trattib, basta li t-temperatura ta' l-arja ma tkunx teċċedi 325 K (52 °C),

— jista'/jistgħu jkun/u insulat/i.

— P pompa tal-kampjunar (Figuri 14 u 15)

Il-pompa tal-kampjunar tal-partikolati għandha tkun lokalizzata f'distanza suffiċjenti mill-mina hekk li t-temperatura tad-dħul tal-gass tinżamm kostanti (± 3 K), jekk il-korrezzjoni bi FC3 ma tkunx użata.

— DP pompa tat-trattib ta' l-arja (Figura 15) (biss għal nixxija ta' trattib doppju)

Il-pompa ta' l-arja tat-trattib għandha tkun lokalizzata hekk li l-arja tat-trattib sekondarja tkun fornuta f'temperatura ta' 298 K (25 °C) ± 5 K.

— FC3 kontrollur tan-nixxija (Figuri 14 u 15)

Kontrollur tan-nixxija għandu jkun użat għall-kumpens tar-rata tat-temperatura tan-nixxija tal-kampjun tal-partikolati u varjazzjonijiet fil-pressjoni negattiva fil-passaġġ tal-kampjun, jekk l-ebda mezzi oħrajn ma jkunu disponibbli. Il-kontrollur tan-nixxija huwa meħtieġ jekk ikun użat il-kompensatur elettroniku tal-nixxija EFC (Figura 13).

— FM3 apparat tal-kejl tan-nixxija (Figuri 14 u 15) (nixxija tal-kampjun tal-partikolati)

L-arloġġ tal-gass jew l-istrumentazzjoni tan-nixxija għandu jkun lokalizzat f'distanza suffiċjenti mill-mina hekk li t-temperatura tad-dħul tal-gass tinżamm kostanti (± 3 K), jekk il-korrezzjoni bi FC3 ma tkunx użata.

— FM4 apparat tal-kejl tan-nixxija (Figura 15) (arja mrattba, biss bin-nixxija sħiħa tat-trattib doppju)

L-arloġġ tal-gass jew l-istrumentazzjoni tan-nixxija għandu jkun lokalizzat hekk li t-temperatura tal-gass tad-dħul tibqa' 298 K (25 °C) ± 5 K.

— BV valvola tal-boċċa (voluntarja)

Il-valvola tal-boċċa għandha jkollha diamteru ta' mhux anqas mid-diametru intern tat-tubu tal-kampjunar u l-ħin tal-iswiċċjar ikun anqas minn 0,5 sekondi.

*NOTA:* Jekk it-temperatura ambjentali fil-viċinanza ta' PSP, PTT, SDT u FH hija anqas minn 239 K (20 °C), għandhom jittieħdu prekwazzjonijiet sabiex ikun evitat it-telf tal-partiċelli mal-ġnub kiesħa tal-mina tat-tidwib. Għalhekk, it-tisħin u/jew l-insular tal-mina fil-limiti mogħtija fid-deskrizzjonijiet rispettivi huwa rakkommandabbli. Huwa anki rakkommandabbli li t-temperatura tal-wiċċ tal-filtru matul il-kampjunar ma tkunx anqas minn 293 K (20 °C).

F'tagħbijiet kbar tal-magna, il-mina tista' tkun imberrda b'mezz mhux aggressiv bħalma huwa fann ċirkulanti, sakemm it-temperatura tal-medja tat-tberrid ma tkunx anqas minn 293 K (20 °C).

---

(1) Figuri 4 sa 12 juru ħafna tipi ta' sistemi tat-trattib b'nixxija parzjali li normalment jistgħu jintużaw għat-test tat-tip *steady state* (NRSC). Izda minħabba restrizzjonijiet serji ħafna ta' dawn il-provi, huma biss dawk is-sistemi (Figuri 4 sa 12) li kapaċi jissodisfaw il-ħtiġiet kollha kwotati fis-sezzjoni 'Speċifikazzjonijiet tas-sistemi għat-trattib b'nixxija parzjali' ta' Anness III, Appendiċi I, Sezzjoni 2,4, li jkunu aċċettati għat-test (NRTC)."

*ANNESS III*

*"Anness XIII*

DISPOSIZZJONIJIET GĦAL MAGNI PREŻENTATI FIS-SUQ TAĦT 'SKEMA FLESSIBBLI'

Mat-talba tal-manifattur ta' l-apparat (OEM), u bil-permess ikun mogħti mill-awtorità ta' l-approvazzjoni, manifattur ta' magna jista' matul il-perjodu bejn żewġ stadji suċċessivi tal-valuri limitanti, jippreżenta numru limitat ta' magni fis-suq li jkunu konformi biss ma' l-istadju preċedenti tal-valuri tal-limiti ta' l-emissjoni b'konformità ma dawn id-disposizzjonijiet li ġejjin:

1. AZZJONIJIET MILL-MANIFATTUR TAL-MAGNA U TA' L-OEM

1.1. OEM li jixtieq li jagħmel użu mill-iskema tal-flessibbiltà għandu jitlob permess mingħand kwalunkwe awtorità biex jixtri mingħand il-fornituri tal-magna tiegħu, fil-perjodu taż-żewġ stadji ta' l-emissjonijiet, il-kwantitajiet ta' magni deskritti fis-sezzjonijiet 1.2 u 1.3, li ma jkunux konformi mal-valuri limitanti preżenti ta' l-emissjonijiet, imma li huma approvati għall-eqreb stadju preċedenti tal-limiti ta' l-emissjoni.

1.2. In-numru ta' magni mqiegħda fis-suq permezz ta' l-iskema tal-flessibbiltà, għandu, f'kull kategorija ta' magna, ma jkunx jeċċedi 20 % tal-bejgħ annwali tal-OEM ta' l-apparat bil-magni f'dik il-kategorija ta' magna (ikkalkolat bħala l-medja tal-bejgħ ta' l-aħħar ħames snin fis-suq tal-UE). Meta l-OEM ikun biegħ l-apparat fil-UE għal perjodu ta' anqas minn ħames snin, il-medja għandha tkun ikkalkolata fuq il-bażi tal-perjodu li fih il-OEM ikun biegħ l-apparat fil-UE.

1.3. Bħala alternattiva voluntarja għas-Sezzjoni 1.2, il-OEM jista' jitlob permess għall-fornituri tal-magna tiegħu li jippreżenta fis-suq numru fiss ta' magni permezz ta' l-iskema tal-flessibbiltà. In-numru ta' magni f'kull kategorija ta' magna m'għandux jeċċedi dawn il-valuri li ġejjin:

| Kategorija tal-magna | Numru ta' magni |
|---|---|
| 19-37 kW | 200 |
| 37-75 kW | 150 |
| 75-130 kW | 100 |
| 130-560 kW | 50 |

1.4. L-OEM għandu jinkludi fl-applikazzjoni tiegħu/tagħha lejn l-awtorità ta' l-approvazzjoni, l-informazzjoni li ġejja:

(a) kampjun tat-tikketti li għandhom ikunu mwaħħla fuq kull makkinarju ambulanti mhux tat-triq li fih magna ippreżentata fis-suq permezz ta' l-iskema tal-flessibbiltà tkun immuntata. It-tikketti għandhom ikollhom dawn il-kliem li ġejjin:
'MAGNA Nru … (sekwenza ta' magni) TA' … (numru totali ta' magni fil-medda rispettiva tal-potenza) BIL-MAGNA Nru … BL-APPROVAZZJONI TAT-TIP (Dir. 97/68/EC) Nru …'; u

(b) kampjun tat-tikketta supplementarja li għandha tkun imwaħħla fuq il-magna li jkollha l-kliem referut fis-sezzjoni 2.2 ta' dan l-Anness.

1.5. L-OEM għandu jinnotifika lill-awtoritajiet ta' l-approvazzjoni ta' kull Stat Membru bl-użu ta' l-iskema tal-flessibbiltà.

1.6. L-OEM għandu jipprovdi lill-awtorità ta' l-approvazzjoni bi kwalunkwe informazzjoni konnessa ma l-implimentazzjoni ta' l-iskema tal-flessibbiltà li l-awtorità ta' l-approvazzjoni tista' titlob bħala meħtieġa għad-deċiżjoni.

1.7. L-OEM għandu jippreżenta rapport darba kull sitt xhur, lejn l-awtoritajiet ta' l-approvazzjoni ta' kull Stat Membru, dwar l-implimentazzjoni ta' l-iskemi tal-flessibbiltà li huwa/hija jkun juża. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni kumulattiva dawr in-numru ta' magni u l-NRMM imqiegħda fis-suq permezz ta' l-iskema tal-flessibbiltà, n-numri serjali tal-magna u tal-NRMM, u ta' l-Istati Membri ta' fejn l-NRMM ikun qiegħed fis-suq. Din il-proċedura għandha tkompli sakemm l-iskema tal-flessibbiltà tkun għadha fis-seħħ.

2. AZZJONIJIET MILL-MANIFATTUR TAL-MAGNA

2.1. Manifattur ta' magna jista jippreżenta fis-suq il-magni permezz ta' l-iskema flessibbli koperta b'approvazzjoni bi qbil mas-Sezzjoni 1 ta' dan l-Anness.

2.2. Il-manifattur tal-magna jista' jwaħħal tikketta fuq dawk il-magni b'dawn il-kliem:
'Magna mqiegħda fis-suq permezz ta' l-iskema tal-flessibbiltà'.

3. AZZJONIJIET MILL-AWTORITÀ TA' L-APPROVAZZJONI

3.1. L-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha twettaq evalwazzjoni tal-kontenut tat-talba dwar l-iskema tal-flessibbiltà u tad-dokumenti inklużi magħha. Bħala konsegwenza hija għandha tinforma lill-OEM bid-deċiżjoni tagħha dwar jekk tkunx tippermetti l-użu ta' l-iskema tal-flessibbilta jew le."

*ANNESS IV*

L-Annessi li ġejjin għandhom ikunu miżjuda:

*"Anness XIV*

CCHR stadju I ([1])

| $P_N$ (kW) | CO (g/kWh) | HC (g/kWh) | NOx (g/k/Wh) | PT (g/kWh) |
|---|---|---|---|---|
| $37 \leq P_N < 75$ | 6,5 | 1,3 | 9,2 | 0,85 |
| $75 \leq P_N < 130$ | 5,0 | 1,3 | 9,2 | 0,70 |
| PN ≥ 130 | 5,0 | 1,3 | n ≥ 2 800 min-1 = 9,2<br>500 ≤ n < 2 800 min-1 = $45 \times n^{(-0,2)}$ | 0,54 |

*ANNESS XV*

CCHR stadju II ([2])

| $P_N$ (kW) | CO (g/kWh) | HC (g/kWh) | NOx (g/k/Wh) | PT (g/kWh) |
|---|---|---|---|---|
| $18 \leq P_N < 37$ | 5,5 | 1,5 | 8,0 | 0,8 |
| $37 \leq P_N < 75$ | 5,0 | 1,3 | 7,0 | 0,4 |
| $75 \leq P_N < 130$ | 5,0 | 1,0 | 6,0 | 0,3 |
| $130 \leq P_N < 560$ | 3,5 | 1,0 | 6,0 | 0,2 |
| $P_N \geq 560$ | 3,5 | 1,0 | $n \geq 3\,150\ min^{-1} = 6,0$<br>$343 \leq n < 3\,150\ min^{-1} = 45 \times n^{(-0,2)} - 3$<br>$n < 343\ min^{-1} = 11,0$ | 0,2 |

([1]) CCNR Protokoll 19, Rizoluzzjoni tal-Kummissjoni Centrali għan-Navigazzjoni tar-Rhine tal-11 ta' Mejju ta' l-2000

([2]) CCNR Protokoll 21, Rizoluzzjoni tal-Kummissjoni Centrali għan-Navigazzjoni tar-Rhine tal-31 ta' Mejju ta' l-2001"